

**VALUTAZZJONI TAL-IMPATT REGOLATORJU**

**DWAR**

**L-ESTENSJONI TAS-SISTEMA TAL-EASA GĦAR-REGOLAZZJONI TAL-ĠESTJONI  
TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU U TAS-SERVIZZI TAN-NAVIGAZZJONI FL-AJRU  
(ATM/ANS)**

## WERREJ

<b>LISTA TAL-AKRONIMI.....</b>	<b>5</b>
<b>SOMMARJU EŻEKUTTIV.....</b>	<b>7</b>
<b>1. INTRODUZZJONI U AMBITU.....</b>	<b>11</b>
1.1 KUNTEST .....	11
1.2 PROĊESS ITERATIVI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT .....	11
1.2.1 "Regolazzjoni Aħjar" .....	11
1.2.2 L-identifikazzjoni tal-problema.....	12
1.2.3 Il-valutazzjoni tal-impatt preliminari tal-Kummissjoni .....	13
1.2.4 Il-valutazzjoni tal-impatt finali tal-Kummissjoni .....	13
1.2.5 Il-valutazzjoni tal-impatt regolatorju attwali .....	14
<b>2. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT REGOLATORJU .....</b>	<b>15</b>
2.1 APPROĊĊ GĦALL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT.....	15
2.1.1 Valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva .....	15
2.1.2 Il-metodoloġija tal-valutazzjoni .....	15
2.2 KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI.....	17
2.3 ANALIŻI TAL-PROBLEMI.....	18
2.3.1 Il-livell tas-sigurtà tal-ATM/ANS fl-Ewropa.....	18
2.3.1.1 Għajn ta' tagħrif dwar is-sigurtà .....	18
2.3.1.2 Kultura ta' sigurtà u ta' rapportar.....	18
2.3.1.3 L-għadd totali tal-aċċidenti, l-inċidenti jew l-okkorrenzi tal-ATM/ANS .....	19
2.3.1.4 L-aċċidenti, l-inċidenti, l-okkorrenzi u kategoriji relatati ta' l-ATM/ANS.....	20
2.3.1.5 Aċċidenti fatali li kkontribwew għalihom l-ATM/ANS .....	21
2.3.1.6 Oqsma ta' Riskju Ewlenin.....	23
2.3.1.7 L-ispiża tal-avvenimenti tas-sigurtà.....	24
2.3.2 Il-Qafas Regolatorju.....	25
2.3.2.1 Il-qafas regolatorju dinji: l-ICAO.....	25
2.3.2.2 Ir-regolamentazzjoni u l-istandardizzazzjoni fl-Ewropa .....	25
2.3.2.3 Il-qafas regolatorju fframmentat.....	26
2.3.3 Proċessi fil-livell nazzjonali.....	28
2.3.3.1 "L-ewwel għaxar" nuqqasijiet ta' konformità mikxufa mill-ESIMS .....	28
2.3.3.2 Il-ħidma attwali għas-sorveljanza tas-sigurtà tal-ATM/ANS .....	28
2.3.4 L-isfidi imposti mill-iżvilupp .....	28
2.3.5 Konklużjonijiet u l-ġustifikazzjoni għal intervent mill-UE .....	29
2.4 GĦANIJIET U INDIKATURI .....	29
2.4.1 Għanijiet .....	29
2.4.2 Għanijiet ġenerali .....	30
2.4.3 Għanijiet speċifiċi .....	30
2.4.4 Għanijiet operattivi .....	32
2.4.5 Indikaturi .....	32
2.5 GĦAŻLIET DISPONIBBLI .....	36
2.5.1 Għażliet għall-valutazzjoni tal-impatt preliminari .....	36
2.5.2 Għażliet kkunsidrati fir-RIA attwali .....	36
2.6 L-AĦJAR GĦAŻLA GĦALL-ESTENSJONI TAL-KOMPETENZA TAL-EASA GĦAR-REGOLAZZJONI TAS-SIGURTÀ TAL-ATM/ANS.....	39
2.6.1 Għażliet alternattivi .....	39
2.6.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati .....	39
2.6.2.1 L-Awtoritajiet Kompetenti .....	39
2.6.2.2 Il-fornituri ta' servizz ATM/ANS.....	40
2.6.2.3 Fornituri ta' servizzi multipli oħra .....	42
2.6.2.4 Organizzazzjonijiet tad-disinn, il-produzzjoni u l-manutenzjoni.....	43

2.6.2.5 Organizzazzjonijiet tat-taħriġ u eżaminaturi mediċi.....	44
2.6.2.6 Sommarju tal-entitajiet affettwati .....	44
2.6.3 L-impatt fuq is-sigurtà.....	45
2.6.4 L-Impatt Ekonomiku .....	48
2.6.4.1 Spezzjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni mill-Aġenzija .....	49
2.6.4.2 Regolazzjoni "orizzontali" tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà u - Kwalità .....	50
2.6.4.3 Sorveljanza fuq l-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni .....	51
2.6.4.4 Verifika tal-konformità għall-avjonika fuq l-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi .....	52
2.6.4.5 L-ispiża tad-danni.....	52
2.6.4.6 L-analiżi mill-Aġenzija dwar is-sigurtà u r-regolamentazzjoni .....	53
2.6.4.7 Sommarju tal-impatt ekonomiku.....	53
2.6.5 L-impatt ambjentali .....	54
2.6.6 L-impatt soċjali .....	54
2.6.6.1 L-awtoritajiet kompetenti.....	54
2.6.6.2 L-industrija.....	55
2.6.6.3 L-EUROCONTROL u l-Aġenzija .....	55
2.6.6.4 Sommarju tal-impatt soċjali.....	56
2.6.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA ...	56
2.6.7.1 "Mudell Ġdid".....	56
2.6.7.2 Il-ħruġ ta' liċenzji għat-trasportaturi tal-ajru .....	57
2.6.7.3 Sommarju tal-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra.....	58
2.6.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata .....	58
2.7 KUNĊETT TAL-OPERAZZJONIJET .....	59
2.7.1 Għażliet oħra .....	59
2.7.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati .....	60
2.7.2.1 Irwoli differenti .....	60
2.7.2.2 L-Awtoritajiet Kompetenti .....	61
2.7.2.3 Żviluppaturi tal-kunċetti .....	61
2.7.2.4 L-ATSPs .....	61
2.7.2.5 Sommarju tal-entitajiet affettwati .....	62
2.7.3 L-impatt fuq is-sigurtà.....	62
2.7.4 L-impatt ekonomiku.....	65
2.7.5 L-impatt ambjentali .....	68
2.7.6 L-impatt soċjali .....	68
2.7.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA ...	68
2.7.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata .....	70
2.8 ĠESTJONI TAL-FLUSS TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATFM) .....	70
2.8.1 Għażliet oħra .....	70
2.8.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati .....	71
2.8.2.1 L-Awtoritajiet Kompetenti .....	71
2.8.2.2 Fornituri tal-ATFM.....	71
2.8.2.3 Partijiet interessati oħra involuti fl-operazzjonijiet tal-avjazzjoni.....	71
2.8.2.4 Partijiet interessati oħra fl-avjazzjoni.....	72
2.8.2.5 Sommarju tal-entitajiet affettwati .....	72
2.8.3 L-impatt fuq is-sigurtà.....	72
2.8.4 L-Impatt Ekonomiku .....	74
2.8.5 L-impatt ambjentali .....	75
2.8.6 L-Impatt Soċjali .....	75
2.8.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA ...	76
2.8.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata .....	76
2.9 ĠESTJONI TAL-ISPAZZJU TAL-AJRU (ASM) .....	76
2.9.1 Għażliet oħra .....	76
2.9.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati .....	77
2.9.3 L-impatt fuq is-sigurtà.....	77
2.9.4 L-Impatt Ekonomiku .....	78

2.9.5 L-impatt ambjentali .....	80
2.9.6 L-Impatt Soċjali .....	80
2.9.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA ...	80
2.9.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata .....	81
2.10 INTRAPRIŻI ŻĠĦAR U MEDJI .....	81
2.10.1 Għażliet oħra .....	81
2.10.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati .....	82
2.10.3 L-impatt fuq is-sigurtà .....	82
2.10.4 L-Impatt Ekonomiku .....	84
2.10.5 L-impatt ambjentali.....	85
2.10.6 L-Impatt Soċjali.....	85
2.10.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA .	85
2.10.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata.....	86
2.11 ĊERTIFIKAZZJONI TAL-ANSPs PAN-EWROPEJ .....	86
2.11.1 Għażliet oħra .....	86
2.11.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati .....	86
2.11.3 L-impatt fuq is-sigurtà .....	87
2.11.4 L-Impatt Ekonomiku .....	88
2.11.5 L-impatt ambjentali.....	88
2.11.6 Impatt Soċjali .....	89
2.11.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA .	89
2.11.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata.....	90
<b>3. KONKLUŻJONIJIET .....</b>	<b>90</b>

**Lista tal-akronimi**

ACC	Ċentru ta' Kontroll taż-Żona
AIB	Korp li jinvestiga l-Inċidenti
AFIS	Servizz ta' Tagħrif dwar it-Titjir ta' Ajrudrom
AMC	Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità
ANS	Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru
ANSP	Fornitur ta' Servizz tan-Navigazzjoni bl-Ajru
AOC	Ċertifikat ta' Operatur bl-Ajru
ASM	Ġestjoni tal-Ispazju tal-Ajru
AST	Mudell tas-Sigurtà Annwali
ATC	Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru
ATCO	Uffiċjal tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru
ATFM	Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru
ATM	Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru
ATS	Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru
ATSP	Fornitur ta' Servizz tat-Traffiku tal-Ajru
CFIT	Titjira Kkontrollata għall-Inżul fuq l-Art
CFMU	Unità ta' Ġestjoni tal-Fluss Ċentrali
CoO	Kunċett tal-Operazzjonijiet
CRD	Dokument ta' Risposta għall-Kummenti
CS	Speċifikazzjoni għaċ-Ċertifikazzjoni
CTR	Volum ta' Spazju tal-Ajru Kkontrollat Madwar Ajrudrom
DOA	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tad-Disinn
EASA	Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni
EC	Kummissjoni Ewropea
ECAC	Konferenza Ewropea dwar l-Avjazzjoni Ċivili
EGNOS	Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja
ERs	Rekwiżiti Essenzjali
ESARR	Rekwiżiti Regulatorji tas-Sigurtà tal-EUROCONTROL
ESIMS	Monitoraġġ u Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-ESARR
EU	Unjoni Ewropea
FAB	Blokk Funzjonali tal-Ispazju tal-Ajru
FIR	Reġjun ta' Tagħrif dwar it-Titjir
FMP	Pożizzjoni fil-Ġestjoni tal-Fluss
FTE	Ekwivalenti tal-Ħin fuq Bażi <i>Full-Time</i>
FUA	Użu Flessibbli tal-Ispazju tal-Ajru
GSA	Awtorità ta' Sorveljanza tal-GNSS
GNSS	Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita
HLG	Grupp ta' Livell Għoli

HST	Tren b'Veloċità Għolja
ICAO	Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali
ICASC	Kumitat Internazzjonali tal-Istandards u l-Kalibrar tal-Ispazju ta' l-Ajru
ICB	Korp ta' Konsultazzjoni tal-Industrija
IFR	Regoli tat-Titjir bl-Istrumenti
IRs	Regoli tal-Implimentazzjoni
IS-SG	Grupp ta' Tmexxija Bejn is-Servizzi
JAMC	Ċellola ta' Ġestjoni Konġunta (ċivili-militari) tal-Ispazju tal-Ajru
LCIP	Pjanijiet ta' Konverġenza u Implimentazzjoni Lokali
MCA	Analiżi bi Kriterji Multipli
MS	Stat Membru
NAA/NSA	Awtorità ta' Sorveljanza/Awtorità tal-Avjazzjoni Nazzjonali (jew Ċivili)
NPA	Avviż għal Emenda Proposta
OPS	Operazzjonijiet ta' Titjir
POA	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet ta' Produzzjoni
QMS	Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità
RIA	Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju
RNAV	Navigazzjoni taż-Żona
RVSM	Valuri Minimi ta' Separazzjoni Vertikali Mnaqqsa
SARPs	Standards u Prattiċi Rakkomandati
SES	Ajru Uniku Ewropew
SESAR	Riċerka dwar l-ATM tal-Ajru Uniku Ewropew
SJU	Impriża Konġunta tas-SESAR
SME	Intrapriżi Żgħar u Medji
SMS	Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà
SRC	Kummissjoni għar-Regolazzjoni tas-Sigurtà
TSA	Żoni Temporanjament Segregati
TWR	Torri
UAS	Sistemi tal-Ajru Bla Ekwipaġġ
UIR	Reġjun Superjuri ta' Tagħrif (dwar it-titjira)
VLJ	Ġett Ħafif Ħafna

## Sommarju Eżekuttiv

L-għan ta' din il-valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju (RIA) huwa li jevalwa, minn perspettiva Ewropea, il-konsegwenzi potenzjali tal-estensjoni tar-Regolament Bażiku<sup>1</sup> għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) u s-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANS).

Ir-RIA attwali jibni fuq il-valutazzjoni tal-impatt preliminari li twettqet fl-2005 minn inizjattiva tas-servizzi tal-Kummissjoni. Twettqet mill-Aġenzija, skont il-metodoloġija maħruġa mil-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija biex ikunu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5.3 tal-proċedura tar-Regolamentazzjoni tal-Aġenzija.

Il-partijiet interessati kienu kkonsultati b'mod estensiv u b'mod partikolari l-1860 tweġiba tagħhom għall-NPA 2007-16 kienu ppreżentati fil-CRD 2007-16 ippubblikat mill-Aġenzija fit-18 ta' Marzu 2008.

Ir-RIA jagħti appoġġ lill-Opinjoni tal-Aġenzija li s-sistema<sup>2</sup> tal-EASA għandha tintuża biex:

- Titjeb is-sigurtà tal-ATM u l-ANS, li jistgħu jikkawżaw madwar 18-il aċċident kull sena (1/3 minnhom bil-fatalitajiet) u madwar 90 000 inċident fl-għoxrin sena li ġejjin;
- Jitnaqqsu l-ispejjeż, li jistgħu jkunu ġġenerati mill-aċċidenti u l-inċidenti relatati mal-ATM/ANS fl-UE 27+4<sup>3</sup> u li jistgħu jkunu stmati li jkunu madwar 680 M€/sena;
- Ikun implimentat approċċ ta' sistema totali għar-regolazzjoni tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili;
- Ikun stabbilit qafas regulatorju sod fl-UE 27+4, li jkun isseparat b'mod ċar mill-għoti tas-servizz, kif ukoll minn forom oħra ta' regolazzjoni jew intervent pubbliku;
- Jingħata appoġġ lill-proġett pan-Ewropew tas-SESAR billi jkun identifikat regolatur tas-sigurtà uniku li jkun kapaċi jsegwi l-iżviluppi u jħaffef l-implimentazzjoni bl-identifikazzjoni bikrija tal-mezzi ta' ċertifikazzjoni;
- Titjeb ir-rata tar-rapporti dwar l-inċidenti u l-okkorrenzi tal-ATM fil-livell tal-UE.

Kienu identifikati għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi. Indikaturi tar-riżultat ikkorelatati mal-għanijiet speċifiċi ntużaw fir-RIA attwali.

Wara l-kummenti li waslu għall-NPA 2007-16, l-Aġenzija ħasset il-ħtieġa li tevalwa l-impatt tal-estensjoni tar-Regolament Bażiku tagħha, meta mqabbla mal-inkorporazzjoni tar-rwol regulatorju dwar is-sigurtà tagħha fil-qafas tas-SES.

Hija identifikat ukoll il-mistoqsijiet li tpoġġew fl-NPA 2007-16 li kienu jirrikjedu valutazzjoni tal-impatt qabel wieħed seta' jasal għall-konklużjonijiet:

- Mistoqsija 1, li staqsiet jekk it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-kunċetti tal-operazzjonijiet kinitx funzjoni tal-gvern jew tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;
- Mistoqsija 3, li staqsiet jekk l-ASM u l-ATFM kellhomx jitqiesu li għandhom natura regulatorja jew ta' forniment ta' servizz;
- Mistoqsija 6, li staqsiet jekk l-għoti ta' ċerti servizzi għandux ikun suġġett għal ċertifikazzjoni;
- Mistoqsija 8, li staqsiet jekk iċ-ċertifikazzjoni tal-fornituri ta' servizz ATM/ANS pan-Ewropew għandhiex issir mill-Aġenzija; u, f'dak il-każ, x'għandhom ikunu l-kriterji li jiddefinixxu n-natura pan-Ewropea tas-servizz.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbli l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (*ĠU L 079, tad-19.03.2008, pġ. 1*).

<sup>2</sup> Is-"sistema" tal-EASA tinkorpora l-funzjonijiet kumplementari tal-Aġenzija u l-awtoritajiet tal-avjazzjoni kompetenti tal-Istati Membri għat-tweqqif tal-kompiti regulatorji rispettivi assenjati lilhom mil-leġiżlatur.

<sup>3</sup> L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera, kif ukoll l-UE 27, jiffurmaw parti mis-"sistema tal-EASA".

Kienu żviluppatti għażliet alternattivi għal kull punt li kellu jiġi analizzat. Tali għażliet kienu vvalutati għall-impatt tagħhom fl-ambitu tas-sigurtà, l-ekonomija, l-ambjent, l-impatt soċjali u r-relazzjoni ma' regolamenti Komunitarji rilevanti oħra. Sussegwentement huma tqabblu bl-użu ta' "punteġġi ddiferenzjati" mhux dimensjonali skont l-Analiżi bi kriterji Multipli.

Fuq il-bażi tar-riżultati ta' dawn l-istudji, l-Aġenzija fl-Opinjoni tagħha ddeċidiet li:

- tagħżel l-għażla 0B (ara l-paragrafu 2.6), li jfisser li l-firxa tar-Regolament Bażiku tkun estiża, minflok ma r-rwol tal-Aġenzija jkun inkorporat fil-leġislazzjoni tas-SES, minħabba li tal-ewwel tikseb punteġġ li hu d-doppju tat-tieni waħda fl-ambitu tas-sigurtà, waqt li hija l-orħos fl-ambitu ekonomiku ġenerali. L-impatt soċjali tagħha huwa limitat ħafna u jista' faċilment ikun imtaffi bit-trasferiment tal-FTE (l-ekwivalenti tal-ħin fuq bażi *full-time*) ikkonċernati lill-Aġenzija. L-aħħar imma mhux l-inqas, din hija l-unika waħda li taħseb għas-separazzjoni tas-sigurtà mill-aspetti l-oħra tar-regolazzjoni;
- twarrab l-għażliet 1A u 1B (ara l-paragrafu 2.7) u għaldaqstant tirrakkomanda li ma jkunux inklużi dispożizzjonijiet dwar ir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-kunċett "ġeneriku" tal-operat fir-Regolament Bażiku. Dan, fi kwalunkwe każ, ma jżommx lill-Impriża Konġunta tas-SESAR u lill-Aġenzija milli jikkonkludu arranġamenti adattati biex jagħtu kontribut għall-validazzjoni tal-prodotti tas-sigurtà tas-SESAR anki mill-aspett regolatorju;
- tagħżel l-għażla 1C, li tqis il-kunċett "speċifiku" tal-operat (li jimponi obbligi kemm fuq l-utenti tal-ispazju tal-ajru kif ukoll fuq il-fornituri tas-servizz) bħala ħidma regolatorja, kemm jekk titwettaq fil-livell tal-UE kif ukoll f'livell nazzjonali. Din l-għażla tikseb id-doppju tal-punteġġ ta' 1D (jiġifieri qis din il-parti tal-għoti tas-servizz); tabilħaqq hija tikseb punteġġ ħafna aħjar fl-ambitu tas-sigurtà, ma timponi l-ebda spejjeż addizzjonali u timminimizza l-impatt fuq leġislazzjoni tal-avjazzjoni oħra lil hinn mill-mandat tal-Aġenzija, waqt li hija newtrali fl-ambiti ambjentali u soċjali;
- tagħżel l-għażla 3C (ara l-paragrafu 2.8) li tqis li l-ATFM ċentrali għandha natura regolatorja, waqt li l-ATFM lokali/reġjonali għandha natura operattiva, minħabba li din l-għażla għandha impatt pożittiv massimu fuq is-sigurtà, għandha l-aktar spiża mnaqqa u għandha kompattibilità li ma tistax tkun ikkontestata mal-prinċipji u r-regoli tal-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern;
- tirrakkomanda l-għażla 3D (ara l-paragrafu 2.9), li tqis li l-ASM fil-livell tal-UE jew nazzjonali, u matul il-fażi strateġika, pre-tattika jew tattika, hija dejjem funzjoni regolatorja, minħabba li l-punteġġ ta' din l-għażla jiżboq lil dak taż-żewġ alternattivi fl-ambiti tas-sigurtà u ekonomiċi (bl-ebda spiża addizzjonali), waqt li se tkun ukoll kompatibbli mal-leġislazzjoni attwali lil hinn mill-mandat tal-Aġenzija; madankollu dan ma jżommx lill-Istati milli jiddelegaw il-funzjonijiet tal-ASM lill-ANSPs fil-livell lokali, jekk ikunu jixtiequ li jagħmlu dan;
- tagħżel l-għażla 6B (ara l-paragrafu 2.10), li jfisser li l-SMEs li joffru l-AFIS (jew il-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ) għandhom ikunu soġġetti għal regoli komuni pproporzjonati, u jkollhom l-obbligu li jiddikjaraw il-kapaċitajiet tagħhom, minħabba li din l-għażla tikseb punteġġ li huwa madwar erba' darbiet aktar mill-alternattivi tagħha, b'mod partikolari b'referenza għall-effiċjenza ekonomika u r-relazzjoni ma' leġislazzjoni Komunitarja oħra;
- tagħżel l-għażla 8C (ara l-paragrafu 2.11), li tqis li l-ANSPs li jfornu s-servizzi f'erba' Stati jew aktar se jkunu taħt is-sorveljanza tal-Aġenzija minħabba li din l-għażla globalment tikseb punteġġ li huwa madwar id-doppju tal-oħrajn u li jiżboq lil dak tal-oħrajn fl-ambitu ekonomiku, waqt li hija wkoll l-aħjar fl-ambitu tas-sigurtà.



Il-proposti ta' fuq huma konformi mal-pożizzjonijiet imfissra minn ħafna partijiet interessati kif ħarġu mill-konsultazzjonijiet estensivi (ara l-paragrafu 2.2) u b'mod partikolari mill-1860 kumment għall-NPA 2007-16 u l-mitt reazzjoni għall-CRD relatat.

It-tabella ta' taħt tagħti sommarju tal-impatt tal-kombinazzjoni tas-sitt għażliet magħżula:

Impatt		L-Għażliet Magħżula						IT-TOTAL		
		OB	1C	3C	3D	6B	8B			
Suġġett	Unità	R.B. Estiż	Kunċett ġeneriku tal-Operat* barra; Kunċett speċifiku tal-operat irregolat.	ATFM ċentrali tmexxi; lokali regolata	ASM irregol.	"awto-dikjar." għall-SME	P-E reali mill-EASA			
Sigurtà	Punteġġ Iddifferenzjat	9	7.4	7	7.5	7.2	9	<b>47.1</b>		
Ambjentali	Punteġġ Iddifferenzjat	0	0	0	0	1	0	<b>1</b>		
Ekonomiku	Għall-Aġenzija	K€/ sena	3,150	0	15	0	0	600	<b>3,765</b>	
	IT-TOTAL	K€ / sena	- 17,139	0	0	0	- 265.8	600	<b>- 16,805</b>	
Soċjali	Aġenzija	Impjiegi	21	0	0	0	0	0	<b>21</b>	
	ECTL**		- 10	0	0	0	0	0	<b>- 10</b>	
	Awtoritajiet		- 8	0	0	0	0	0	<b>- 8</b>	
	<b>Parzjali s-settur pubbliku kollu</b>		<b>3</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>3</b>
	<b>Parzjali s-settur privat kollu</b>		<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>
	<b>IT-TOTAL</b>		<b>3</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>3</b>
Fuq leġiżlazzjoni oħra tal-UE	Punteġġ Iddifferenzjat	3	1.33	3	3	3	2.2	<b>15.53</b>		

\* Kunċett tal-operat

\*\*EUROCONTROL

L-ebda waħda mill-għażliet magħżula m'għandha impatt negattiv fuq is-sigurtà. Bil-maqlub, kollha għandhom l-aħjar punteġġ fl-ambitu tas-sigurtà meta mqabbla mal-alternattivi rispettivi.

L-ispejjeż assoċjati mal-estensjoni tal-kompetenzi tas-sistema tal-EASA għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ATM/ANS huma stmati li jlaħħqu madwar 1,815 k€ kull sena għall-Aġenzija, waqt li b'mod parallel magħhom hemm tfaddil għall-partijiet interessati ta' madwar 17 M€/sena, dovuti mhux biss minn żieda marġinali fis-sigurtà (stmata li tlaħħaq 1% biss), imma l-aktar minħabba t-tħaffif tal-proċessi u t-tneħħija tal-frammentazzjoni fil-qafas regolatorju.

Barra minn hekk, il-politika proposta għandha twassal għal kontribuzzjoni marġinalment pożittiva għall-ħarsien tal-ambjent.

Fl-ambitu soċjali, il-politika proposta se jkollha impatt insinifikanti. Assolutament l-ebda impatt soċjali fuq is-settur privat li diġà huwa soġġett għall-obbligi tas-SES. Tmien impjiegji mitlufa fl-awtoritajiet nazzjonali, li madankollu faċilment jistgħu jintużaw mill-ġdid għal sorveljanza aħjar tal-ANSPs. Tmien impjiegji mitlufa fl-EUROCONTROL, li jistgħu jkunu ttrasferiti lill-Aġenzija. Sittax-il impjieg maħluqa fl-Aġenzija, inkluż il-bdil gradwali tal-ħidma tal-EUROCONTROL.

Fl-aħħar, il-politika proposta tista' tikkontribwixxi wkoll għal allinjament aħjar tar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ATM/ANS, mhux biss mal-bqija tar-Regolament Bażiku, imma wkoll mal-"mudell il-ġdid" u ma' politiki dwar l-avjazzjoni oħra u l-leġiżlazzjoni tas-suq intern. Il-firxa tal-kompetenza tal-Aġenzija se tkun limitata strettament għar-regolazzjoni tas-sigurtà, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-HLG, u dan se joħloq ukoll distinzjoni aħjar bejn ir-rwoli fir-rigward tas-SES.

Għaldaqstant, fuq il-bażi ta' dan ir-RIA, huwa meqjus li l-estensjoni tas-sistema tal-EASA għas-sigurtà u l-interoperabilità ajru/art tal-ATM/ANS hija ġġustifikata fl-ambitu tal-benefiċċji fis-sigurtà u l-benefiċċji ekonomiċi; din se tippermetti wkoll li l-leġiżlazzjoni dwar l-avjazzjoni fl-UE titħaddem b'aktar effiċjenza u ssir aktar konsistenti.

## 1. INTRODUZZJONI U AMBITU

### 1.1 Kuntest

Skont l-aħħar tbassir<sup>4</sup> fuq medda twila ta' żmien, ippublikat mill-EUROCONTROL (ix-xenarju C, jiġifieri tkabbir ekonomiku sostnut fi ħdan limitazzjonijiet ambjentali aktar stretti), it-traffiku tal-ajru mistenni **jkompli jikber** fl-għexieren ta' snin li ġejjin. Il-partijiet interessati l-oħra kollha jaqblu fuq din ix-xejra ġenerali. Għalkemm it-tbassir xjentifiku differenti ma jaqblux dwar in-numri u l-perċentwali taż-żidiet annwali attwali tat-tkabbir sostnut, wieħed jista' jinnota li fl-Ewropa, mill-2003 sa l-2007, ir-rata medja tat-tkabbir annwali kienet ta' 5.4%.

Skont il-Komunikazzjoni<sup>5</sup> tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, l-impatt tal-instabbiltà globali fuq is-suq tal-enerġija rriżulta f'żieda qawwiya fl-ispiża tal-fjuwil u wassal lill-industrija tal-linji tal-ajru biex tfitte li tikseb prestazzjoni aktar ekonomika waqt li topera f'suq intern illiberalizzat kważi għal kollox, fejn hija tikkompeti wkoll ma' modi oħra ta' trasport. F'dan l-ambitu, il-linji tal-ajru identifikaw l-għoti tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-mudelli tat-titjir bħala oqsma ewlenin li jeħtieġu titjib. It-talba tagħhom għal prestazzjoni aħjar fil-forniment tas-servizz tal-ATM/ANS saret il-forza ewlenija għall-bidla.

Madankollu, il-kombinazzjoni tat-tkabbir estiż mat-tfittxija għal aktar effiċjenza ekonomika tista' tnissel **sfidi ġodda għas-sigurtà** kif deskritt fil-paragrafu 2.3.1 hawn taħt.

It-tkabbir tal-kapaċità u t-titjib fis-sigurtà, flimkien mat-tkattir tal-aktar ħidma effiċjenti mil-lat ekonomiku safejn hu possibbli, kien tabilħaqq l-isfond għall-inizjattiva "Ajru Uniku Ewropew", li diġà stabbilixxiet il-kompetenza Komunitarja għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) u s-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANS)<sup>6</sup>.

Ir-riżultati ppreżentati tas-SESAR juru wkoll żieda li qed tkompli fit-traffiku u jikkonfermaw li l-isfida hija li tinħoloq sistema ġdida li kapaċi tlaħħaq ma' **żieda ġenerali ta' tliet darbiet fit-traffiku tal-ajru**<sup>7</sup>, waqt li, mill-inqas, tinżamm il-kwalità attwali tas-servizz bi spiża mnaqqsa għall-utenti. Dan bejn wieħed u ieħor ifisser li fl-Ewropa jridu jkunu mmaniġġjati madwar 30 miljun titjira tal-IFR minflok l-10 miljun titjira attwali kull sena.

Is-sistema tal-EASA, li ġiet iddisinjata biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-industrija f'ambjent kompetittiv, u barra minn hekk biex tippredvi livell għoli b'mod uniformi tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, irċeviet il-mandat mingħand il-leġiżlatur biex:

- tħaffef il-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi;
- tippromwovi l-benefiċċji fir-rigward tal-ispejjeż involuti fil-proċessi regolatorji u taċ-ċertifikazzjoni;
- tipprovdi kundizzjonijiet ġusti għall-atturi kollha fis-suq intern tal-avjazzjoni,

għandha għaldaqstant tkun kapaċi tikkontribwixxi għat-titjib fl-effiċjenza mil-lat ekonomiku mill-inqas f'żewġ modi:

- Użu razzjonali tar-riżorsi għall-proċessi regolatorji u taċ-ċertifikazzjoni;
- L-iżvilupp ta' regoli li huma pproporzjonati għar-riskji tas-sigurtà relatati u t-tip u l-komplexità tal-attività li jkopru.

### 1.2 Proċess iterativ għall-valutazzjoni tal-impatt

#### 1.2.1 "Regolazzjoni Aħjar"

<sup>4</sup> Tbassir fuq medda twila ta' żmien għall-2006-2025 tal-EUROCONTROL:

<http://www.eurocontrol.int/statfor/gallery/content/public/forecasts/Doc216%20LTF06%20Report%20v1.0.pdf>

<sup>5</sup> COM(2007) 845 finali tal-20 ta' Diċembru 2007 – KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI – L-Ewwel Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Leġiżlazzjoni tal-Ajru Uniku: il-kisbiet u t-triq 'il-quddiem

<sup>6</sup> Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 96, tal-31.3.2004, pġ. 1).

<sup>7</sup> Prodott D1 tas-SESAR, il-verżjoni 3.0, datat Lulju 2006: <http://www.sesar-consortium.aero/deliv1.php>

Skont il-prinċipju ta' "regolazzjoni aħjar" il-Kummissjoni għandha tipproduċi valutazzjoni tal-impatt meta tissottometti l-proposta lil-leġiżlatur. L-istess prinċipju japplika għall-Aġenzija, li wkoll għandha twettaq Valutazzjoni tal-impatt regolatorju (RIA) b'appoġġ għall-opinjoni jiet tagħha.

Wara l-identifikazzjoni tal-problema kif hemm rifless fis-sotto-paragrafu 1.2.2 hawn taħt, ix-xogħol ġie organizzat biex titnaqqas id-duplikazzjoni tal-ħidma. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt preliminari, studju dwar l-ispejjeż amministrattivi, u valutazzjoni tal-impatt finali; din tal-aħħar iffokat fuq "jekk" il-kompetenzi tal-Aġenzija għandhomx ikunu estenzi.

Intlaħaq qbil li l-Aġenzija għandha tipproduċi RIA speċifika dwar "kif" tista' tkun implimentata<sup>8</sup> l-estensjoni għall-ajrudromi u d-dokument attwali dwar "kif" l-istess estensjoni tista' tinkorpora wkoll l-ATM/ANS.

Is-sotto-paragrafi li ġejjin fil-Kapitolu 1 jagħtu sommarju, għal referenza eħfef, tax-xogħol estensiv f'għamla ta' valutazzjonijiet tal-impatt iterativi, li twettaq f'sinerġija mis-servizzi tal-Kummissjoni u l-Aġenzija. Dan ix-xogħol jinkludi konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati.

### 1.2.2 L-identifikazzjoni tal-problema

Fl-Ewropa, is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tgiebet drammatikament mill-bidu tas-snin sebgħin (jiġifieri madwar 200 vittma kull miljun titjira tal-IFR) sa l-1995 (jiġifieri tnaqqis għal madwar 10 vittmi kull miljun titjira tal-IFR) kif enfasizzat fir-RIA tal-Aġenzija dwar l-ajrudromi, imsemmi fuq. Madankollu, minkejja titjib teknoloġiku sinifikanti, minn dak iż-żmien ir-rata tal-aċċidenti baqgħet kważi kostanti. Fil-każ tal-ATM/ANS, tipi ġodda ta' talbiet (b'mod partikolari s-Sistemi tal-Ajru Bla Ekwipaġġ u l-ġettijiet ħfief ħafna), iż-żieda fit-traffiku u l-pressjoni kummerċjali, mistennija joħlqu sfidi ġodda.

Biex titnaqqas aktar il-probabbiltà ta' aċċident, huwa meħtieġ li wieħed jaġixxi mhux biss fuq it-teknoloġija, imma wkoll fuq aspetti oħra tal-"katina tas-sigurtà". Huwa ċar li l-prestazzjoni attwali fis-sigurtà tinkiseb bl-isforzi kollettivi ta' ħaddiema professjonali, ikkwalifikati ħafna u konxji dwar is-sigurtà. Madankollu l-mistoqsija m'hijiex biss dwar kif tista' tinżamm il-prestazzjoni attwali rigward is-sigurtà, imma kif tista' tittejjeb aktar fil-ġejjieni qarib, biex tittratta l-isfidi l-ġodda waqt li tottimizza l-użu tar-riżorsi fil-livell Ewropew. Wieħed jista' jipprevedi li aktar titjib fis-sigurtà jiddependi b'mod qawwi fuq il-kapaċità li fl-Ewropa jiddaħħlu b'mod effettiv u armonizzat, sistemi ta' ġestjoni tas-sigurtà (SMS) uniformi mill-partijiet interessati kollha. Imma l-SMS hija waħda biss mill-ġodda meħtieġa; il-proċessi regolatorji tas-sigurtà wkoll jeħtieġ li jitqiesu, flimkien mal-għaqdiet elettroniċi fost l-SMSs ta' diversi entitajiet u l-konsolidazzjoni tar-rekwiżiti tal-SMS fl-oqsma tal-avjazzjoni kollha. F'dan ir-rigward, għalkemm ir-regoli tal-ICAO jiffunzjonaw bħala qafas regolatorju għad-dinja kollha, dawn ir-regoli huma soġġetti għal differenzi fl-applikazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-ICAO toħroġ ħafna rakkomandazzjonijiet, li m'humix mandatorji, għall-Istati kontraenti. Għalhekk, fis-sitwazzjoni attwali, jeżistu differenzi ċari bejn l-Istati Membri fl-oqsma tal-ATM/ANS, minħabba li ħafna mill-attivitajiet tal-implimentazzjoni jitwettqu fil-livell tal-Istati Membri, mingħajr sorveljanza ċentrali qawwija jew ċertifikazzjoni ċentralizzata tal-ANSPs pan-Ewropej li qed ifeġġu. Diversità kbira sseħħ anki fejn twettqu ħidmiet ta' koordinazzjoni ċentrali (per eżempju fil-qasam tal-ATM). Minħabba f'hekk il-metodoloġija applikata għaċ-ċertifikazzjoni u għas-sorveljanza tas-sigurtà, jekk ikun hemm, tvarja b'mod qawwi bejn l-Istati Membri. Ir-riżorsi allokatati huma wkoll differenti fir-rigward tal-Istati Membri. Żvantaġġ ieħor tas-sitwazzjoni attwali huwa li hemm nuqqas ta' mudell ġenerali ta' "sistema totali" għas-sigurtà tat-trasport bl-ajru. L-oqsma differenti huma mmaniġġjati minn organizzazzjonijiet differenti, waqt li qed ikun irrikonoxxut dejjem aktar li s-sigurtà tat-trasport bl-ajru tibbenefika minn mudell *gate-to-gate* olistiku u konsistenti li jintegra l-ATM, l-ANS, it-tagħmir tal-inġenji tal-ajru, l-operazzjonijiet tal-ajru u tal-ajrudromi, kif ukoll il-kompetenza tal-persunal.

<sup>8</sup> [http://www.easa.europa.eu/doc/Rulemaking/opinions/Translations/03\\_2007/RIA%20Opinion%203-2007.pdf](http://www.easa.europa.eu/doc/Rulemaking/opinions/Translations/03_2007/RIA%20Opinion%203-2007.pdf)

B'mod partikolari, għandhom ikunu indirizzati l-problemi ewlenin li ġejjin fl-oqsma tal-ATM/ANS:

- żieda fil-livelli tas-sigurtà fl-ambitu tat-tkabbir kontinwu tat-traffiku tal-ajru previst għall-għexieren ta' snin li ġejjin (jiġifieri madwar +3% kull sena);
- tħaffif tal-introduzzjoni sigura ta' teknoloġiji ġodda;
- introduzzjoni ta' "mudell ta' sistema totali" għar-regolazzjoni tas-sigurtà li jinkorpora s-segmenti tal-ajru u tal-art, flimkien mal-persunal u l-organizzazzjonijiet li jwettqu kompiti f'għaqda elettronika mas-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru (ATS), waqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ta' bejniethom;
- ikunu evitati proċessi ta' ċertifikazzjoni multipli għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi f'oqsma<sup>9</sup> differenti jew għat-tagħmir<sup>10</sup>;
- ikunu ddefiniti r-responsabbiltajiet ġuridiċi u l-obbligi assoċjati, speċjalment fil-perspettiva tas-"separazzjoni" tal-ANS<sup>11</sup>, jew fil-każ tal-fornituri ta' sistemi kumplessi ħafna (per eżempju bbażati fuq is-satelliti);
- tkun indirizzata t-"taħlita" fil-qafas regolatorju fframmentat tas-sigurtà tal-avjazzjoni fil-livell Ewropew, kif enfasizzat mill-Grupp ta' Livell Għoli mwaqqaf fl-2006 mill-Viċi-President Jacques Barrot<sup>12</sup>.

### 1.2.3 Il-valutazzjoni tal-impatt preliminari tal-Kummissjoni

Valutazzjoni tal-impatt preliminari twettqet fl-2005 mal-Kummissjoni<sup>13</sup> permezz ta' konsulent b'kuntratt. Il-valutazzjoni kkonkludiet li l-estensjoni tal-kompetenzi tal-Aġenzija kienet tabilħaqq l-aktar għażla loġika, effettiva u effiċjenti. B'mod partikolari, skont l-opinjoni tal-konsulent, l-estensjoni tas-sistema tal-EASA tipproduċi benefiċċji notevoli fis-sigurtà, speċjalment meta titqabbel mal-għażla "tagħmel xejn".

Ir-riżultati kemm tal-intervisti kif ukoll tal-kwestjonarji li kien responsabbli għalihom il-konsulent (jiġifieri l-ECORYS) imqabbad mill-Kummissjoni, kienu ntużaw biex tkun żviluppata u ssostanzjata l-analiżi mwettqa fuq suġġetti differenti matul l-istudju tal-impatt preliminari, bħall-analiżi tal-problemi, il-valutazzjonijiet tal-impatt u t-tqabbil tal-għażliet. F'kull wieħed mill-kapitoli ewlenin ta' dak l-istudju, il-fehmiet tal-partijiet interessati kienu ppreżentati f'taqsimha separata. Barra minn hekk, analiżi ddettaljata tar-riżultati tal-kwestjonarju ngħatat fl-Anness B tad-dokument imsemmi. Il-partijiet interessati kienu identifikati permezz tas-sħubija tagħhom fil-Bord tal-Aġenzija jew bħala partijiet b'interess sinifikanti fl-ICB (Korp ta' Konsultazzjoni tal-Industrija), rappreżentattivi tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. Barra minn hekk saret konsultazzjoni wkoll ma' kampjun tal-ANSPs u tal-operaturi tal-ajrudromi.

### 1.2.4 Il-valutazzjoni tal-impatt finali tal-Kummissjoni

Imbagħad, f'Marzu 2008, is-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw il-valutazzjoni tal-impatt finali; li għandha takkumpanja l-proposta leġiżlattiva tagħha għall-estensjoni tal-kompetenzi tal-Aġenzija, b'attenzjoni speċjali mill-ġdid fuq "jekk" il-kompetenza tal-Aġenzija għandhiex tkun estiża għall-ajrudromi u l-ATM/ANS. Fuq il-bażi tax-xogħol imwettaq s'issa u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, kif ukoll

<sup>9</sup> Bħala eżempju, il-kumpanija Spanjola AENA li hija kemm operatur ta' aerodrom (b'hekk suġġetta għar-rekwiżiti essenzjali tar-Regolament Bażiku meta jkun approvat mil-leġiżlatur) kif ukoll ANSP (u b'hekk suġġetta għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi "rekwiżiti komuni" għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (*ĠU L 335, tal-21.12.2005, pġ.13*).

<sup>10</sup> Per eżempju, għall-verifika ta' kemm il-parti miġrura fl-ajru tal-ATM hija adattata għall-użu, li hija fil-firxa kemm tar-Regolament Bażiku tal-EASA kif ukoll tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-xibka Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (*ĠU L 96, tal-31.3.2004, pġ. 26*).

<sup>11</sup> Artikolu 7.3 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru fl-ajru uniku Ewropew (*ĠU L 96, tal-31.3.2004, pġ. 10*).

<sup>12</sup> Ir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Livell Għoli għall-Qafas Regolatorju tal-Avjazzjoni Ewropea tal-ġejjieni (Lulju 2007): [http://ec.europa.eu/transport/air\\_portal/hlg/doc/2007\\_07\\_03\\_hlg\\_final\\_report\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/transport/air_portal/hlg/doc/2007_07_03_hlg_final_report_en.pdf)

<sup>13</sup> [http://ec.europa.eu/transport/air\\_portal/traffic\\_management/studies/doc/finalized/2005\\_09\\_15\\_atm\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/transport/air_portal/traffic_management/studies/doc/finalized/2005_09_15_atm_en.pdf)

ix-xogħol u l-konsultazzjonijiet tal-Aġenzija, din il-valutazzjoni tal-impatt finali waslet għal konklużjoni pożittiva rigward din l-affari.

### 1.2.5 Il-valutazzjoni tal-impatt regolatorju attwali

Il-kompetenza Komunitarja rigward l-ATM u l-ANS kienet diġà stabbilita meta kien adottat il-pakkett leġislativ tas-SES. Kif issemma' hawn fuq, l-istudji kollha li saru s'issa kkonkludew li hemm hteġa li jsir pass ieħor fir-razzjonalizzazzjoni tar-regolazzjoni tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili f'livell Komunitarju billi tkun estiża l-kompetenza tal-Aġenzija għar-regolazzjoni tal-ATM u l-ANS. B'hekk l-Aġenzija qieset li l-mistoqsija "jekk" kienet twiegħbet.

Imbagħad kien għad baqa' l-hteġa li tkun indirizzata l-mistoqsija dwar "kif" dan għandu jsir bl-istess mod ta' kif kien sar fir-rigward tal-estensjoni tas-sistema tal-EASA għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ajrudromi<sup>14</sup>. L-għan tad-dokument attwali huwa għaldaqstant li jevalwa<sup>15</sup>, fl-ambitu msemmi fuq, l-impatt ta' soluzzjonijiet alternattivi potenzjali. Minħabba li l-ħsieb huwa li jinbena, kemm jista' jkun possibbli, fuq il-proċessi regolatorji stabbiliti skont is-SES, l-Aġenzija ma ħassitx li kien adattat li ssir valutazzjoni tal-impatt ta' tali proċessi meta l-mudell propost tagħha ma kienx se jitbiegħed minnhom. Bil-maqlub, ħasset li kien meħtieġ li tivvaluta aktar il-bidliet potenzjali f'tali proċessi, kif ukoll teżamina xi kwistjonijiet li qieset li ma kinux ċari biżżejjed fl-ambitu tas-SES. Minħabba f'hekk, il-valutazzjoni tal-impatt regolatorju attwali tiffoka fuq il-punti li ġejjin:

Għandha l-kompetenza tal-Aġenzija tkun stabbilita billi jkun emendat ir-Regolament Bażiku jew billi jiddaħħlu dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-rwol tal-Aġenzija fir-Regolamenti<sup>16</sup> tal-Ajru Uniku Ewropew (SES)?

It-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-kunċetti tal-operazzjonijiet hija funzjoni tal-gvern jew tal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru?

Għandhom l-ASM u l-ATFM jitqiesu bħala li huma ta' natura regolatorja jew ta' natura ta' forniment ta' servizz?

Għandu l-forniment ta' ċerti servizzi jkun eżentat miċ-ċertifikazzjoni?

Għandha ċ-ċertifikazzjoni tal-fornituri ta' servizz ATM/ANS pan-Ewropew issir mill-Aġenzija; u f'tali każ, x'għandhom ikunu l-kriterji biex tkun iddefinita n-natura pan-Ewropea tas-servizz?

Fil-qosor, il-valutazzjoni tal-impatt regolatorju attwali tikkumplementa l-proċess iterativ imwettaq tul perjodu ta' tliet snin b'kooperazzjoni sħiħa bejn l-Aġenzija, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-ħafna partijiet interessati involuti fil-bosta konsultazzjonijiet estensivi li seħħew rigward l-estensjoni possibbli tas-sistema tal-EASA għall-ajrudromi, l-ATM u l-ANS.

<sup>14</sup> Opinjoni Nru 3/2007 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni biex ikun emendat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni, biex tkun estiża l-firxa tagħha għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabilità tal-aerodromi  
[http://www.easa.europa.eu/doc/Rulemaking/opinions/Translations/03\\_2007/Opinion%203-2007.pdf](http://www.easa.europa.eu/doc/Rulemaking/opinions/Translations/03_2007/Opinion%203-2007.pdf)

<sup>15</sup> Il-pożizzjonijiet/twegħbiet tal-partijiet interessati hawnhekk m'humix analizzati fid-dettall, minħabba li hemm sommarju tagħhom fid-Dokument tat-Twegħbiet għall-Kummenti (CRD 2007-16) ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija fit-18 ta' Marzu 2008, [http://www.easa.europa.eu/ws\\_prod/r/doc/CRD-2007-16.pdf](http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/CRD-2007-16.pdf)

<sup>16</sup> Ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004 (ir-Regolament qafas), (KE) Nru 550/2004 (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz), (KE) Nru 551/2004 (ir-Regolament tal-ispazju tal-ajru) u (KE) Nru 552/2004 (ir-Regolament ta' interoperabilità), tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 (*ĠU L 96, tal-31.3.2004, pġ. 1-42*).

## 2. Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju

### 2.1 Approċċ għall-valutazzjonijiet tal-impatt

#### 2.1.1 Valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva

Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju (RIA) hija evalwazzjoni tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' regoli jew modifiki għal-leġiżlazzjoni previsti, waqt li wieħed iqis diversi għażliet potenzjali biex tintlaħaq il-mira komunitarja mistennija (jiġifieri regolazzjoni aktar effettiva u effiċjenti tas-sigurtà tal-ATM u l-ANS), waqt li wieħed jikkwantifika sa fejn huwa vijabbli l-impatt tagħhom fuq il-kategoriji kollha tal-persuni u l-organizzazzjonijiet affettwati.

Il-fond tal-istudju għandu jkun ipproporzjonat għall-impatt mistenni tal-proposta, kif mistqarr fil-linji gwida applikabbli tal-Kummissjoni għall-valutazzjonijiet tal-impatt. Dawn l-impatti għandhom jiġu analizzati minn perspettivi differenti. Għaldaqstant dan ir-RIA, li jaffettwa s-settur tal-avjazzjoni u b'mod partikolari lill-ATM/ANS, fil-valutazzjoni tal-impatt iqis b'mod partikolari l-affarijiet li ġejjin:

- is-sigurtà;
- l-ekonomija;
- l-ambjent;
- il-qasam soċjali;
- u l-impatt fuq ir-rekwiżiti ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA, imma li huma wkoll, direttament jew indirettament, relatati mal-avjazzjoni.

B'mod aktar partikolari l-impatti elenkati fuq kienu vvalutati kwalitattivament jew kwantitattivament, kif indikat fit-Tabella 1:

Valutazzjoni	I M P A T T					Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni
	Sigurtà		Ekonomija	Ambjent	Soċjali	
	FI-imgh oddi	Impatt fil-ġejjieni				
<b>Kwantitattiva</b>	X					
<b>Kwantitattiva mhux mirquma</b>		X	X		X	
<b>Kwalitattiva</b>		X	X	X	X	X

**Tabella 1: Valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tal-impatt**

Kull wieħed minn dawn il-ħames punti se jiġi analizzat individwalment fil-valutazzjoni tal-impatt f'§ 2.6 sa 2.11 hawn taħt.

#### 2.1.2 Il-metodoloġija tal-valutazzjoni

Il-metodoloġija applikata għall-valutazzjonijiet tal-impatt hija strutturata f'6 stadji:

- L-analiżi tal-problemi deskritta f'paragrafu 2.3;
- Id-definizzjoni tal-għanijiet (ġenerali, speċifiċi u operattivi) u l-indikaturi kif indikat f'paragrafu 2.4;
- L-identifikazzjoni ta' għażliet alternattivi għall-kwistjonijiet ewlenin li jfeġġu mill-konsultazzjoni (jiġifieri r-relazzjoni mal-atti ġuridiċi tas-SES; il-kunċett tal-

operazzjonijiet; il-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru – ATFM; il-Ġestjoni tal-Ispazju tal-Ajru – ASM; l-intrapriżi żgħar/medji bħas-Servizzi ta' Tagħrif dwar it-Titjir ta' Ajrudrom – AFIS; u ċ-ċertifikazzjoni ta' ANSPs pan-Ewropej) fil-paragrafu 2.5;

- L-identifikazzjoni u l-istima tad-daqs tal-grupp fil-mira;
- L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatti ta' kull għażla possibbli għall-ħames punti li huma elenkati f'2.1.1 biex ikunu stabbiliti dawk li huma l-aktar sinifikanti;
- Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) konklussiva.

L-impatti potenzjali huma kkorelatati b'mod qawwi mal-għanijiet ġenerali u speċifiċi identifikati f'2.4.2 u 2.4.3 t'hawn taħt. Il-kejl tagħhom huwa bbażat fuq l-indikaturi tal-monitoraġġ (l-indikaturi tar-riżultat) indikati fil-paragrafu 2.4.5 t'hawn taħt. Madankollu, l-indikaturi relatati mal-għanijiet ġenerali jistgħu jkunu influwenzati b'mod sinifikanti ħafna minn politiki oħra. Għaldaqstant m'huwiex adattat li wieħed iqishom meta jkun qed jevalwa l-impatt tal-estensjoni proposta tal-kompetenza tal-Aġenzija għall-ATM u l-ANS.

L-użu ewlieni tal-għanijiet ġenerali huwa li jingħata appoġġ lid-definizzjoni tal-għanijiet speċifiċi għall-politika proposta. L-indikaturi tar-riżultat ikkorelatati ma' dawn l-għanijiet speċifiċi se jintużaw fir-RIA attwali kif ikun adattat; huma jistgħu jintużaw ukoll fil-ġejjieni għall-evalwazzjoni regolari tal-prestazzjoni tas-sistema tal-EASA. F'dan l-ambitu, l-indikaturi operattivi ġew identifikati fil-paragrafu 2.4.5; għalkemm dawn m'humix uttilizzati fir-RIA attwali, huma jistgħu jintużaw fil-ġejjieni biex anki jsiru, b'mod kontinwu, punti ta' referenza tal-progress tal-inizjattiva proposta.

Wara li jkunu ġew identifikati l-impatti kollha ta' kull kwistjoni ewlenija u kull għażla ta' politika relatata, fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi msemmija, ir-riżultati huma ppreżentati f'sommarju bħala matriċi tal-impatt fis-sotto-paragrafi konklussivi minn 2.6 sa 2.11 t'hawn taħt. Il-proċedura biex tkun żviluppata tali matriċi hija l-Analiżi bi kriterji Multipli (MCA), imwettqa permezz tal-istadji ddettaljati li ġejjin:

- L-identifikazzjoni tal-għanijiet speċifiċi, li huma applikabbli għall-għażliet alternattivi kollha proposti;
- Il-korrelazzjoni ta' kull għażla mal-punti potenzjali tal-impatt li huma rilevanti, biex ikun jista' jsir it-tqabbil tal-għażliet;
- Il-ħolqien ta' kriterji ta' kejl (permezz ta' indikaturi tar-riżultat) - għall-inqas f'termini kwalitattivi u fejn possibbli f'termini kwantitattivi (fil-każ ta' dawn tal-aħħar wieħed irid iqis id-daqs tal-grupp fil-mira);
- L-għoti ta' punteġġ li juri kemm kull għażla tissodisfa b'mod tajjeb il-kriterji, b'kull impatt espress, kemm jekk imkejjel kwantitattivament jew evalwat kwalitattivament, f'ordni mhux dimensjonali ("punteġġ"): jiġifieri -3 għal impatt negattiv ħafna, -2 għal impatt negattiv medju, -1 għal impatt negattiv żgħir, 0 għal impatt newtrali u sa +3 għal impatti pożittivi;
- L-għoti ta' "punteġġ iddifferenzjat" għal kull punt ta' impatt sabiex tintwera l-importanza relattiva tiegħu: punteġġ iddifferenzjat ta' 3 kien assenjat għal impatti fuq is-sigurtà u l-ambjent; 2 għal impatti ekonomiċi u soċjali, u 1 għal impatt fuq leġiżlazzjoni oħra tal-UE;
- Fl-aħħar, wieħed iqabbel l-għażliet billi jikkombina l-punteġġi ddifferenzjati rispettivi tagħhom.



## **2.2 Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati**

Sa issa, konsultazzjoni strutturata u iterativa mal-partijiet interessati (apparti l-iskambju ta' ittri u l-iskambji informali) twettqet permezz ta' tnax-il mekkaniżmu, kif jidher fis-sommarju fit-tabella 2 t'hawn taħt:

<b>N.</b>	<b>Responsabbli</b>	<b>Perodu ta' Konsultazzjoni</b>	<b>Grupp fil-Mira</b>	<b>Mekkaniżmu</b>	<b>Riżultati</b>
1	ECORYS	Nofs I-2005	Aktar minn 70 parti interessata magħżula	Kwestjonarji	Waslu 56. Sommarju tat-tweġibiet fir-rapport tal-ECORYS
2	ECORYS	Nofs I-2005	25 parti interessata ewlenija	Intervisti	Sommarju tat-tweġibiet fir-rapport tal-ECORYS
3	EASA	Diċ 2005	Grupp ta' Konsultazzjoni ta' l-Awtoritajiet Nazzjonali (AGNA)	Konsultazzjoni dwar il-Programm tar-Regolamentazzjoni annwali ta' l-EASA	Approvat il-kompitu BR.003
4	EASA	Diċ 2005	Kumitat Konsultattiv dwar l-Istandards tas-Sigurtà (SSCC)		Approvat il-kompitu BR.003
5	EASA	Diċ 2005	AGNA	Konsultazzjoni dwar it-ToRs għall-kompitu BR.003	Ippubblikati t-ToRs
6	EASA	Diċ 2005	SSCC		Ippubblikati t-ToRs
7	EASA	Diċ 2007	Il-pubbliku permezz ta' kunsultazzjoni fuq l-Internet	NPA 2007-16	Waslu 1860 kumment. Ippubblikat il-CRD
8	EASA	Marzu 2008	Il-pubbliku permezz ta' kunsultazzjoni fuq l-Internet	CRD 2007-16	100 reazzjoni waslu għand 18-il parti interessata. Meqjusa għall-Opinjoni
9	KE	Minn kmieni fl-2006	Awtoritajiet ta' Sorveljanza Nazzjonali	Attendenza fil-laqgħa tal-SRC tal-EUROCONTROL	Attendenza u dibattitu kostanti fil-laqgħat
10	KE	Minn kmieni fl-2007	Awtoritajiet Nazzjonali	Kumitat tas-SES	Tagħrif kostanti furnut fil-laqgħat
11	EASA	Mill-2007	EGNOS u Galileo	Attendenza regolari fil-laqgħat tal-GALCERT	Titjib fil-fehim mal-GSA u l-ESA
12	EASA	Mill-2007	IRIS (Servizzi ta' komunikazzjoni permezz tas-satellita)	Attendenza regolari fil-grupp ta' esperti esterni	Titjib fil-fehim mal-ESA

**Tabella 2: Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-Kummissjoni kontinwament forniet tagħrif dwar il-progress fix-xogħol fuq l-estensjoni tas-sistema tal-EASA lill-Kumitat tal-Ajru Uniku (SSC), lill-ICB imsemmi u lill-Kummissjoni għar-Regolazzjoni tas-Sigurtà (SRC) tal-EUROCONTROL.

Min-naħa tagħha l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-proċedura tar-regolamentazzjoni tagħha, ikkonsultat darbtejn mal-AGNA u s-SSCC rispettivament dwar l-inklużjoni tal-kompitu BR.003 fil-Programm tar-Regolamentazzjoni u mbaġħad dwar it-ToRs iddettaljati fir-rigward tal-progress tagħha. Mill-2007 l-Aġenzija għamlet kull ma setgħet biex iżżomm kuntatt mhux biss mal-awtoritajiet kompetenti, imma wkoll mal-partijiet interessati ewlenin fir-rigward ta' sistemi pan-Ewropej kumplessi ħafna, bħal ma huma dawk li għandhom settur spazjali. Dawn il-partijiet interessati jinkludu l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-GNSS (GSA) u l-Aġenzija Ewropea tal-Ispazju (ESA). Din il-ħidma kkontribwixxiet għall-kwantità u l-kwalità tal-kummenti li waslu dwar l-NPA 2007-16. Aktar minn 1800 kumment waslu u kienu analizzati, kif deskritt fil-CRD 2007-16 ippublikat fit-18 ta' Marzu 2008. Fl-aħħar il-CRD ukoll waslulu 100 reazzjoni, li wkoll kienu analizzati bi tnejnija għall-Opinjoni attwali.

Bħala konklużjoni, u ovvjament fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-partijiet interessati kollha kellhom opportunitajiet multipli biex jesprimu l-fehmiet tagħhom lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija, f'konformità mal-prinċipji ta' "regolazzjoni aħjar".

## **2.3 Analiżi tal-problemi**

### *2.3.1 Il-livell tas-sigurtà tal-ATM/ANS fl-Ewropa*

#### *2.3.1.1 Għajn ta' tagħrif dwar is-sigurtà*

Kull sena l-Kummissjoni għar-Regolazzjoni tas-Sigurtà (SRC) tal-EUROCONTROL tippubblica analiżi annwali tas-sigurtà li hija disponibbli fuq l-Internet. L-edizzjoni <sup>17</sup> tal-2007 ta' dan ir-rapport, li fih dejta sa l-2006, intużat bħala l-għajn ewlenija tad-dejta fattwali f'dan il-paragrafu.

#### *2.3.1.2 Kultura ta' sigurtà u ta' rapportar*

Fl-2006, 24 Stat, imqabbla ma' 21 Stat fis-sena ta' qabel, irrapportaw lill-ATM tal-EUROCONTROL okkorrenzi speċifiċi fir-rapport tal-AST <sup>18</sup> tagħhom. Dan huwa **inqas (madwar 63%) mill-għadd totali** tal-Istati Membri <sup>19</sup>, tal-EUROCONTROL, u seħħ hekk minħabba nuqqas ta' aċċess tal-Punt Fokali <sup>20</sup> għad-dejta dwar is-sigurtà tal-ANSP, jew sempliċement għax din it-tip ta' okkorrenza mhux qed tinġabar. Barra minn hekk l-għadd totali tal-okkorrenzi rrapportati u l-kwalità tad-dejta jvarjaw b'mod sinifikanti minn Stat għal ieħor.

Fejn il-Punti Fokali tal-AST għandhom aċċess għad-dejta dwar is-sigurtà tal-ANSP, ikkombinata ma' sistema tajba ta' rrapportar, l-għadd tal-okkorrenzi speċifiċi tal-ATM irrapportati kien kbir, għalkemm jinkludi proporzjon għoli ta' avvenimenti tekniċi minuri mingħajr impatt fuq is-sigurtà. Madankollu fl-2006, 5 Stati kienu rrapportaw aktar minn

<sup>17</sup> Il-Kummissjoni għar-Regolazzjoni tas-Sigurtà (SRC) tal-EUROCONTROL – Rapport Annwali tal-2007 dwar is-Sigurtà:  
[http://www.eurocontrol.int/src/gallery/content/public/documents/report/srcdoc43\\_e1.0\\_ri%20-%20EPR%20Final.pdf](http://www.eurocontrol.int/src/gallery/content/public/documents/report/srcdoc43_e1.0_ri%20-%20EPR%20Final.pdf)

<sup>18</sup> Mudell tas-Sigurtà Annwali

<sup>19</sup> Attwalment 38, li jinkludu: 25 Stat tal-UE (minbarra l-Estonja u l-Latvja), 2 Stati assoċjati wkoll ma' l-EASA (in-Norveġja u l-Iżvizzera), 6 Stati mill-Ispazju Komuni Ewropew tal-Avjazzjoni (l-Albanija, il-Bosnija-Ħerżegovina, il-Kroazja, FYROM, il-Montenegro u s-Serbja), u 5 Stati oħra tal-ECAC (l-Armenja, il-Moldova, Monako, it-Turkija u l-Ukraina).

<sup>20</sup> Innominati mill-Istati Membri kif rekwiżit minn ESARR 2.

500 okkorrenza speċifika tal-ATM kull wieħed, waqt li 10 mill-24 Stat li jirrapportaw l-okkorrenzi speċifiki tal-ATM (jiġifieri 42%) irrapportaw inqas minn 10 okkorrenzi kull sena.

Dan huwa enfazzat mir-Rapport Annwali tal-SRC tal-EUROCONTROL, li jindika varjazzjoni kbira fil-kulturi tal-irrapportar fl-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet, u jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar standardizzazzjoni effettiva fil-livell tal-UE.

Dan jinnota wkoll li r-Rekwiżit Regulatorju tas-Sigurtà tal-EUROCONTROL (ESARR) 2<sup>21</sup> dwar l-irrapportar u l-evalwazzjoni tal-okkorrenzi tas-sigurtà fl-ATM kien ippubblikat, l-edizzjoni 1.0 tiegħu, fit-12 ta' Novembru 1999, b'applikabilità mill-1 ta' Jannar 2000; u li, wara seba' snin, 2/3 biss tal-Istati involuti rrapportaw lill-EUROCONTROL. Dan jitqies bħala sintomu ċar tal-progress bil-mod fir-rigward tal-arranġamenti intergovernattivi.

Ir-rapporti sottomessi mill-Punti Fokali lill-EUROCONTROL fl-2007, ibbażati fuq ir-rekwiżiti tal-ESARR 2 u d-Direttiva 2003/42/KE<sup>22</sup>, madankollu, jindikaw aktar progress fl-implimentazzjoni tal-kultura tal-irrapportar dwar is-sigurtà minn persunal fuq bażi individwali. Madankollu, skont l-imsemmi Rapport Annwali tas-SEC, għad hemm għadd ta' kwistjonijiet li jeħtieġu attenzjoni, li jinkludu:

- F'għadd ta' Stati tal-ECAC<sup>23</sup> hemm nuqqas ta' ambjent ta' "Kultura Ġusta" fir-rigward tal-irrapportar tal-okkorrenzi u, għalkemm din il-kwistjoni, li hija l-aktar waħda importanti, qed tkun ittrattata f'livelli globali, Ewropej u nazzjonali, imma b'mod deplorevoli l-progress għadu jsejtn bil-mod.
- In-nuqqas kontinwu f'livell nazzjonali ta' riżorsi u persunal ikkwalfikat, iddedikat għall-ġbir u l-analiżi tad-dejta dwar is-sigurtà.

In-nuqqas ta' riżorsi se jkunu diskussi aktar fil-paragrafu 2.3.3.2 t'hawn taħt. Il-kwistjoni tal-"kultura ġusta" mhux se titqies aktar fir-RIA attwali, minħabba li l-leġiżlatur diġà, u riċentement, adotta dispożizzjonijiet speċifiki għall-ħarsien tas-sors tat-tagħrif<sup>24</sup>.

### 2.3.1.3 L-għadd totali tal-aċċidenti, l-inċidenti jew l-okkorrenzi tal-ATM/ANS

Dejta preliminari għall-2006 mqabbla mal-2005, turi żieda (minn 85 għal 96) fir-rigward tal-għadd totali tal-aċċidenti fl-Ewropa (għal inġenji tal-ajru b'MTOM > 2250 kg). Inqas minn 10% ta' dawk l-aċċidenti rriżultaw f'fatalitajiet. Madankollu l-kontribut (dirett jew indirett) tal-ATM/ANS għall-għadd tal-aċċidenti, skont l-imsemmi Rapport Annwali tal-2007 tal-SRC, baqa' baxx: fil-firxa ta' 6 minn 96 aċċident (jiġifieri madwar 6%). Fir-rigward tal-aċċidenti, ir-rata tar-rapporti (kontra l-għadd totali stmat ta' avvenimenti simili mhux irrapportati) tista' titqies li hija 100%.

Fl-2006 l-għadd tal-inċidenti riskjużi ħafna tal-ATM naqas ftit, bit-total ta' tali inċidenti kull sena jibqa' madwar 600. Anki f'dan il-każ, wieħed jista' jassumi b'ottimiżmu li r-rata tar-rapporti hija 100%.

Barra minn hekk, l-EUROCONTROL tistma li t-total ta' 9 600 inċident relatati mal-ATM (inklużi dawk bi gravità minuri u mingħajr riskju sinifikanti għas-sigurtà) irrapportati fl-2006, jista' jirrappreżenta 31% biss tat-total attwali. Għaldaqstant l-Aġenzija stmat li l-għadd totali tal-inċidenti relatati mal-ATM fl-ECAC fl-2006 kien fil-firxa ta' 30 000 għal kull, bejn wieħed u ieħor, 10 miljun titjira IFR.

L-EUROCONTROL tirreġistra wkoll li fl-2006 ġew irrapportati 15 658 okkorrenza<sup>25</sup> relatati mal-ATM. L-EUROCONTROL ma tistmax ir-rata tal-irrapportar għal dan it-tip ta' avveniment. L-Aġenzija tassumi li r-rata tista' tkun fil-firxa ta' 30%, bħal dik tal-inċidenti.

<sup>21</sup> [http://www.eurocontrol.int/src/gallery/content/public/documents/deliverables/esarr2awareness\\_package/esarr\\_2e20ri.pdf](http://www.eurocontrol.int/src/gallery/content/public/documents/deliverables/esarr2awareness_package/esarr_2e20ri.pdf)

<sup>22</sup> Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 167, tal-4.7.2003, pġ. 23).

<sup>23</sup> Konferenza Ewropea dwar l-Avjazzjoni Ċivili, li llum tiġbor fiha 42 Stat, inklużi l-Membri kollha tal-UE 27.

<sup>24</sup> Artikolu 16 tar-Regolament Bażiku (KE) Nru 216/2008 tal-20 ta' Frar 2008, li ssemma' diġà.

Skont l-istudju preliminari mwettaq mill-ECORYS fl-2005, fil-perjodu ta' 10 snin mill-1994 sa l-2004, fl-Ewropa kien hemm medja ta' 3.9 aċċident tal-ajru kummerċjali fatali kull sena, li fihom il-kwistjonijiet tal-ATM/ANS kienu fatturi kontributuri. Jekk ma jsir xejn biex tittejjeb iżjed is-sigurtà, jiġifieri jekk ir-rata tal-aċċidenti tibqa' fil-livell attwali, dan jirriżulta f'6 sa 8 aċċident tal-ajru kummerċjali fatali kull sena fl-2025 fejn l-ATM/ANS ikunu fatturi li jikkontribwixxu.

Fil-paragrafu 1.1 ta' fuq, hemm imfakkar li s-SESAR tistma żieda ta' tliet darbiet fil-livell tat-traffiku fuq l-ECAC: jiġifieri 30 miljun titjira IFR kull sena, kontra l-10 miljuni attwali. L-esperti kollha jaqblu li ż-żieda sinifikanti fit-traffiku se twassal għal żieda fl-avvenimenti tas-sigurtà, jekk ma jkun implimentat xejn biex tittejjeb is-sigurtà. Uħud jistmaw li, minħabba li ż-żieda fit-traffiku se twassal għal żieda fid-densità fiż-żmien u l-ispazju, iż-żieda relatata fl-avvenimenti tas-sigurtà ma tistax tkun lineari, imma bil-maqlub, se tkun esponenzjali (jiġifieri aktar għolja). L-Aġenzija madankollu tosserva li ma jeżistix qbil għalissa dwar il-kwantifikazzjoni taż-żieda esponenzjali msemmija. Għaldaqstant, fit-Tabella 3 li ġejja, hemm biss ipoteżi prudenti ħafna ta' żieda lineari fl-avvenimenti tas-sigurtà:

Avvenimenti tas-sigurtà b'kontribuzzjoni (diretta jew indiretta) mill-ATM/ANS	Irrapportati lill-EUROCONTROL fl-2006	Ir-rata stmata tal-irrapportar	L-għadd totali stmat ta' avvenimenti kull 10 miljun titjira IFR/ sena	Estrapolazzjoni lineari tal-għadd tal-avvenimenti għal 30 miljun titjira IFR/sena
Aċċidenti b'fatalitajiet	3.9 (irrapportati mill-ECORYS)	100%	Mhux applikabbli	<b>6-8</b> (stmati mill-ECORYS)
Aċċidenti	6	100%	6	<b>18</b>
Inċidenti riskjużi	600	100%	600	1,800
It-total tal-inċidenti	9,600	31%	30,000	90,000
Okkorrenzi ta' l-ATM	15,658	30%	50,000	150,000

**Tabella 3: L-għadd stmat tat-total tal-avvenimenti tas-sigurtà relatati mal-ATM/ANS**

2.3.1.4 L-aċċidenti, l-inċidenti, l-okkorrenzi u kategoriji relatati ta' l-ATM/ANS

Fl-imsemmi Rapport Annwali dwar is-Sigurtà tal-2007, l-SRC tal-EUROCONTROL evalwat ukoll il-kategoriji l-aktar rilevanti tal-aċċidenti/inċidenti. B'mod partikolari, il-kategorija "**Kollizzjoni fuq l-art**" instab li fl-aċċidenti kienet l-aktar waħda sinifikanti, għax kopriet 11% tat-total fl-2006. F'dik il-kategorija l-aktar avvenimenti riskjużi huma l-**Inkursjonijiet fuq ir-Ranwej**, b'667 każ ta' dan it-tip irrapportati fl-ECAC fl-2006: kważi 2 inkursjonijiet fuq ir-ranwej kuljum. Dan it-total juri żieda ta' 6% fl-2006 meta mqabbel mal-2005. Għalkemm ix-xejra ġenerali fl-inkursjonijiet tal-akbar gravità qegħda tonqos, din it-tip ta' okkorrenza, anki fid-dawl taż-żieda kontinwa mistennija fil-ħidma tal-ajruporti, teħtieġ attenzjoni u ħidma kontinwa.

<sup>25</sup> Wieħed għandu jinnotta li dan l-għadd jinkludi proporzjon għoli ta' avvenimenti tekniċi minuri, li m'għandhomx impatt fuq is-sigurtà minħabba l-eżistenza ta' miżuri ta' mitigazzjoni bħala appoġġ adattat, bħal ma huwa t-tagħmir addizzjonali li jaħdem f'każ ta' ħsara u l-konfigurazzjoni mill-ġdid b'mod awtomatiku.

Il-kategorija "**Impatt fl-Art ta' Titjira Kkontrollata (CFIT)**" fl-2006 uriet żieda fuq l-2005 (minn 5 għal 7). CFIT tibqa' t-tieni l-aktar kategorija sinifikanti. Wieħed għandu jinnota li CFIT tista' sseħħ ukoll minn traffiku tal-avjazzjoni ġenerali tal-IFR f'ajrudromi minuri, fejn daż-żmien, ta' spiss ma jingħataw l-ebda sinjali vertikali tan-navigazzjoni bir-radju. L-għadd totali tal-inċidenti fil-kategorija "Kważi Impatt fl-Art ta' Titjira Kkontrollata (Kważi CFIT)" naqas (21 fl-2006, 31 fl-2005). Madankollu, l-inċidenti riskjużi huma kważi fl-istess livell għoli bħall-2005 (3 ta' gravità A fl-2006 vs. 4 fl-2005, u 6 ta' gravità B kemm fl-2006 kif ukoll fl-2005). Barra minn hekk, il-proporzjon ta' Kważi CFIT riskjużi ħafna huwa għoli ħafna.

L-għadd totali tal-inċidenti fil-kategorija **Ksur tas-Separazzjoni Minima** rreġistra tnaqqis żgħir ta' inqas minn 2% (f'termini assoluti) u 6% f'figuri nnormalizzati meta mqabbel mal-2005. Dan it-tnaqqis kien rifless ukoll fil-ksur tas-separazzjoni minima riskjużi ħafna. B'kollox din il-kategorija għadha tkopri madwar 100 avveniment kull miljun siegħa ta' titjir kull sena.

Wara ż-żieda sinifikanti (30%) fl-għadd totali fl-2005, iż-żieda fid-dejta preliminari għall-2006 dwar **Penetrazzjoni Mhux Awtorizzata fl-Ispazju tal-Ajru** kienet inqas qawwija billi kienet 4%, li tikkorrispondi għal total ta' kważi 1 500 inċident irrapportat. L-għadd tal-avvenimenti mhux irrapportati jista' fil-fatt ikun ferm ikbar.

Il-kategorija **Devjazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru mill-Awtorizzazzjoni tal-ATC** tiġbor flimkien il-forom kollha ta' devjazzjoni mill-awtorizzazzjonijiet mogħtija, inklużi devjazzjonijiet minn livell assenjat, minn rotta assenjata, minn ħin assenjat kif ukoll minn altitudnijiet minimi siguri fejn ikun applikabbli. Il-ġabra flimkien ta' dawn l-avvenimenti kollha tispjega d-daqs tal-għadd komprensiv tal-inċidenti f'din il-kategorija, li żdiedu b'5% fl-2006 – f'konformità mat-tkabbir tat-traffiku. L-għadd tal-avvenimenti rrapportati f'din il-kategorija kien fil-firxa ta' 140 kull miljun siegħa titjir.

Barra minn hekk l-EUROCONTROL qieset speċi ta' kategorija "baskett", identifikata bħala **Devjazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru mir-Regolazzjoni Applikabbli tal-ATM**. Wieħed għandu jinnota li ċerti Devjazzjonijiet ta' Inġenji tal-Ajru mir-Regolazzjoni Applikabbli tal-ATM huma rreġistrati wkoll f'kategoriji oħra fejn iċ-ċirkostanzi tal-okkorrenza huma applikabbli (per eżempju Penetrazzjoni Mhux Awtorizzata fl-Ispazju tal-Ajru). Madankollu, f'din il-kategorija kien hemm żieda kemm fl-għadd ġenerali rrapportat fl-2006 (2 370 okkorrenza) kif ukoll fl-għadd tal-inċidenti riskjużi (43).

#### 2.3.1.5 Aċċidenti fatali li kkontribwew għalihom l-ATM/ANS

L-Istrateġija 2000+ tal-ECAC għall-ATM stabbiliet objettiv tas-sigurtà ta' livell għoli: "**.... Li jitjebu l-livelli tas-sigurtà billi jkun żgurat li l-għadd tal-aċċidenti u l-inċidenti serji, jew riskjużi, ikkawżati mill-ATM ma jiżdidux u, fejn hu possibbli, jonqsu**". L-għadd tal-aċċidenti rrapportati mill-EUROCONTROL ivarja minn sena għal sena, kif wieħed jista' jistenna, imma x-xejra ġenerali attwalment mhux qed tiżdied quddiem l-isfond tal-livelli tat-traffiku li qed jiżdiedu. Għaldaqstant, l-objettiv tas-sigurtà tal-ECAC attwalment qiegħed jintlaħaq sa fejn għandhom x'jaqsmu l-aċċidenti fatali. **B'mod partikolari, fl-2006, ma kienet irreġistrata l-ebda fatalità li kienet konsegwenza ta' aċċidenti relatati mal-ATM/ANS.**

Madankollu, matul il-perjodu ta' għaxar snin mill-1997 sa l-2006, l-ATM jew possibbilment l-ANS (bħal per eżempju servizzi ta' navigazzjoni mhux adegwati jew nuqqas ta' tagħrif AIS f'waqtu jew li ma jinftiehemx malajr) kienu kkontribwew direttament jew indirettament għal mill-inqas disa' aċċidenti fatali rreġistrati fl-UE 27+4:

- 30 ta' Lulju 1997, ATR-42, Air Littoral, I-Italja, fatalità 1.  
L-inġenju tal-ajru niżel fit-tul u b'veloċità kbira, u sussegwentement qabeż ir-ranweġ 23 twila 1 650 m ta' Firenze. Il-limitu tar-ranweġ kien spostat bir-riżultat li kien baqa' distanza ta' 1 030 m għall-inżul.
- 17 ta' Diċembru 1997, Yakovlev 42, Aerosweet, il-Greċja, 70 fatalità.  
Wara avviċinament tal-ILS mhux mill-huq l-inġenju tal-ajru ngħata struzzjonijiet biex iżid l-altitudni u jmur lejn it-Tramuntana u jistenna biex jagħmel it-tieni attentat. Minflok, l-inġenju tal-ajru ddevja lejn il-Lbiċ-Punent u ħabat ma' muntanja f'għoli ta' 3 300 pied, 71.8 km mill-ajruport.
- 30 ta' Lulju 1998, Beech 1900, Proteus Air, Franza, 14-il fatalità.  
L-inġenju tal-ajru ħabat ma' Cessna 177 f'għoli ta' 2 000 pied. L-inġenju tal-ajru kien talab permess biex ibiddel il-pjan tat-titjira u jinżel taħt it-3 000 pied fi spazju tal-ajru mhux ikkontrollat biex itir minn fuq il-vapur tal-passiġġieri 'Norway'. L-inġenji tal-ajru ma kinux qed jużaw l-istess frekwenza u ż-żewġ ekwipaġġi tat-titjir probabbilmnt kienu qed jiffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-vapur tal-passiġġieri.
- 25 ta' Frar 1999, Dornier 328, Minerva Airlines, I-Italja, 4 fatalitajiet.  
Meta niżel fir-Ranweġ 29 f'Ġenova l-inġenju tal-ajru kien irrapportat li għamel inżul 'fit-tul u b'veloċità għolja' b'komponent ta' riħ minn wara. Meta qorob it-tarf tar-ranweġ, il-bdot apparentament ipprova jdawwar l-inġenju tal-ajru lejn naħa waħda imma ma rnexxilux. Sussegwentement l-inġenju tal-ajru qabeż ir-ranweġ u waqa' fl-ilmijiet tal-Golf ta' Ġenova.
- 11 ta' Diċembru 1999, British Aerospace ATP, SATA Air Açores, il-Portugall (l-Azores), 35 fatalità.  
It-temp matul il-vjaġġ kien affettwat minn sistema ta' front bi sħab kumulonimbus mifruq, xita qawwija, turbulenza u rwiefen qawwija mil-Lbiċ, tant li l-ekwipaġġ iddeċieda li jbidel il-pjan tat-titjira, billi għażel rotta li kienet tinkludi nżul fuq il-kanal bejn il-Gżejjer Pico u Sao Jorge biex jinterċetta l-VOR radjali ta' 250 grad ta' Horta. It-torri ta' Horta inizjalment awtorizza l-inġenju tal-ajru għal FL 100. L-ekwipaġġ imbagħad talab inżul għal 5 000 pied u kien awtorizzat bl-istruzzjoni li jżomm kuntatt viżiv mal-Gżira Pico. Waqt l-inżul kienet irrapportata xita qawwija u turbulenza. Seba' minuti wara li nbeda l-inżul, l-inġenju tal-ajru ħabat man-naħa tat-Tramuntana tal-għolja ta' Pico de Esperanca, fuq il-gżira ta' Sao Jorge, f'IMC. Il-GPWS wissa lill-ekwipaġġ 17-il sekonda qabel l-impatt;
- 25 ta' Mejju 2000 – Ħabta fuq ir-ranweġ fl-ajruport Charles De Gaulle (Franza)<sup>26</sup>, fatalità 1.  
Il-kawżi potenzjali kienu, l-ewwel nett il-perċezzjoni żbaljata ta' kontrollur dwar il-pożizzjoni ta' inġenju tal-ajru, b'din tkun imsaħħa mill-kuntest u l-metodi tax-xogħol, li wassluh biex jawtorizza inġenju tal-ajru Shorts biex jidħol fil-linja. U t-tieni nett, l-inadegwatezza tal-proċeduri ta' verifika sistematika fl-ATC, li għamluha impossibbli li l-iżball jiġi ikkoreġut;
- 08 ta' Ottubru 2001 – Ħabta fuq ir-ranweġ fl-ajruport ta' Linate (I-Italja)<sup>27</sup>, 114-il fatalità.  
L-istħarriġ ikkonkluda li wieħed jista' jassumi li l-kawża immedjata tal-aċċident kien id-dħul ta' inġenju tal-ajru Cessna fuq ir-ranweġ attiva. Il-kunsiderazzjoni ovvja hija li l-azzjoni relatata mal-fattur uman tal-ekwipaġġ taċ-Cessna – f'kundizzjonijiet ta' viżibilità baxxa – iridu jkunu ddiferenzjati max-xenarju li ppermetta li sseħħ is-sensjela ta' avvenimenti li wasslu għall-ħabta fatali; ugwalment wieħed jista' jistqarr li s-sistema użata fl-ajruport ta' Linate f'Milan ma kinitx mgħammra biex tidentifika n-nuqqas ta' fehim, minbarra, fost affarijiet oħra, proċeduri mhux adegwati u żbalji umani sfaċċati;

<sup>26</sup> <http://aviation-safety.net/database/record.php?id=20000525-0>

<sup>27</sup> <http://aviation-safety.net/database/record.php?id=20011008-0>

- 24 ta' Novembru 2001, British Aerospace 146, Crossair, l-Iżvizzera, 24 fatalità. Fl-24 ta' Novembru 2001 fid-20:01 UTC l-inġenju tal-ajru beda t-tluġ mill-ajruport ta' Berlin-Tegel fuq titjira skedata għal Zurich. Fid-20:58 UTC, wara titjira bla inċidenti, l-inġenju tal-ajru rċieva l-awtorizzazzjoni għal avviċinament 28 VOR/DME standard fl-ajruport ta' Zurich. Quddiem l-inġenju tal-ajru involut fl-aċċident, Embraer EMB 145, it-titjira CRX 3891, niżel fuq ir-ranwej 28 tal-ajruport ta' Zurich. L-ekwipaġġ informa lit-torri tal-kontroll li t-temp kien qrib il-minimu għal din ir-ranwej. Fid-21:00 UTC it-titjira CRX 3597 rrapportat fuq il-frekwenza tal-kontroll tal-ajrudrom. Meta fid-21:06 l-inġenju tal-ajru wasal fl-altitudni minima għall-inżul (MDA) ta' 2 390 pied, il-kmandant qal lill-ko-pilota li kellu ċertu kuntatt viżiv mal-art u kompli l-inżul. Ftit wara l-inġenju tal-ajru ħabat mal-qċaċet tas-siġar u sussegwentement kellu impatt mal-art;
- 01 ta' Lulju 2002 – Ħabta waqt it-titjir (fuq Überlingen)<sup>28</sup>, 71 fatalità, li l-kawżi tagħha kienu identifikati bħala dawn li ġejjin, fost affarijiet oħra:
  - Il-ksur imminenti tas-separazzjoni, ma kienx innutat fil-waqt mill-ATC. L-istruzzjoni lit-TU154M biex jinżel ingħatat f'ħin meta s-separazzjoni preskritta mal-B757-200 ma setgħetx tkun żgurata aktar.
  - L-ekwipaġġ tat-TU154M segwa l-istruzzjoni tal-ATC biex jinżel u kompli jagħmel hekk wara li t-TCAS tah parir biex jibda jżid l-altitudni. Din il-manuvra twettqet kontra t-TCAS RA ġġenerata.
  - L-integrazzjoni tal-ACAS/TCAS II fis-sistema ta' avjazzjoni totali ma kinitx biżżejjed u ma kinitx tikkorrispondi fil-punti kollha mal-filosofija tas-sistema.
  - Ir-regolamenti fir-rigward tal-ACAS/TCAS ippubblikati mill-ICAO, u minħabba f'hekk ir-regolamenti tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali, l-istruzzjonijiet operattivi u proċedurali tal-produttur u l-operaturi tat-TCAS ma kinux standardizzati, ma kinux sħaħ u kienu parzjalment kontradittorji.
  - Il-ġestjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru ma kinux jiżguraw li matul il-lejl l-istazzjonijiet tax-xogħol miftuħa kienu jkunu kollha mgħammra kontinwament mill-kontrolluri.
  - Il-ġestjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-fornitur tas-servizz tat-traffiku ta' l-ajru ttolleraw għal bosta snin li matul il-perjodi ta' fluss tat-traffiku baxx ikun hemm kontrollur wieħed biss fuq ix-xogħol waqt li l-ieħor ikun qed jistrieħ.

**Fl-2006, ħamsa minn seba' aċċidenti CFIT kienu fatali.** Waqt li l-ATM ma kienx direttament jew indirettament fattur kawżali, l-EUROCONTROL ma tipprovdix dejta biex wieħed ikun jista' jikkonkludi jekk id-disponibilità ta' ANS xierqa setgħetx tikkontribwixxi biex ikunu evitati milli jseħħu dawn l-aċċidenti.

### 2.3.1.6 Oqsma ta' Riskju Ewlenin

Fil-qosor, fl-imsemmi Rapport Annwali dwar is-Sigurtà tal-2007, l-SRC tal-EUROCONTROL telenka l-oqsma ta' riskju ewlenin li ġejjin:

- **Ħabtiet fuq l-art** u partikolarment **Dħul fuq ir-Ranwej;**
- **Dħul Mhux Awtorizzata fl-Ispazju tal-Ajru;**
- **Impatt fl-Art ta' Titjira Kkontrollata (CFIT) jew "kważi CFIT"**, li għandhom il-proporzjon ta' inċidenti riskjużi (gravità A u gravità B), fl-għadd totali tas-CFITs, għoli ħafna (43% fl-2006 mqabbla ma' 32% fl-2005) u qed ikompli jiżdid. Biex wieħed iqabbel, il-proporzjon ta' inċidenti riskjużi fil-ksur tas-separazzjoni minima huwa madwar 20% u għad-dħul fuq ir-ranwej huwa 10%;
- **Devjazzjoni tal-inġenji tal-ajru minn awtorizzazzjoni ta' ATC;**
- **Devjazzjoni ta' inġenju tal-ajru mil-livell ta' titjir assenjat lilu (level busts);**
- **Livell tal-ATS fl-ajrudromi.**

<sup>28</sup> <http://aviation-safety.net/database/record.php?id=20020701-1>

Għall-punt tal-aħħar, b'mod partikolari fil-madwar ta' ajrudromi sekondarji, fl-2005 I-SRC kienet diġà semmiet it-tħassib tagħha rigward id-differenzi fost I-Istati fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru u d-diversità fil-livell tal-ATS furnuti. Fl-imsemmi Rapport tal-2007, l-EUROCONTROL ikkonkludiet li m'hemmx mudell standard fil-forniment tal-ATS u t-twaqqif ta' spazju tal-ajru kkontrollat għal titjriet kummerċjali. Għaldaqstant, skont I-SRC, hija meħtieġa azzjoni regolatorja partikolarment rigward dan il-qasam ta' riskju ewlieni.

Għaldaqstant, fuq il-bażi ta' dak ta' fuq, l-Aġenzija tikkonkludi li:

- Huwa meħtieġ mudell ta' sistema totali biex titejjeb is-sigurtà tal-ATM/ANS;
- Is-servizzi ANS, miżjuda mal-ATM, jixirqilhom li jingħataw attenzjoni;
- L-għadd totali tal-aċċidenti (jew aċċidenti fatali) tant huwa baxx li, biex wieħed jevalwa b'mod kredibbli l-indikaturi tas-sigurtà, is-sistemi tal-irrapportar tal-inċidenti jeħtieġ li jitjiebu u l-analiżi ċentralizzata tkun organizzata fl-ambitu ta' sistema totali.

### 2.3.1.7 L-ispiża tal-avvenimenti tas-sigurtà

L-aġar aċċident relatat mal-ATM jista' jinvolvi ħabta b'enerġija kbira bejn żewġ inġenji tal-ajru kbar ħafna, bir-riżultat li t-tnejn tant iġarrbu ħsara li jitqiesu bħala meqruda (hull loss) u jaffettwaw ukoll aktar minn 500 ħajja umana<sup>29</sup>.

Il-valur ta' ħajja umana waħda huwa kunċett kontroversjali ħafna, jekk jitqies mil-lat morali. Madankollu, mil-lat tal-ispejjeż tal-assigurazzjoni, fuq il-bażi tal-letteratura<sup>30</sup> fid-dokument attwali tqieset fil-firxa ta' miljun €. Aċċident wieħed tal-ATM/ANS, li jinvolvi mill-inqas inġenju tal-ajru kummerċjali kbir, jista' faċilment jaffettwa 50 ħajja umana. Għaldaqstant l-ispiża totali ta' dawk il-vittmi tista' tkun stamata li tlaħħaq 50 miljun €.

Fit-30 ta' Marzu 2008 għadd ta' inġenji tal-ajru użati kienu offruti fuq l-Internet. Ġettijiet tan-negozju moderni, relattivament kbar, kienu offruti għal prezzijiet ta' 15-34 miljun US \$<sup>31</sup>, jiġifieri bħala medja l-valur residwali ta' ġett tan-negozju jista' jitqies li huwa fil-firxa ta' 20 miljun €. Il-valur residwali ta' ajruplan kummerċjali kbir jista' għaldaqstant ikun stmat li huwa mhux inqas minn 100 miljun € (id-doppju ta' dan għall-ajruplani kbar ħafna, bħall-B-747).

Għaldaqstant aċċident wieħed li jinvolvi żewġ B-747s se jirrappreżenta 200 + 200 = 400 miljun € fir-rigward tal-ispiża meta l-ajruplani jitqiesu bħala meqruda. Wieħed iżid magħhom 500 x 1 miljun € = 500 miljun € għall-ħajjiet meqruda. L-ispiża totali tista' tkun fil-firxa ta' 900 miljun €, jekk wieħed jassumi li ma saret l-ebda ħsara addizzjonali għal partijiet terzi fuq l-art. Madankollu, il-probabbiltà ta' dan it-tip ta' aċċident (wieħed biss seħħ fl-istorja tal-avjazzjoni) fil-fatt kien ippruvat li hija remota ħafna; għaldaqstant ma jkunx xieraq li titqies tali spiża enormi fil-paragrafi li ġejjin tal-IRA attwali.

**Aċċident (li direttament jew indirettament jinvolvi l-ATM jew l-ANS) probabbilment jinvolvi bħala medja l-qerda ta' ġett kummerċjali (b'valur residwali ta' madwar 100 miljun €) u 50 ħajja umana, għal spiża totali ta' madwar 150 miljun €. Wieħed jassumi li wieħed minn kull ħames aċċidenti (jiġifieri 20%) relatati mal-ATM/ANS jistgħu jitpoġġew f'din il-kategorija.**

Għat-80% li jibqa' tal-aċċidenti, wieħed jista' josserva li fl-UE 27+4 l-aktar avvenimenti tas-sigurtà frekwenti meta jitmexxa inġenju tal-ajru huma l-ħabtiet ma' oġġetti fissi jew mat-tagħmir tal-art. L-ATM jista' jkun fattur li qed jikkontribwixxi.

<sup>29</sup> <http://aviation-safety.net/database/record.php?id=19770327-0>

<sup>30</sup> [http://www.law.harvard.edu/programs/olin\\_center/papers/pdf/422.pdf](http://www.law.harvard.edu/programs/olin_center/papers/pdf/422.pdf)

<sup>31</sup> <http://www.aviationbusinessindex.net/listings.asp?airframe=F&make=GULFSTREAM>



Tali **okkorrenzi fl-ajrudromi, għalkemm ġeneralment la jaffettwaw il-ħajjiet tan-nies u lanqas iwasslu għall-qerda tal-inġenju tal-ajru, madankollu jinvolvu wkoll spejjeż sinifikanti**. Skont id-dejta fornuta mill-programm Prevenzjoni ta' Aċċidenti fuq l-Art (GAP) imniedi fl-2003 mill-Fondazzjoni<sup>32</sup> għas-Sigurtà tat-Titjir (FSF: organizzazzjoni internazzjonali indipendenti li ma tagħmilx qligħ) anki inċident minuri jista' jirriżulta f'tiswijiet għaljin għall-inġenju tal-ajru u tħarbit fl-iskeda u żmien fuq l-art għat-tiswija tal-inġenju tal-ajru li saħansitra huma aktar għaljin) ta' madwar 10 000 miljun US \$/sena madwar id-dinja, li tisser spiża medja ta' 370 000 US \$/aċċident jew inċident. Aċċidenti tal-ATM jinkludu avvenimenti meta l-inġenju tal-ajru jitmexxa matul il-passaġġi ta' ċirkolazzjoni. Fl-istimi tal-FSF hemm inklużi anki l-ħsarat minuri (u għaldaqstant orħos u jissewwew aktar malajr) f'inġenji tal-ajru wieqfa f'żoni ta' parkeġġ. Għaldaqstant, l-użu tal-valuri stmati mill-FSF fir-RIA attwali, jista' jwassal għal stima baxxa wisq, u mhux għal stima kbira wisq, tal-ispiża. Jekk wieħed jassumi li 1€ = 1.35 US \$ (fl-2006), **l-ispiża medja ta' avveniment wieħed minn dawk, tista' tiswa madwar 270 000 €.** **Hawnhekk wieħed jassumi li tali avvenimenti jirrappreżentaw 80% tal-aċċidenti relatati mal-ATM/ANS.**

L-ispiża medja ta' aċċident wieħed relatat mal-ATM/ANS tista' tkun stmata fil-firxa ta':  
 $(1 \times 150 \text{ miljun } \text{€}) \times 20\% + (4 \times 270 \text{ 000 } \text{€}) \times 80\% = 37 \text{ 770 000 } \text{€}$

Fil-paragrafu 2.3.1.3 ta' fuq, fil-ġejjieni l-għadd potenzjali ta' aċċidenti kull sena relatati mal-ATM/ANS, jekk ma jsir xejn biex tittejjeb is-sigurtà, huwa stmat li jkun 18.

**B'hekk wieħed jasal għall-konklużjoni li fl-għoxrin sena li ġejjin l-ispiża tal-aċċidenti relatati mal-ATM/ANS fl-Ewropa tista' tkun, bħala medja, 18 x 37.77 = 680 M€/sena.**

### 2.3.2 Il-Qafas Regulatorju

#### 2.3.2.1 Il-qafas regulatorju dinji: l-ICAO

Għall-qafas ICAO, japplikaw il-kunsiderazzjonijiet espressi fir-RIA mehmuża mal-Opinjoni 03/2007<sup>33</sup> tal-Aġenzija. Bħala sommarju, is-sistema bbażata fuq l-Annessi tal-ICAO u t-traspożizzjoni ġuridika tagħhom fil-livell nazzjonali, tippreżenta n-nuqqasijiet ewlenin li ġejjin:

- L-ebda regola vinkolanti ġuridikament fil-livell internazzjonali;
- Ir-regoli ta' spiss jispeċifikaw biss il-"x'hiex", u mhux "min minn" (jiġifieri l-organizzazzjoni), u lanqas "kif" (per eżempju ċertifikazzjoni u sorveljanza mill-Awtoritajiet kompetenti);
- Huma meħtieġa proċessi ta' traspożizzjoni ġuridika paralleli f'kull Stat kontraenti, b'eteroġenità inerenti, differenza fil-perjodi taż-żmien u multiplikazzjoni tax-xogħol.

#### 2.3.2.2 Ir-regolamentazzjoni u l-istandardizzazzjoni fl-Ewropa

Skont il-prodott D1 tas-SESAR<sup>34</sup>, għalkemm ir-regolamenti tas-sigurtà u sistema ta' rrapportar dwar il-prestazzjoni kienu stabbiliti madwar l-Ewropa, l-implimentazzjoni tagħhom ma kinitx konsistenti u saret bil-mod ħafna. Tali imġiba m'hijiex aċċettabbli u għandha ssir b'mod trasparenti għal kunsiderazzjoni konxja tal-utenti finali. Il-mudell attwali tal-ġestjoni u l-infurzar m'huwiex kapaċi jisforza lill-Istati biex jimplementaw tali regolamenti. Dan irid jinbidel u r-rekwiżit huwa għal qafas istituzzjonali uniku b'organizzazzjoni u struttura tal-ġestjoni li jkollha l-kapaċità twettaq dan b'mod koerenti u konsistenti. Jekk il-livell tal-prestazzjoni tas-sigurtà ma jistax jiżjed, il-kapaċità ma tistax tikber.

<sup>32</sup> [http://www.flightsafety.org/gap\\_home](http://www.flightsafety.org/gap_home)

<sup>33</sup> [http://www.easa.europa.eu/ws\\_prod/r/doc/opinions/Translations/03\\_2007/RIA%20Opinion%203-2007.pdf](http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/opinions/Translations/03_2007/RIA%20Opinion%203-2007.pdf)

<sup>34</sup> <http://www.sesar-consortium.aero/deliv1.php>

Ir-Rapport Annwali tas-Sigurtà tal-2007 tal-SRC tal-EUROCONTROL, imsemmi diġà, żied li l-livell tal-forniment tal-ATS fil-viċinanza tal-ajrudromi sekondarji kien diġà ssemma bħala tħassib mill-SRC fl-2005, b'fokus fuq it-*tkabbir* fl-użu tagħhom mit-trasportaturi kummerċjali, u d-differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru u l-livell tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fornuti.

Kien żviluppat kwestjonarju mill-SRC, immirat lejn il-ksib ta' tagħrif rilevanti, u ffukat fuq il-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru użat mis-servizzi tal-ajru kummerċjali, u t-tipi ta' ATS fornuti lilhom. Ir-riżultat tal-kwestjonarju żvela dan li ġej:

**... m'hemmx mudell standard għall-forniment tal-ATS u t-twaqqif ta' spazju tal-ajru kkontrollat għat-titjiriet kummerċjali....**

Għaldaqstant l-SRC, f'żieda mal-azzjonijiet li jridu jkunu implimentati fil-livell nazzjonali, irrakkomandat l-armonizzazzjoni tal-applikazzjoni tas-servizz AFIS madwar l-Ewropa.

B'mod aktar partikolari, permezz tal-programm ta' Monitoraġġ u Appoġġ għall-Implimentazzjoni (ESIMS) tal-ESARR, l-EUROCONTROL innutat (Ir-Rapport Annwali tas-Sigurtà tal-2007) li xi konklużjonijiet ta' xejra "ġenerika" instabu f'għadd sinifikanti ta' każijiet madwar il-kontinent. Dawn "il-konklużjonijiet ġeneriċi" jindikaw l-eżistenza ta' xi kwistjonijiet pan-Ewropej li jirrikjedu azzjoni f'livell Ewropew. Dawn jinkludu:

- Nuqqas ta' arranġamenti għas-sorveljanza tas-sigurtà tal-ATFM u l-ASM;
- Nuqqas ta' implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tal-ESARR;
- Nuqqas ta' formalizzazzjoni ta' arranġamenti għas-sorveljanza tas-sigurtà fir-rigward ta' sitwazzjonijiet transkonfinali;
- Sorveljanza dgħajfa tas-sigurtà rigward it-tibdiliet fis-sistemi;
- Nuqqas ta' arranġamenti għar-riċeviment u l-iċċekkjar mill-NSAs tad-Dikjarazzjonijiet tal-KE dwar il-Verifika tas-Sistemi magħmula mill-ANSPs kif jirrikjedi r-Regolament (KE) Nru 552/2004;
- Nuqqas ta' miżuri tal-infurzar rigward il-ksur tar-regolamenti tas-SES minn fornituri ċċertifikati;
- Implimentazzjoni dgħajfa tal-kunċett "direttivi tas-sigurtà" (ispirat mid-direttiva ta' ajrunavigabilità) użat b'mod wiesagħ f'oqsma oħra tal-avjazzjoni;
- Ftiegħa li jkunu ċċarati l-firxa u l-applikabbiltà tar-regoli taċ-ċertifikazzjoni tas-SES fil-każ ta' organizzazzjonijiet żgħar li jipprovdu tagħrif lill-inġenji tal-ajru, b'mod partikolari biex ikunu meqjusa l-livelli, li jvarjaw ħafna, tal-kumplessità tas-servizz fil-kategorija FIS.

Kunsiderazzjonijiet addizzjonali dwar il-qafas regolatorju tas-sigurtà attwali fl-Ewropa kienu diġà ġew ippreżentati mill-Aġenzija fir-RIA msemmija li kienet akkumpanjat l-Opinjoni 03/2007, fejn kien konkluż li kwalunkwe regola, standard jew rekwiżiti adottati u ppubblikati minn kwalunkwe organizzazzjoni tal-avjazzjoni inter-governattiva eżistenti, m'humix applikabbli minnufih sakemm ma tkunx trasposta b'mod ġuridiku fil-livell nazzjonali, u li tali organizzazzjonijiet madankollu m'għandhomx awtorità għall-ħruġ taċ-ċertifikati jew l-infurzar tal-istandards tagħhom fuq il-membri tagħhom.

### 2.3.2.3 Il-qafas regolatorju fframmentat

Il-maġġoranza tal-partijiet interessati kkonsultati mill-ECORYS matul il-valutazzjoni tal-impatt preliminari, ġeneralment qablu jew qablu parzjalment fuq il-problemi identifikati f'2.3.2.1 u 2.3.2.2 ta' fuq. Għalkemm mhux il-partijiet kollha qablu li r-regoli tal-ICAO ma jkunx jorbtu fil-każijiet kollha, huma qablu li hemm spazju sinifikanti għal differenzi fl-interpretazzjoni u għall-implimentazzjoni bil-mod fil-liġi nazzjonali.

Il-perċezzjoni tal-partijiet interessati, kif osservata mill-ECORYS fl-2005, kienet ukoll kondiżiva mill-proġett SESAR, li fil-paragrafu 5.2.4.1 fil-"Prodott 3" tiegħu (DLM-0612-001-01-00) maħruġ f'Lulju 2007, stqarr li għall-ġestjoni tal-bidla, il-leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni ċivili Ewropea tirrikjedi qafas regolatorju tas-sigurtà pan-Ewropew li jistabbilixxi proċeduri stabbli u proċessi parteċipattivi.

Bħala appoġġ għall-iżvilupp ta' dan il-qafas, u biex tkun żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tat-tibdiliet, kienu identifikati tliet rakkomandazzjonijiet mis-SESAR:

- L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità regolatorja tas-sigurtà fil-livell Ewropew li taġixxi wkoll bħala l-qhaqda elettronika regolatorja għall-ġestjoni tal-bidla u twestaq interazzjoni mas-SESAR JU, li trid tkun stabbilita mhux aktar tard minn tmiem il-Fażi tad-Definizzjoni tas-SESAR;
- L-awtorità regolatorja tas-sigurtà Ewropea hekk maħtura, għandha tiżviluppa proċedura (ta' analiżi) għall-ġestjoni tal-bidla u fejn ikun adattat tipproponi emendi għal-leġislazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Ewropea u r-rekwiżiti u l-arranġamenti regolatorji tas-sigurtà eżistenti;

Fl-istess direzzjoni, il-Grupp ta' Livell Għoli (HLG) stabbilit mill-Viċi-President Jacques Barrot fi tmiem l-2006, fir-Rakkomandazzjoni 1 li tinstab fir-rapport finali tiegħu ppreżentat f'Lulju 2007, issuġġerixxa li l-frammentazzjoni hija ostaklu maġġuri għat-titjib tal-prestazzjoni fis-sistema tal-avjazzjoni Ewropea. Minħabba li din tista' tkun indirizzata biss fil-livell Ewropew, il-HLG irrakkomanda t-tishiñ tar-rwol tal-Komunità Ewropea u l-metodu Komunitarju bħala l-vettura unika li tistabbilixxi l-aġenda regolatorja għall-avjazzjoni Ewropea. Dan għandu jelimina wkoll id-duplikazzjoni bejn il-proċessi regolatorji tal-UE u proċessi regolatorji oħra, jiżgura strutturi indipendenti għar-regolazzjoni u l-forniment tas-servizz, u jiżgura li l-attivitajiet regolatorji tas-sigurtà jitmexxew b'mod indipendenti minn forom ta' regolazzjoni oħra (per eżempju ekonomiċi jew finanzjarji). B'mod aktar espliċitu, fir-Rakkomandazzjoni 6 tiegħu, il-HLG issuġġerixxa li waqt it-trasferiment tar-responsabbiltà għall-attivitajiet regolatorji tas-sigurtà lill-Aġenzija l-EUROCONTROL tkun iffokata fuq il-funzjonijiet pan-Ewropej neċessarji, id-disinn tan-netwerk tal-ATM, u l-appoġġ għar-regolazzjoni kif mitlub mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. Fl-aħħar, fir-Rakkomandazzjoni 8 tiegħu, il-HLG talab lill-Kummissjoni biex tagħti l-kapaċità lill-Aġenzija biex tkun l-istrument uniku tal-UE għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi l-ajruporti u l-ATM.

Il-Kummissjoni Ewropea approvat il-konklużjonijiet żviluppatti mill-HLG u ħabbret pakkett ta' proposti leġislattivi għall-avjazzjoni, li se jkunu ppubblikati fl-2008, biex isolvu fost affarijiet oħra, il-frammentazzjoni tal-qafas regolatorju tas-sigurtà fil-livell tal-UE<sup>35</sup>.

**Bħala konklużjoni, il-problemi li jtnisslu mill-qafas regolatorju tas-sigurtà attwalment ifframentat u n-nuqqasijiet ġuridiċi tal-mudell intergovernattiv, kienu identifikati mill-partijiet interessati, is-SESAR u l-HLG, li jirrikjedu azzjoni rimedjali urġenti. In-nuqqas ta' omoġenità fir-regoli tal-ATM fl-Ewropa hija rrikonoxxuta wkoll mill-SRC tal-EUROCONTROL bħala fattur li jaffettwa l-prestazzjoni ekonomika u tas-sigurtà ġenerali tas-sistema AT/ANS Ewropea. Għaldaqstant il-Kummissjoni diġà ħabbret l-intenzjoni tagħha li tiegħu l-inizjattiva biex tindirizza u ssolvi dawn il-kwistjonijiet.**

<sup>35</sup> COM (2007) 845 finali tal-20 ta' Diċembru 2007: L-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Ajru Uniku – il-kisbiet u t-triq 'il-quddiem.

### 2.3.3 Proċessi fil-livell nazzjonali

#### 2.3.3.1 "L-ewwel għaxar" nuqqasijiet ta' konformità mikxufa mill-ESIMS

Skont l-istess Rapport tal-SRC, "L-Ewwel Għaxar" Nuqqasijiet ta' Konformità mikxufa mill-verifiki tal-ESIMS sa l-2006 huma ppreżentati fil-Tabella 4 li ġejja:

Identifikazzjoni	Nuqqas ta' konformità	% tal-Istati li M'HUMIEX konformi
RLMK0240	Regoli dwar il-valutazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju	90
ESIM0030	Verifika tal-implimentazzjoni tas-SMS mill-ANSPs	90
ESIM0020	Verifika tal-implimentazzjoni tal-ESARR 2	90
PERS0340	Regoli tas-sigurtà għall-persunal tal-inġinerija tal-ATM/ANS	90
FRAM0430	Indikaturi tas-sigurtà fil-livell nazzjonali	80
ESIM0050	Verifika tal-implimentazzjoni tal-ESARR 5 għall-persunal tal-inġinerija	80
RES0160	Rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà jew miżuri tas-sigurtà	80
PERS0350	Sorveljanza tas-sigurtà għall-persunal tal-inġinerija	80
PERS0360	Sorveljanza tas-sottokuntratturi (per eżempju l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni)	70
PERS0280	Verifika tal-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-kompetenza ATCO	70
ESIM0040	Verifika tal-implimentazzjoni tal-ESARR 5 għall-ATCOs	70
ESIM0010	Verifika tal-implimentazzjoni tal-ESARR 1	70
RLMK0220	Irrapportar ta' okkorrenzi speċifiċi tal-ATM	70

**Tabella 4: L-għadd stmat tal-avvenimenti kollha tas-sigurtà relatati ma l-ATM/ANS**

#### 2.3.3.2 Il-ħidma attwali għas-sorveljanza tas-sigurtà tal-ATM/ANS

Barra minn hekk, l-SRC innutat li għad baqa' nuqqas ta' persunal ikkwalifikat b'mod adattat biex iwettqu l-funzjonijiet Regolatorji tas-Sigurtà f'għadd ta' Stati. Dan jaffettwa ferm aktar lill-awtoritajiet kompetenti milli lil l-ANSPs, b'ħafna awtoritajiet jitħabtu biex jiksbu l-baġits meħtieġa biex ikunu kapaċi joffru ħlas u prospetti ta' karriera attraenti għall-applikanti potenzjali. Dan jista', forsi, jkun solvut b'azzjoni aktar iddeterminata mill-Istati biex iwaqqfu awtoritajiet għall-avjazzjoni nazzjonali/sorveljanza sodi u kredibbli. Min-naħa l-oħra l-Aġenzija tosserva li l-kondiviżjoni tar-riżorsi fil-livell tal-UE jew sottom-reġjonali forsi tista' tkun tweġiba aktar loġika għall-aħjar użu tar-riżorsi skarsi disponibbli, anki fid-dawl tal-kumplessità dejjem tiżdied tal-ATM/ANS.

Għall-għan tar-RIA attwali, wieħed jassumi madankollu li, minħabba li r-regolamentazzjoni diġà kienet iċċentralizzata permezz tas-SES, m'hemmx bżonn issir valutazzjoni tal-impatt ta' tali trasferiment ta' responsabbiltajiet, li seħħ fil-passat.

Bl-istess mod, minħabba li l-Aġenzija mhux se tipproponi li proporzjon kbir tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni jkunu ttrasferiti għal għandha, m'huwiex meħtieġ li wieħed jistma fid-dettall l-għadd tal-FTEs użati fil-livell nazzjonali għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ATM/ANS, għax dan m'għandux jara tibdil.

#### 2.3.4 L-isfidi imposti mill-iżvilupp

L-effett ikkombinat ta' traffiku li qed jiżdied u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji/kunċetti ġodda, se joħolqu għadd ta' sfidi potenzjalment sinifikanti għas-sigurtà matul iż-żmien tas-SESAR. Lista, li ma tkoprix kollox, tista' tinkludi:

- Żieda fit-traffiku minn/għal l-Istati Membri ġodda (UE 10+2), li timplika mudelli tat-traffiku aktar kumplessi, minħabba li r-rotot mil-Lvant għall-Punent jaqsmu r-rotot tradizzjonali mit-Tramuntana għan-Nofsinhar;
- Żieda bħala konsegwenza tal-proporzjon tat-titjiriet intra-UE;
- Applikazzjoni estensiva tal-RNAV fl-ispazju tal-ajru superjuri, li twassal għal mudelli tat-traffiku aktar kumplessi;
- Saturazzjoni tal-ajruporti li huma ċentri maġġuri u l-ħolqien madwarhom ta' żoni b'terminali "b'densità għolja ħafna";
- Żvilupp ta' ajrudromi reġjonali, li se jżidu l-kumplessità tat-traffiku f'livell medju/baxx;
- Tkabbir kontinwu tal-avjazzjoni ġenerali u l-Ġettijiet Ħfief Ħafna (VLJ) li qed ifiġġu, li jżidu l-kumplessità u d-densità tat-traffiku f'livell baxx;
- Żieda fl-użu tar-rabtiet tad-dejta tal-ajru/art;
- Dħul fl-użu operattiv ta' proċeduri tal-EGNOS għal avvċinament ibbażat fuq l-istrumenti, li se jsewddqu wkoll il-possibbiltà li jintużaw ajrudromi minuri;
- Proċeduri tal-istrumenti għall-ħelikopters;
- Integrazzjoni ta' Sistemi tal-Ajru Bla Ekwipaġġ (UAS) fl-ispazju tal-ajru mhux issegregat.

### 2.3.5 Konklużjonijiet u l-ġustifikazzjoni għal intervent mill-UE

Bħala konklużjoni, il-problemi identifikati u analizzati jiġġustifikaw l-intervent fil-livell tal-UE biex:

- Titjeb is-sigurtà tal-ATM u l-ANS, li jistgħu jikkawżaw madwar 18-il aċċident kull sena (1/3 minnhom b'fatalitajiet);
- Titnaqqas l-ispiża li titnissel mill-aċċidenti u l-inċidenti rrelati mal-ATM/ANS fl-UE, li tista' tkun stmata għal madwar 680 M€ (2006)/sena;
- Isir progress lejn qafas regolatorju tas-sigurtà konsistenti u mhux ifframmentat, isseparat b'mod ċar mill-forniment tas-servizzi u forom oħra ta' regolazzjoni jew intervent pubbliku;
- Jitwaqqaf qafas regolatorju sod li jipprovdi mudell ta' sistema totali għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili;
- Jingħata appoġġ lill-proġett SESAR bl-identifikazzjoni ta' regolatur tas-sigurtà uniku li kapaċi jħaffef l-implimentazzjoni bikrija u bla tfixkil billi janticiġpa l-validazzjoni tas-sigurtà u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti tiegħu;
- Jitjeb l-irrapportar u l-analiżi tal-inċidenti u l-okkorrenzi tal-ATM fil-livell tal-UE.

## **2.4 Għanijiet u indikaturi**

### 2.4.1 Għanijiet

L-għanijiet tal-estensjoni prevista tas-sistema tal-EASA għall-ATM/ANS għandhom jindirizzaw il-problemi li huma assoċjati mal-organizzazzjoni attwali tar-regolamentazzjoni tas-sigurtà u n-nuqqas ta' standardizzazzjoni fis-sorveljanza tas-sigurtà u tal-irrapportar adattat mill-awtoritajiet kompetenti.

L-għanijiet identifikati jistgħu jkunu kklassifikati skont it-tliet livelli normalment użati mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-impatt, bħal:

- **L-għanijiet ġenerali**, li jirrappreżentaw il-miri ġenerali tal-politika;

- **L-għanijiet speċifiċi**, li huma l-għanijiet l-aktar immedjati tal-inizjattiva leġislattiva pplanjata, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali. Kemm l-għanijiet ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi huma affettwati minn fatturi li huma lil hinn mill-kontroll dirett tal-Kummissjoni jew tal-Aġenzija u għaldaqstant xi kultant ikun diffiċli li jitkejlu;
- **L-għanijiet operattivi**, li huma relatati mar-riżultati preċiżi tal-proposta u li mbagħad ikunu jistgħu jiġu evalwati jew anki mkejla minn indikaturi adattati.

L-għanijiet u l-indikaturi għall-estensjoni tas-sistema tal-EASA għall-ATM u l-ANS huma indikati fil-paragrafi 2.4.2 sa 2.4.5 li ġejjin.

#### 2.4.2 Għanijiet ġenerali

L-għanijiet tas-soċjetà ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea kif deskritti fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni u l-Istrateġija tal-Politika Annwali<sup>36</sup>, ibbażati b'mod wiesgħa fuq "l-istrateġija ta' Liżbona", huma:

- L-Ewropa titpoġġa fuq it-triq tal-*posterità*, li, barra li tibni suq intern ibbażat fuq il-kompetizzjoni ġusta, tkopri wkoll effiċjenza u effikaċja akbar fis-sistema tat-trasport;
- Tisħiħ fl-impenn tal-Ewropa rigward is-*solidarjetà*, li tinkludi l-forniment liċ-ċittadini tal-istess livell ta' ħarsien fit-territorju kollu tal-UE 27 + 4;
- Tisħiħ tal-*ħarsien* taċ-ċittadin fl-ambitu tas-sigurtà u anki *tas-sigurtà tat-trasport*;
- Il-proġettazzjoni u l-promozzjoni ta' dawn l-għanijiet lil hinn mill-fruntieri tal-UE permezz ta' *vuċi aktar qawwija fid-dinja*.

#### 2.4.3 Għanijiet speċifiċi

L-għanijiet speċifiċi huma relatati ma' għanijiet speċifiċi tat-trasport bl-ajru, li huma appoġġjati wkoll minn inizjattivi oħra bħall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew u t-twaqqif tas-sistema tal-EASA. F'aktar dettall, dawn l-għanijiet speċifiċi jistgħu jkunu identifikati mill-għaxar rakkomandazzjonijiet li hemm fir-rapport tal-HLG u huma identifikati fit-Tabella 5 t'hawn taħt.

Estratt mir-Rakkomandazzjonijiet tal-HLG			Għanijiet speċifiċi relatati
N.	Titolu	Test	
1	<b>L-UE bħala l-forza li tmexxi r-regolazzjoni tal-avjazzjoni fl-Ewropa</b>	Il-frammentazzjoni hija ostaklu maġġuri għall-prestazzjoni tas-sistema tal-avjazzjoni Ewropea. Minħabba li din tista' tkun indirizzata biss f'livell Ewropew, saħħaħ ir-rwol tal-Komunità u l-metodu Komunitarju bħala l-vettura unika biex tistabbilixxi r-regolazzjoni għall-avjazzjoni Ewropea billi telimina d-duplikazzjoni bejn il-proċessi regolatorji tal-UE u proċessi regolatorji oħra, tiżgura strutturi indipendenti għar-regolazzjoni u l-forniment tas-servizzi, u tiżgura li l-attivitajiet regolatorji tas-sigurtà jitmexxew b'mod indipendenti minn forom ta' regolazzjoni oħra.	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Elimina d-duplikazzjoni bejn il-proċessi regolatorji tas-sigurtà;</li> <li>• Żgura strutturi indipendenti għall-attivitajiet regolatorji tas-sigurtà fil-konfront ta' forom oħra ta' regolazzjoni jew intervent pubbliku.</li> </ul>
2	<b>Responsabbiltajiet akbar għall-industrija</b>	Agħti aktar responsabbiltà lill-industrija f'konformità mal-liberalizzazzjoni tas-suq intern. Involvi lill-industrija b'mod aktar sistematiku fil-proċess tar-regolamentazzjoni tas-sistema tal-avjazzjoni.	Involvi lill-industrija b'mod aktar sistematiku fil-proċess tar-regolamentazzjoni.
3	<b>Regolazzjoni aħjar</b>	Applika l-prinċipji ta' Regolazzjoni Aħjar, evita r-regolazzjoni żejda, u wettaq	Inkludi vutazzjonijiet tal-impatt sħaħ u

<sup>36</sup> see [http://europa.eu.int/comm/atwork/programmes/index\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/atwork/programmes/index_en.htm)

		valutazzjonijiet tal-impatt sħaħ u konsultazzjoni.	konsultazzjoni fil-proċess tar-regolamentazzjoni.
4	<b>Promozzjoni ta' prestazzjoni mtejba</b>	Għall-ATM, adotta l-qafas regolatorju u l-istruttura tat-tmexxija biex il-ġestjoni tkun stimolata ħalli tipprovdi prestazzjoni mtejba. Fejn hu possibbli, ħaffef l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-suq bis-separazzjoni u l-liberalizzazzjoni tas-servizzi ANSP.	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Ħaffef it-tnissil ta' fornituri pan-Ewropej ta' servizzi sseparati; Ħaffef il-forniment tas-servizz tal-AFIS u l-ġestjoni tas-servizzi taż-żona ta' parkeġġ mill-SME.</li> </ul>
5	<b>Jitwassal l-Ajru Uniku Ewropew</b>	Għaġġel il-wasla tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) u s-SESAR permezz ta' ġestjoni proattiva u monitoraġġ annwali u rrapportar rigward il-progress mill-Kummissjoni Ewropea.	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Elimina d-duplikazzjoni fil-proċessi regolatorji tas-sigurtà;</li> </ul>
6	<b>Għoti ta' kapacià u fokus lill-Eurocontrol</b>	Agħti l-kapacià lill-Eurocontrol biex twettaq irwol ewlieni fil-provvediment tal-għanijiet tal-Ajru Uniku Ewropew u s-SESAR fil-qafas strateġiku u regolatorju stabbilit mill-UE. Iffoka l-attivitajiet tiegħu fuq funzjonijiet pan-Ewropej mill-aqwa u d-disinn tan-netwerk tal-ATM, u l-appoġġ għar-regolazzjoni kif mitlub mill-Kummissjoni Ewropea u l-istati membri. Ittrasferixxi r-responsabbiltà għall-ħidmiet regolatorji tas-sigurtà lill-EASA.	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Elimina d-duplikazzjoni fil-proċessi regolatorji tas-sigurtà;</li> </ul>
7	<b>Indirizzata l-kapacià ta' l-ajruporti</b>	Integra l-ajruporti b'mod aktar sistematiku fil-mudell ta' sistema totali.	Armonizza l-ġestjoni għall-operaturi/fornituri ta' servizzi differenti.
8	<b>Jitwassal titjib fis-sigurtà b'mod kontinwu</b>	Agħti l-kapacià lill-EASA bħala l-istrument uniku tal-UE għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni inklużi l-ajruporti u l-ATM, u żgura li l-EASA jkollha fondi u riżorsi b'mod adattat. Ipprepara għall-isfida tas-SESAR bi proċessi ta' ċertifikazzjoni f'waqthom. Żgura li s-sorveljanza tas-sigurtà mill-istati hija armonizzata u li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali hija stimolata biex b'mod ġenerali tikseb livelli ta' prestazzjoni ogħla.	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Stabbilixxi qafas regolatorju uniku u konsistenti għas-sistema kollha tal-avjazzjoni</li> <li>• Standardizza s-sorveljanza tas-sigurtà fl-Istati Membri biex jinkiseb livell ta' sigurtà għoli b'mod uniformi</li> </ul>
9	<b>Jitwasslu benefiċċji ambjentali</b>	Waqf li tibni fuq it-tliet pilastru ta' ATM <i>gate-to-gate</i> imtejjeb, inġenji tal-ajru aktar nodfa u b'anqas ħsejjes, u soluzzjonijiet orjentati lejn is-suq, itlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa strateġija integrata dwar l-ambjent.	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Elimina d-duplikazzjoni fil-proċessi regolatorji tas-sigurtà;</li> </ul>
10	<b>Irbid fuq l-istati membri li jwasslu r-riżultati</b>	Eħtieġ implimentazzjoni aktar sistematika tal-impenji eżistenti mill-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari t-tneħħija tal-frammentazzjoni fil-mira tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew. L-Istati għandhom jindirizzaw il-linji gwida li m'humieq konsistenti għall-ANSPs, in-nuqqasijiet fil-prestazzjoni tas-sorveljanza.	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Ħaffef l-użu razzjonali tar-riżorsi għas-sorveljanza tas-sigurtà fil-livell tal-UE</li> <li>• Standardizza s-sorveljanza tas-sigurtà fl-Istati Membri biex jinkiseb livell ta' sigurtà għoli b'mod uniformi</li> </ul>

**Tabella 5: Għanijiet speċifiċi marbuta mar-rakkomandazzjonijiet tal-HLG**

L-għaxar għanijiet speċifiċi elenkati fl-aħħar kolonna tat-Tabella 4 ta' fuq imbagħad se jintużaw fil-paragrafi li ġejjin tar-RIA attwali.

#### 2.4.4 Għanijiet operattivi

Naturalment l-għanijiet mistennija tal-estensjoni tas-sistema tal-EASA huma relatati mill-qrib mal-problemi analizzati fil-paragrafu 2.3. Il-politika magħżula hija maħsuba biex tirmiedja jew ittaffi l-problemi eżistenti u twassal għal titjib.

L-għanijiet operattivi huma għaldaqstant relatati mal-azzjonijiet konkreti relatati mal-intervent propost mill-UE. Ir-riżultati tagħhom jistgħu jkunu osservati jew anki mkejla u jistgħu jkunu attribwiti direttament lill-azzjoni mwettqa. L-ewwel nett dawn l-għanijiet operattivi li jistgħu jkunu osservati/imkejla huma:

- emendi għar-Regolament Bażiku (KE) Nru 216/2008 mil-leġiżlatur Ewropew;
- pubblikazzjoni ta' regoli tal-implimentazzjoni xierqa għas-sigurtà tal-ATM u l-ANS, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet, il-persunal u s-sistemi u l-komponenti involuti fil-provvediment tagħhom;
- stabbiliment ta' organizzazzjoni tax-xogħol;
- monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà tal-ATM/ANS;
- implimentazzjoni ta' relazzjoni mill-qrib ma' oħrajn li jħallsu, b'mod partikolari l-EUROCONTROL u s-SESAR;
- tniiss ta' suq għall-fornituri pan-Ewropej tal-ANS;
- twaqqif u implimentazzjoni ta' mezzi ta' infurzar adattati fil-qasam tal-ATM/ANS.

#### 2.4.5 Indikaturi

Tliet livelli differenti ta' indikaturi jistgħu rispettivament ikunu identifikati:

- Indikaturi *tal-prodotti*: Tali indikaturi jirriflettu l-impatt aħħari mixtieq fuq is-soċjetà. Ġeneralment ikunu espressi minn indikaturi globali u jistgħu jkunu influwenzati minn ħafna politiki oħra; f'xi każi se jkun diffiċli, jekk mhux impossibbli, li r-riżultati miksuba jkunu kkorrelati mal-estensjoni tas-sistema tal-EASA;
- Indikaturi *tar-riżultati*: Tali indikaturi jirriflettu l-għanijiet immedjati tal-politika proposta li jeħtieġ li tintlaħaq biex tinkiseb il-mira ġenerali. Ikunu espressi fl-effetti diretti u fuq medda qasira ta' żmien tal-miżuri implimentati u jistgħu jkunu influwenzati wkoll minn politiki oħra;
- Indikaturi *tal-effetti*: Tali indikaturi jirriflettu l-azzjonijiet preċiżi jew l-effetti diretti li l-politika proposta mill-opinjoni tal-Aġenzija mistennija tipproduċi. L-ilħuq tagħhom huwa taħt il-kontroll dirett tal-Kummissjoni u jista' faċilment ikun i-verifikat.

L-indikaturi jippermettu l-monitoraġġ dwar jekk intlaħqux, u dwar kemm intlaħqu, l-għanijiet. Huwa importanti li jkunu ddefiniti minn qabel, minħabba li dan jippermetti l-valutazzjoni tal-effetti prodotti mill-intervent propost. L-indikaturi relatati ma' għanijiet speċifiċi u ġenerali huma relatati mill-qrib mal-problemi u l-impatti mistennija, waqt li l-għanijiet operattivi jirriżultaw f'indikaturi aktar sempliċi, u li jistgħu jkunu osservati aktar, relatati mat-tweqqif b'mod sħiħ tal-azzjonijiet.



L-indikaturi tal-prodotti, marbuta mal-għanijiet ġenerali, huma ppreżentati fil-Tabella li ġejja:

<b>Problemi Identifikati</b>	<b>Għanijiet Ġenerali</b>	<b>Indikaturi tal-Prodotti</b>
Tejjeb is-sigurtà tal-ATM u l-ANS	<i>Ħarsien taç-Ċittadin:</i> sigurtà fit-trasport u l-avjazzjoni.	Is-sigurtà tal-ATM/ANS soġġetta għas-sistema tal-EASA
Naqqas l-ispiża tal-aċċidenti tal-avjazzjoni kkawżati għall-inqas parzjalment minn fatturi tal-ATM/ANS.	<i>Prosperità:</i> titnaqqas l-ispiża tal-aċċidenti kkawżati għall-inqas parzjalment minn fatturi tal-ATM/ANS.	L-ispiża tad-danni kkawżati mill-aċċidenti u l-inċidenti relatati direttament jew indirettament għal fatturi tal-ATM/ANS
Neħħi l-frammentazzjoni fil-qafas regolatorju tas-sigurtà.	<i>Vuċi aktar qawwija fid-dinja;</i>	Influwenza lis-SARPS dwar l-ATM/ANS tal-ICAO
	<i>Espandi</i> s-sistema tal-EASA lil hinn mill-UE.	Ikkonkludi ftehim ta' assoċjazzjoni ġodda jew estendi l-firxa ġeografika tal-ECAA
Waqqaf qafas regolatorju sod li jipprovdi mudell ta' sistema totali għar-regolazzjoni tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili.	<i>Prosperità:</i> bini tas-suq intern u promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema.	Ifiġġu l-fornituri pan-Ewropej
	<i>Solidarjetà:</i> il-forniment liċ-ċittadini tal-istess livell ta' ħarsien fl-UE 27 kollha.	Twaqqif ta' skemi ta' kompetenza komuni għall-persunal tekniku tal-ATM/ANS.
Agħti appoġġ lis-SESAR billi tidentifika regolatur uniku għas-sigurtà li kapaċi jħaffef l-implimentazzjoni bikrija u bla tfixkil billi jantiċipa l-validazzjoni tas-sigurtà u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti tiegħu	<i>Prosperità:</i> tnaqqis tal-ispiża marbuta mar-regolazzjoni tas-sigurtà.	Waqqaf mekkaniżmi adattati għall-evalwazzjoni, il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti tas-sigurtà kruċjali.

**Tabella 6: Problemi identifikati, għanijiet ġenerali u indikaturi tal-prodotti**

L-għanijiet speċifiċi relatati mal-problemi analizzati fil-paragrafu 2.3 ta' fuq, kif ukoll l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-ilħuq tagħhom, huma ppreżentati fit-Tabella 7 hawn taħt:

<b>Problemi Identifikati</b>	<b>Għanijiet speċifiċi</b>	<b>Indikaturi tar-Riżultat</b>
Tejjeb is-sigurtà tal-ATM u l-ANS u naqqas l-ispjiza li titnissel mill-aċċidenti u l-inċidenti.	Stabbilixxi strutturi indipendenti għall-attivitajiet regolatorji tas-sigurtà fil-konfront ta' forom oħra ta' regolazzjoni jew intervent pubbliku	Il-kompetenzi tal-EASA sseparati b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni jew intervent pubbliku.
	Involvi lill-industrija b'mod aktar sistematiku fil-proċess tar-regolamentazzjoni	Applikazzjoni kontinwa tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA.
	Standardizza s-sorveljanza tas-sigurtà fl-Istati Membri	Estensjoni tal-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni tal-EASA għall-oqsma tal-ATM/ANS.
Neħħi l-frammentazzjoni fil-qafas regolatorju tas-sigurtà.	Stabbilixxi qafas regolatorju uniku u konsistenti għas-sistema kollha tal-avjazzjoni	Ir-regolazzjoni tal-ATM/ANS inkorporata fir-Regolament Bażiku.
	Armonizza r-regoli tal-ġestjoni għall-operaturi/fornituri ta' servizzi differenti	Adozzjoni ta' regoli tal-implimentazzjoni "orizzontali" għas-sistema ta' ġestjoni tal-operaturi u l-fornituri.
Stabbilixxi qafas regolatorju sod li jipprovi mudell ta' sistema totali għar-regolazzjoni tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili.	Żomm separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-operaturi/fornituri	Stabbilixxi separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-operaturi/fornituri b'mod partikolari għall-adozzjoni tal-kunċetti tal-operazzjonijiet.
	Ħaffef l-iżvilupp ta' fornituri pan-Ewropej ta' servizzi sseparati	Stabbilixxi skema ta' ċertifikazzjoni ddedikata għall-fornituri tas-servizzi f'4 Stati jew aktar.
	Ħaffef il-forniment tas-servizz tal-AFIS u l-ġestjoni tas-servizzi taż-żoni ta' parkeġġ mill-SME	Simplifikazzjoni tar-regoli għall-operaturi tal-ajrudromi li jorganizzaw b'mod dirett l-AFIS u/jew il-ġestjoni taż-żoni ta' parkeġġ.
	Inkludi valutazzjonijiet tal-impatt sħaħ u konsultazzjoni fil-proċess tar-regolamentazzjoni	RIAs mehmuża mar-regoli tal-implimentazzjoni proposti.
Agħti appoġġ lill-proġett SESAR billi tidentifika regolatur uniku għas-sigurtà li kapaċi jħaffef implimentazzjoni bikrija u bla tfixkil billi jantiċipa l-validazzjoni tas-sigurtà u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti tiegħu	Elimina d-duplikazzjoni fil-proċessi regolatorji tas-sigurtà	Formalizzazzjoni ta' l-għaqda elettronika regolatorja bejn is-sigurtà u forom oħra ta' regolazzjoni.
Ħtieġa li tkun irrazzjonalizzata l-ħidma għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ATM/ANS.	Ħaffef l-użu razzjonali tar-riżorsi tas-sorveljanza tas-sigurtà fil-livell tal-UE	Arranġamenti dwar is-sorveljanza fost l-awtoritajiet kompetenti
		Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC

**Tabella 7: Problemi identifikati, għanijiet speċifiċi u indikaturi tar-riżultati**

L-għanijiet operattivi, li jistgħu jkunu assoċjati ma' għadd ta' indikaturi tal-effetti ddettaljati li jistgħu jkunu osservati jew imkejla, huma ppreżentati fit-Tabella t'hawn taħt.

<b>Għanijiet Operattivi</b>	<b>Indikaturi tal-Effetti</b>
Emendi għar-Regolament Bażiku (KE) Nru 216/2008	L-Opinjoni tal-Aġenzija mwassla lill-Kummissjoni.
	Il-proposta leġiżlattiva adottata mill-Kummissjoni.
	L-ewwel qari mill-Parlament Ewropew.
	Il-pożizzjoni tal-Kunsill.
	It-tieni qari mill-Parlament Ewropew.
Pubblikazzjoni tar-regoli tal-implimentazzjoni komuni għas-sigurtà tal-ATM u l-ANS u għall-organizzazzjonijiet u l-persunal relatati	Adozzjoni tal-emendi.
	Ippubblika l-NPA dwar ir-regoli tal-implimentazzjoni għall-ATM/ANS.
	Ippubblika l-NPA dwar ir-regoli tal-implimentazzjoni għall-fornituri tal-ATM/ANS.
	Ippubblika CRD dwar ir-regoli tal-implimentazzjoni għall-ATM/ANS.
	Ippubblika CRD dwar ir-regoli tal-implimentazzjoni għall-fornituri tal-ATM/ANS.
	Ipprovdj Opinjonijiet dwar ir-regoli tal-implimentazzjoni għall-ATM/ANS.
Twaqqif tal-funzjonijiet meħtieġa fl-EASA;	Ipprovdj Opinjonijiet dwar ir-regoli tal-implimentazzjoni għall-fornituri tal-ATM/ANS.
	Reklutaġġ ta' persunal għar-regolamentazzjoni tal-ATM/ajrudromi.
	Reklutaġġ ta' persunal għall-analiżi tas-sigurtà tal-okkorrenzi tal-ATM/ANS.
	Reklutaġġ ta' persunal għall-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-oqsma tal-ATM/ANS.
	Aħtar awdituri esterni kapaċi jipparteċipaw fl-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-oqsma tal-ATM/ANS.
Monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà tal-ATM/ANS	Inklużjoni tal-komunità tal-ATM/ANS fl-SSCC.
	Inklużjoni tal-analiżi tas-sigurtà tal-ATM/ANS fl-analiżi annwali tas-sigurtà.
Implimentazzjoni ta' relazzjoni mill-qrib mas-SESAR	Proċess stabbli għall-Evalwazzjoni tas-sigurtà tal-prodotti tas-sigurtà tas-SESAR jitwaqqaf u jiffunzjona.
Tnissil ta' suq għall-fornituri pan-Ewropej tal-ANS.	Proċess ta' ċertifikazzjoni ddedikat għaċ-ċertifikazzjoni tal-fornituri pan-Ewropej tal-ANS ikun stabbilit u jiffunzjona.
Implimentazzjoni b'mod uniformi tar-regoli tal-ATM/ANS fl-UE	Twaqqif ta' proċeduri għall-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni fl-oqsma tal-ATM/ANS.
	Ippjana l-ewwel serje ta' spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni li jkopru wkoll l-oqsma tal-ATM/ANS.
	Wettaq l-ewwel spezzjoni tal-istandardizzazzjoni fl-oqsma tal-ATM/ANS.

**Tabella 8: Problemi identifikati, għanijiet operattivi u indikaturi tal-effetti**

## **2.5 Għażliet disponibbli**

### *2.5.1 Għażliet għall-valutazzjoni tal-impatt preliminari*

Fil-valutazzjoni tal-impatt preliminari msemmija hawn fuq kienu kkunsidrati ħames għażliet alternattivi:

- A) "tagħmel xejn" (jiġifieri tibdilx is-sitwazzjoni mistennija wara l-ewwel estensjoni tas-sistema tal-EASA: l-Aġenzija hija responsabbli għall-ajrunavigabilità, il-ħruġ tal-liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjir u l-operazzjonijiet tal-ajru; Awtoritajiet kompetenti nnominati fil-livell nazzjonali ikunu responsabbli għall-ANS, inklużi fornituri pan-Ewropej, u ajrudromi);
- **B) B'mod progressiv estendi s-sistema tal-EASA għar-regolamentazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-oqsma tal-ATM, l-ANS u l-ajrudromi;**
- C) Estendi l-mekkaniżmu SES ta' mandati lill-EUROCONTROL għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ajrudromi u lill-EUROCONTROL agħtiha kompiti wkoll fil-qasam ta' ċertifikazzjoni u l-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni;
- D) Stabbilixxi Aġenzija Ewropea ġdida għal kollox biex tagħti appoġġ lill-Kummissjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ATM, l-ANS u l-ajrudromi;
- E) Agħti lill-EASA "estiża" (fl-ambitu tal-għażla B) anki r-responsabbiltà għat-twettiq ta' funzjonijiet operattivi speċifiċi tal-ATM (per eżempju l-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru).

Dak l-istudju kkonkluda li l-Għażla B kienet l-għażla ppreferuta, fuq il-bażi tal-analiżi tal-konsulent dwar l-impatti mistennija kif ukoll appoġġjata mill-partijiet interessati kkonsultati.

### *2.5.2 Għażliet kkunsidrati fir-RIA attwali*

L-Għażliet A, C, D u E, elenkati fuq, kienu kkunsidrati ukoll mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-impatt finali tagħha dwar il-materja, għaldaqstant m'hemmx ħtieġa li jkunu vvalutati mill-ġdid fir-RIA attwali. Min-naħa l-oħra, biex attwalment tkun implimentata l-Għażla B, għandhom jiġu vvalutati kwistjonijiet importanti oħra.

L-NPA 2007-16 kien fiha 10 mistiqsijiet f'dan ir-rigward, anki fuq il-premessa li l-għan aħħari kien li tkun implimentata l-Għażla B, diġà ġġustifikata u magħżula (mill-Kummissjoni<sup>37</sup>) f'2.5.1 ta' fuq.

Fost l-imsemmija 10 mistiqsijiet, madankollu, il-mistoqsija 3 fil-fatt kien fiha żewġ kwistjonijiet separati: In-natura u l-ħtieġa li tkun regolata l-Ġestjoni tal-Ispazju tal-Ajru (ASM) u l-istess mistoqsija għall-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru (ATFM). L-għadd totali tal-mistoqsijiet li kien hemm fl-NPA għadaqstant irid jitqies li huwa 11. Fost dawk il-11-il kwistjoni, fl-Opinjoni tal-Aġenzija, 6 ma jiħtieġux li jkunu analizzati aktar fl-ambitu tal-valutazzjoni tal-impatt.

<sup>37</sup> COM (2007) 845 finali tal-20 ta' Diċembru 2007.

It-Tabella t'hawn taħt telenkahom u tispjega għaliex aktar analiżi dwar l-impatt ma tinħassx li hija meħtieġa.

Mistogsijiet fl-NPA 2007-16		Ir-raġuni għaliex mhux se jitqiesu għażliet alternattivi
N.	It-test	
2	<i>L-Aġenzija hija interessata li tkun taf jekk il-partijiet interessati jikkunsidrawx li r-reqwiżiti essenzjali mehmuża jikkostitwixxux bażi tajba għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabilità tal-ATM/ANS. Hija tilqa' wkoll kull suġġeriment biex ittejjeb dawn ir-reqwiżiti essenzjali.</i>	Ġudizzju kwalitattiv dwar ir-RE. Ma kienet identifikata l-ebda għażla alternattiva rilevanti.
4	<i>L-Aġenzija hija interessata li tkun taf jekk il-partijiet interessati jikkunsidrawx li d-definizzjoni tas-sistemi u l-komponenti użati fl-ambitu tan-netwerk Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru tispeċifikax b'mod adattat dawk li jeħtieġ li jkunu suġġetti għar-Regolament Bażiku estiż?</i>	Il-maġġoranza assoluta tal-partijiet interessati kkunsidraw li m'hemmx ħtieġa li jinbidlu d-definizzjonijiet. L-Aġenzija kkonkludiet li mhux se tipproponi tibdil għad-definizzjonijiet tal-ICAO jew tas-SES u li tikkoordina r-Regoli tal-Implimentazzjoni tagħha ma' dawk inkarigati mill-prestazzjoni u aspetti oħra ta' interoperabilità. M'hemmx ħtieġa ta' aktar valutazzjoni tal-impatt.
5	<i>L-Aġenzija hija interessata li tkun taf jekk il-partijiet interessati jikkunsidrawx li l-organizzazzjonijiet regolatorji involuti fid-disinn, il-manifattura u l-manutenzjoni tas-sistemi u kostitwenti kruċjali għas-sigurtà, kif ukoll dawk involuti fil-verifika tal-konformità, għandhomx ikunu meħtieġa juru l-kapaċità tagħhom li jtaffu r-responsabbiltà tal-operaturi tagħhom?</i>	Diġà stabbilita fis-sistema tal-EASA. Bl-appoġġ tal-partijiet interessati li wieġbu għall-NPA 2007-16. L-Aġenzija kkonkludiet li tali possibbiltà se tkun deċiża fuq bażi ta' każ b'każ u li RIAs adattati se jitwettqu biex jingħata appoġġ lir-Regoli tal-Implimentazzjoni relatati. M'hemmx ħtieġa ta' evalwazzjoni aktar fil-fond f'dak l-istadju.
7	<i>L-Aġenzija tkun interessata li tkun taf il-fehmiet tal-partijiet interessati fir-rigward tal-possibbiltà li l-fornituri ta' servizz ATM/ANS ikunu intitolati li joperaw diversi servizzi u/jew unitajiet operattivi b'ċertifikat uniku.</i>	Il-partijiet interessati jinterpretaw ir-regolament tas-SES diġà stabbilit, li dan diġà jipprovdni għal tali possibbiltà. M'hemmx ħtieġa ta' aktar valutazzjoni tal-impatt.
9	<i>L-Aġenzija hija interessata li tkun taf jekk il-partijiet interessati jikkunsidrawx li ċ-ċertifikazzjoni ta' xi fornituri ta' servizz involuti f'servizzi inqas sensittivi ssir minn korpi ta' valutazzjoni. F'dan il-każ, l-Aġenzija għandha wkoll tingħata l-kapaċità għall-akkreditazzjoni ta' tali korpi tal-evalwazzjoni?</i>	Din il-possibbiltà diġà kienet evalwata fir-rigward tal-ajrudromi. Fil-prinċipju l-impatt se jitnissel minn fatturi simili għall-ATM/ANS.
10	<i>L-Aġenzija tkun interessata li tkun taf jekk il-partijiet interessati jikkunsidrawx li huwa adattat li jkunu implimentati skemi ta' ċertifikazzjoni separati għal ċerti sistemi u kostitwenti kruċjali għas-sigurtà. F'dak il-każ liema għandhom ikunu dawn is-sistemi u kostitwenti?</i>	Il-fehmiet tal-partijiet interessati ma ppermettewx l-identifikazzjoni ta' każijiet għal tali proċess f'dak l-istadju. L-Aġenzija kkonkludiet li tali possibbiltà se tkun deċiża fuq il-baży ta' każ b'każ u li RIAs adattati se jitwettqu biex jingħata appoġġ lir-Regoli tal-Implimentazzjoni relatati. M'hemmx ħtieġa ta' valutazzjoni aktar fil-fond f'dak l-istadju.

**Tabella 9: Kwistjonijiet fl-NPA 2007-16 li l-impatt tagħha m'għandux bżonn ikun analizzat fid-dettall**

Bil-maqlub, jistgħu jkunu previsti soluzzjonijiet alternattivi għall-ħames mistoqsijiet li baqa' fl-NPA 2007-16. Huma jinsabu elenkati fit-Tabella 10 t'hawn taħt. L-impatti tagħhom huma vvalutati fid-dettall, fil-paragrafi 2.7 sa 2.11.

Mistoqsijiet fl-NPA 16/2007		Għażliet alternattivi	
N.	It-test		
<b>1</b>	<i>Jekk il-partijiet interessati jikkunsidrawx li d-deċiżjoni dwar il-kunċetti tal-operazzjonijiet hija funzjoni tal-gvern jew tal-fornituri tas-servizz tal-kontroll tat-traffiku.</i>	1A	Kunċett tal-operazzjonijiet ġeneriku (per eżempju l-iżvilupp tas-SESAR) u deċiżjonijiet rigward spazju tal-ajru speċifiku huma t-tnejn ta' natura governattiva u soġġetti għall-Artikoli tal-liġi fir-Regolament Bażiku.
		1B	Kunċett tal-operazzjonijiet ġeneriku (per eżempju l-iżvilupp tas-SESAR) u deċiżjonijiet rigward spazju tal-ajru speċifiku huma t-tnejn attivitajiet regolati, imwettqa minn fornituri ta' servizz fuq il-bażi tar-RE.
		1C	Kunċett tal-operazzjonijiet ġeneriku (per eżempju l-iżvilupp tas-SESAR) huwa lil hinn mill-ambitu tar-R.B. tal-EASA, waqt li deċiżjonijiet rigward spazju tal-ajru speċifiku huma ta' natura governattiva u soġġetti għall-Artikoli tal-liġi.
		1D	Kunċett tal-operazzjonijiet ġeneriku (per eżempju l-iżvilupp tas-SESAR) huwa lil hinn mill-ambitu tar-R.B. tal-EASA, waqt li deċiżjonijiet rigward spazju tal-ajru speċifiku huma ta' natura ta' forniment ta' servizz u mwettqa fuq il-bażi tar-rekwiżiti essenzjali.
<b>3 (FM)</b>	<i>Jekk il-partijiet interessati jikkunsidrawx li l-ATFM hija ta' natura regolatorja jew ta' forniment ta' servizz.</i>	3A	L-ATFM hija ta' natura regolatorja/governattiva.
		3B	L-ATFM, minħabba li hija servizz jew funzjoni operattiva, hija materja regolata.
		3C	L-ATFM fil-livell tal-UE hija funzjoni regolatorja. L-ATFM lokali (jew reġjonali) hija materja regolata.
<b>3 (SM)</b>	<i>Jekk il-partijiet interessati jikkunsidrawx li l-ASM hija ta' natura regolatorja jew ta' forniment ta' servizz.</i>	3D	L-ASM hija ta' natura regolatorja/governattiva (inklużi s-sigurtà, il-kapaċità u l-effiċjenza).
		3E	L-ASM, minħabba li hija servizz jew funzjoni operattiva, hija materja regolata.
		3F	L-ASM fil-livell tal-UE hija funzjoni regolatorja. L-ATFM lokali hija materja regolata.
<b>6</b>	<i>Jekk il-forniment ta' ċerti servizzi għandux ikun suġġett għaċ-ċertifikazzjoni.</i>	6A	Ippermetti varjanti nazzjonali/derogi għall-SME.
		6B	Stabbilixxi regoli komuni proporzjonati għall-SME, inkluża l-"awto-dikjarazzjoni".
		6C	Regoli komuni proporzjonati għall-SME, inkluża ċ-ċertifikazzjoni.
<b>8</b>	<i>Jekk l-Aġenzija tiċċertifikax jew le l-fornituri ta' servizz tal-ANS/ATM pan-Ewropej. F'tali każ x'għandhom ikunu l-kriterji biex tkun iddefinita n-natura pan-Ewropea tas-servizz?</i>	8A	"Tagħmel xejn": jiġifieri l-ANSPs kollha s-sorveljati mill-NSAs bħal fl-"Ajru Uniku".
		8B	Taħt is-sorveljanza tal-Aġenzija jekk jipprovdu servizzi lil żewġ Stati jew aktar ("transkonfinali" se jkunu taħt is-sorveljanza tal-Aġenzija).
		8C	Bħal 8B, jekk jipprovdu servizzi lil erba' Stati jew aktar (eskluż il-forniment ta' servizz transkonfinali u esklużi l-ATS f'FAB jekk ipprovdu minn grupp ta' ATSPs differenti).

**Tabella 10: Kwistjonijiet fl-NPA 2007-16 miftuħa għal għażliet alternattivi**

L-aħħar imma mhux l-inqas, ħafna partijiet interessati, meta wiegħbu għall-NPA 2007-16 osservaw li hemm żewġ modi alternattivi biex l-Aġenzija tingħata kompetenza rigward l-ATM u l-ANS. L-ewwel hija li jkun emendat ir-Regolament Bażiku, imma l-alternattiva hija li r-rwol tal-Aġenzija jkun inkorporat fil-qafas ġuridiku tal-Ajru Uniku Ewropew. L-Aġenzija qieset li din il-proposta jixirqilha l-attenzjoni, u għaldaqstant, għalkemm ma kinitx milquta mill-mistoqsijiet fl-NPA, hija ddeċidiet li tinkludiha fir-RIA attwali, billi tikkunsidra t-tliet għażliet alternattivi li ġejjin:

- 0A): Tagħtix lill-Aġenzija kwalunkwe rwol fir-rigward tal-ATM/ANS; jew
- 0B): Estendi r-Regolament Bażiku biex jinkludi l-ATM/ANS; jew
- 0C): Immodifika r-Regolamenti tas-SES biex jinkludu r-rwol tal-Aġenzija għall-ATM/ANS.

L-impatti tagħhom huma vvalutati fid-dettall u mqabbla fil-paragrafu li jmiss.

## **2.6 L-aħjar għażla għall-estensjoni tal-kompetenza tal-EASA għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ATM/ANS**

### *2.6.1 Għażliet alternattivi*

L-għażliet potenzjali għall-estensjoni tal-kompetenza tal-EASA għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ATM/ANS huma dawn li ġejjin:

- 0A: Tagħtix lill-Aġenzija kwalunkwe rwol fir-rigward tal-ATM/ANS (jiġifieri "tagħmel xejn");
- 0B: Estendi r-Regolament Bażiku biex jinkludi l-ATM u l-ANS;
- 0C: Immodifika l-erba' Regolamenti (bażiċi) tas-SES biex jinkludu fihom ir-rwol tal-Aġenzija għall-ATM u l-ANS.

L-għażla 0A m'għandhiex bżonn ta' valutazzjoni, minħabba li kienet diġà għet analizzata u ma kinitx irrakkomandata mill-valutazzjoni tal-impatt preliminari tal-ECORYS, madankollu hija meħtieġa biex tkun ipprovduta linja bażi komuni bħala punt ta' referenza għaż-żewġ għażliet l-oħra, 0B u 0C.

### *2.6.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati*

#### 2.6.2.1 L-Awtoritajiet Kompetenti

Qabel l-"Ajru Uniku", l-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali kompetenti kienu qed iwettqu żewġ kompiti ewlenin fir-rigward tas-sigurtà ta' ATM/ANS:

- ir-regolamentazzjoni (jiġifieri t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ICAO fis-sistema ġuridika nazzjonali u l-integrazzjoni tagħhom);
- is-sorveljanza ġenerika tal-ATM/ANS, minħabba li ma kien hemm l-ebda standards tal-ICAO rigward il-materja.

Is-SES diġà biddel drastikament is-sitwazzjoni msemmija, minħabba li fuq il-bażi tiegħu, issa r-regoli komuni għall-ATM/ANS qed ikunu żviluppatti fil-livell tal-UE<sup>38</sup>, waqt li l-Istati jridu jinnominaw jew jistabbilixxu Awtoritajiet ta' Sorveljanza Nazzjonali (NSAs)<sup>39</sup>, biex b'mod formali japplikaw il-mekkaniżmi bbażati fuq ir-regoli komuni, għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-fornituri tas-servizz. Id-dispożizzjonijiet tal-Ajru Uniku jinkludu wkoll l-

<sup>38</sup> Artikolu 8 tar-Regolament qafas Nru 549/2004 tas-SES.

<sup>39</sup> Artikolu 4 hemmhekk.

obbligu tal-NSAs li jkunu vverifikati permezz tal-proċess<sup>40</sup> "reviżjoni minn pari" (peer review).

Konsegwentement il-linja bażi attwali (jiġifieri l-għażla 0A) hija li:

- regoli komuni għall-ATM/ANS (inklużi għas-sigurtà) ikomplu jkunu stabbiliti permezz tal-mekkaniżmi tas-SES;
- l-NSAs ikompli jiċċertifikaw u jissorveljaw l-ANSPs fil-limiti tal-kompetenza ġeografika tagħhom;
- l-NSAs huma soġġetti għal verifiki kull tant żmien skont il-programm ESIMS tal-EUROCONTROL.

It-trasferiment tar-**regolamentazzjoni** tas-sigurtà (l-ewwel kompitu fost dawk elenkati fil-lista eżatt qabel dan il-paragrafu) għand l-Aġenzija, fil-prinċipju mhux se jbidel dan ta' fuq. Fi kliem ieħor, għall-għażliet 0A, 0B jew 0C, mhux se jkun hemm impatt fuq l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali. **Bil-maqlub, f'0B jew 0C, se jkun hemm impatt fuq l-Aġenzija kif ukoll fuq l-EUROCONTROL**, li llum normalment jirċievu l-"mandati" biex jiżviluppaw ir-regoli tal-implimentazzjoni kif ikun adattat.

Għat-tieni kompitu (jiġifieri ċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-fornituri tal-ATM/ANS) wieħed għandu jinnotta li llum 30 Stat<sup>41</sup> jieħdu sehem fis-SES; xejn m'hu se jinbidel b'mod sinifikanti għal dawn l-Istati kemm fl-għażla 0B jew l-għażla 0C, minħabba li fi kwalunkwe każ l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom se jibqgħu responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ANSPs nazzjonali ewlenin għal raġunijiet ta' prossimità.

Fl-aħħar, l-NSAs huma vverifikati fi kwalunkwe għażla. Fil-każ kemm tal-għażla 0B kif ukoll tal-għażla 0C, se jkun hemm impatt fuq l-Aġenzija, flimkien ma' 30 awtorità u l-EUROCONTROL li llum iġorr il-programm ESIMS (Monitoraġġ u Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-ESARR).

**Għaldaqstant, l-għadd totali tal-NSAs involuti, kemm fl-għażla 0B jew l-għażla 0C, se jkun 30. Kif ukoll se jkun hemm impatt fuq l-EUROCONTROL u l-Aġenzija bl-għażliet 0B jew 0C.**

#### 2.6.2.2 Il-fornituri ta' servizz ATM/ANS

Bażikament, il-fornituri tal-ANS huma diġà soġġetti għal ċertifikazzjoni<sup>42</sup>. Għall-maġġoranza tagħhom xejn m'hu se jinbidel b'mod sinifikanti kemm jekk ir-rwol tal-Aġenzija jkun inkluż f'att ġuridiku partikolari kif ukoll jekk ikun inkluż f'xi leġislazzjoni oħra, minħabba li huma jikkorrispondu mal-idea tradizzjonali ta' Fornituri ta' Servizz tan-Navigazzjoni bl-Ajru ċivili, li tkun entità pubblika unika li tipprovdi l-ANS lit-traffiku tal-ajru ġenerali fl-ispazju tal-ajru ta' Stat wieħed. Madankollu din is-sitwazzjoni, anki minħabba l-leġislazzjoni tas-SES, qed tevolvi.

Fil-fatt, f'xi każi l-ANSPs ċivili ewlenin, barra li huma fornituri tal-ATS bosta drabi huma wkoll fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni, tal-AIS, ta' sorveljanza jew ta' komunikazzjoni. Bil-maqlub, fornituri tal-MET huma speċjalizzati ħafna u għaldaqstant m'hemmx każi sinifikanti li juru li wieħed minnhom huwa nvolut ukoll f'tipi differenti ta' servizzi. Għaldaqstant il-fornituri tal-MET u l-fornituri militari mhux se jitqiesu f'dan li ġej.

Il-maġġoranza (imma mhux l-entitajiet ċivili ewlenin kollha tal-ATM/ANS imsemmija) ifornu servizzi ta' manutenzjoni kruċjali tas-sigurtà permezz tal-persunal tagħhom.

<sup>40</sup> L-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005, li jstabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (*ĠU L 335, tal-21.12.2005, pġ.13*).

<sup>41</sup> Liechtenstein huwa assoċjat mal-Komunità, imma storikament iddelega l-materji tal-ATM/ANS lill-ġirien tiegħu.

<sup>42</sup> Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-forniment ta' servizzi.



Madankollu huwa interessanti li wieħed jinnota li għadd minnhom huma wkoll operaturi kummerċjali ta' xogħol tal-ajru li jipprovdu spezzjonijiet tat-titjir u kalibrar tas-sinjali tan-navigazzjoni bir-radju. Fil-fatt **6 minnhom** (ATSA-Bulgaria, Avinor, LFV, DSNA, ENAV u HCAA) kienu elenkati (fl-4 ta' April 2008) fil-websajt tal-Kumitat Internazzjonali tal-Istandards u l-Kalibrazzjoni tal-Ispazju tal-Ajru (ICASC)<sup>43</sup> bħala **fornituri ta' servizzi ta' kalibrazzjoni tat-titjir**. Dawn is-servizzi diġà jinsabu fil-firxa tas-sistema tal-EASA. Għaldaqstant il-frammentazzjoni tal-qafas regolatorju jista' potenzjalment jaffettwa tali operaturi tal-ajru/ATSP.

Il-Pjanijiet ta' Konverġenza u Implimentazzjoni Lokali (LCIP)<sup>44</sup> tal-EUROCONTROL jidentifikaw ukoll għadd ta' ATSPs ewlenin bħala operaturi ta' ajruporti ewlenin f'pajjiżhom u/jew ta' għadd sinifikanti ta' ajrudromi f'diversi pajjiżi. Sommarju ta' dan it-tagħrif huwa ppreżentat fit-Tabella t'hawn taħt.

N.	Stat	ATSPs ċivili ewlenin (li n-negozju ewleni tagħhom huwa l-ATM)	Servizzi operattivi forniti lil hinn mill-ATM/ANS
1	L-Awstrija	Austrocontrol	Le
2	Il-Belġju	Belgocontrol	Le
3	Il-Bulgarija	ATSA	Xogħol tal-ajru
4	Ċipru	Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili - ANS	Le
5	Ir-Repubblika Ċeka	ANS - Repubblika Ċeka	Le
6	Id-Danimarka	Naviar	Le
7	L-Estonja	EANS	Le
8	Il-Finlandja	Finavia	Operatur tal-ajrudromi (25)
9	Franza	DSNA	Xogħol tal-ajru
10	Il-Ġermanja	DFS	Le
11	Il-Greċja	HCAA	Xogħol tal-ajru + Operatur tal-ajrudromi (43)
12	L-Ungerija	HungarControl Pte. Ltd. Co	Le
13	L-Irlanda	Direttorat tal-Operazzjonijiet tal-IAA	Le
14	L-Italja	ENAV	Xogħol tal-ajru
15	Il-Latvja	LGS	Xejn
16	Il-Litwanja	ORO NAVIGACIJA	Xejn
17	Il-Lussemburgu	Xejn	Ma japplikax
18	Malta	MATS	Xejn
19	L-Olanda	LVNL	Xejn
20	Il-Polonja	PANSA	Xejn
21	Il-Portugall	NAV Portugal	Xejn
22	Ir-Rumanija	ROMATSA	Xejn
23	Ir-Repubblika Slovakka	LPS SR	Xejn
24	Is-Slovenja	Slovenia Control	Xejn
25	Spanja	AENA	Operatur tal-ajrudromi (47)
26	L-Iżvezja	LFV	Xogħol tal-ajru + Operatur tal-ajrudromi (16)
27	Ir-Renju Unit	NATS	Xejn
28	L-Iżlanda*	Isavia (Flugstoðir)	Operazzjonijiet tal-ajrudromi
29	Il-Liechtenstein*	L-ebda forniment ta' ATS	Ma japplikax
30	In-Norveġja	Avinor	Xogħol tal-ajru + Operatur tal-ajrudromi (46)
31	L-Iżvizzera	Skyguide	Xejn

\*Ma tħejja l-ebda LCIP għalihom.

### Tabella 11: ATSPs ċivili ewlenin li jfornu wkoll servizzi lil hinn mill-ATM/ANS

<sup>43</sup> [http://avnwww.jccbi.gov/icasc/fi\\_service\\_providers.html](http://avnwww.jccbi.gov/icasc/fi_service_providers.html)

<sup>44</sup> [http://www.eurocontrol.int/lcip/public/subsite\\_homepage/homepage.html](http://www.eurocontrol.int/lcip/public/subsite_homepage/homepage.html)

It-Tabella ta' fuq turi li sitt fornituri tal-ATS huma involuti f'xogħol tal-ajru u tlieta huma **operaturi tal-ajrudromi** wkoll.

**Għaldaqstant l-attenzjoni trid tkun iffokata fuq id-9 operaturi/fornituri msemmiha fuq, għall-għażla OB jew OC, minħabba li jista' jkun hemm impatt fuqhom minħabba li huma soġġetti għal sensiela waħda ta' leġislazzjoni jew aktar.**

### 2.6.2.3 Fornituri ta' servizzi multipli oħra

Skont it-tagħrif disponibbli għall-Aġenzija, hemm għadd ta' kumpaniji/entitajiet oħra, differenti mill-fornitur ċivili ewlieni tal-ATS f'kull pajjiż, li wkoll jipprovdu servizzi tal-ATM/ANS. It-tagħrif disponibbli huwa miġbur fil-qosor fit-Tabella ta' taft.

Waqt li hemm probabbiltà li l-mod kif tkun stabbilita l-kompetenza tal-Aġenzija mhux se jkollu impatt fuq Tower Company GmbH għax hija toffri servizzi tal-ATM biss u d-Dipartiment Rumien tal-AIS tal-CAA għax huwa parti mill-CAA lokali, is-sitwazzjoni tista' tkun differenti għall-oħrajn kollha, li huma prinċipalment operaturi tal-ajrudromi.

L-għadd ta' l-entitajiet	L-Istat	Aktar ANSPs ċivili magħrufin	In-negozju ewlieni
1	Ir-Repubblika Ċeka	Awtorità tal-Ajruport ta' Praga	Tħaddim ta' Ajrudrom
1	L-Estonja	Tallin Airport Ltd	Tħaddim ta' Ajrudrom
3	Il-Finlandja	Ajruport komunitarju ta' Mikkeli Ajruport komunitarju ta' Seinäjoki Ajruport komunitarju ta' Sodankylä	Tħaddim ta' Ajrudrom
66	Franza	66 operatur privat tal-AFIS	Tħaddim ta' Ajrudrom
5 - 1	Il-Ġermanja	Tower Company GmbH Fraport* Munchen Flughafen* 2 ajruporti reġjonali (Lahr & Mannheim) li jfornu direttament it-TWR	ATC (servizzi tat-TWR biss) Tħaddim ta' Ajrudrom
8	L-Ungerija	Ajruport ta' Budapest (CNS) FlyBalaton LHSM (CNS) Debrecen LHDC (CNS) LHPP Pécs-Pogány(CNS u AFIS) Békéscsaba (CNS u AFIS) Győr-Pér (CNS u AFIS) Nyíregyháza (CNS u AFIS) Szeged (CNS u AFIS)	Tħaddim ta' Ajrudrom
8	L-Irlanda	Ajruport ta' Waterford Kerry Airport PLC Ajruport ta' Galway Ireland West Airport Knock Sligo Airport Co LTD Ajruport ta' Donegal Ajruport ta' Weston	Tħaddim ta' Ajrudrom
10	L-Italja	Fornituri indipendenti tal-AFIS	Tħaddim ta' Ajrudrom
1	Il-Lussemburgu	Amministrazzjoni tal-Ajruport tal-Lussemburgu	Tħaddim ta' Ajrudrom
0	Ir-Rumanija	Dipartiment tal-AIS tal-RCAA	Dipartiment tan-NAA
10	Is-Slovenja	Fornituri tal-AFIS lokali (10)	Tħaddim ta' Ajrudrom
40	L-Iżvezja	AFIS lokali f'madwar 40 ajrudromi	Tħaddim ta' Ajrudrom
1	Ir-Renju Unit	SERCO Aviation	Ġestjoni ta' Servizz
<b>153</b>		<b>IT-TOTAL</b>	

\* Servizz ta' Ġestjoni taż-Żona ta' Parkeġġ

**Tabella 12: ATSPs ċivili minuri bit-tħaddim tal-ajrudromi bħala n-negozju ewlieni tagħhom**

Barra minn hekk, fl-ambitu tal-Opinjoni attwali, l-operaturi tal-ajrudromi setgħu joffru s-servizzi lokali l-aktar sempliċi: jiġifieri l-AFIS u/jew Servizz ta' Ġestjoni taż-Żona ta' Parkeġġ, mingħajr il-ħtieġa li jsiru fornituri fis-sens sħiħ tal-ANS u mingħajr il-ħtieġa li jimpjegaw ATCOs bil-liċenzja. Jekk jagħżlu li jsiru fornituri tat-TWR tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, naturalment imbagħad huma, u l-persunal involut tagħhom, se jkunu koperti mir-RE għall-forniment tas-servizz tal-ATS. Is-simplifikazzjoni potenzjali tar-rekwiżiti għall-ġestjoni tal-AFIS/żona ta' parkeġġ hija diskussa aktar fit-tul fil-paragrafu 2.10, imma **għall-firxa tal-evalwazzjoni attwali, l-għadd ta' fornituri tal-ajrudromi li potenzjalment jistgħu jkunu affettwati mill-għażliet OB jew OC jista' jkun stmat li hu 150.**

#### 2.6.2.4 Organizzazzjonijiet tad-disinn, il-produzzjoni u l-manutenzjoni

Organizzazzjonijiet tad-disinn, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, il-magni u l-partijiet tagħhom, inklużi l-avjonika għan-navigazzjoni u l-komunikazzjoni, huma diġà regolati permezz tas-sistema tal-EASA. Fis-SES ir-responsabbiltà tad-disinjatur/produtturi hija bl-istess mod diġà stabbilita, fir-rigward tal-obbligu li jiffirmaw dikjarazzjoni ta' konformità għall-kostitwenti<sup>45</sup>.

Madankollu fis-SES, l-organizzazzjonijiet<sup>46</sup>, tal-manutenzjoni relatata mas-sigurtà, jekk ikunu differenti mill-ANSPs ċertifikati, huma soġġetti għal sorveljanza mill-fornitur imsemmi fuq il-bażi tar-"rekwiżiti komuni"<sup>47</sup>. Fil-każ tal-għażla OA dan mhux se jinbidel, għaldaqstant l-għadd tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni affettwati se jkun żero.

Bl-istess mod, fil-każ tal-għażla OC (jiġifieri li l-EASA tingħata rwol imma s-SES jinżamm kif inhu attwalment) l-għadd tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni affettwati se jkun żero.

**Bil-maqlub, fil-każ tal-għażla OB, l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni jistgħu jkunu regolati, separatament mill-ANSP, fuq il-bażi ta' każ b'każ. Illum tliet kumpaniji jew entitajiet sinifikanti biss** huma magħrufin fl-UE, għat-tweġiq tas-servizzi ta' manutenzjoni relatata mas-sigurtà msemmija: Cyprus Telecommunications Agency (CYTA), Eltel Networks<sup>48</sup> u Techno Sky<sup>49</sup>. Huma se jkunu affettwati mir-regoli tal-Aġenzija, jekk ikunu soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni.

**Tliet entitajiet tad-disinn u l-produzzjoni** wkoll ifornu servizzi tal-ATM/ANS, kif elenkat fit-Tabella t'hawn taħt.

L-Istat	Aktar ANSPs ċivili magħrufin	In-negozju ewlieni
Il-Ġermanja	Airbus Deutschland GmbH (ATS f'Hamburg-Finkenwerder)	Disinn u produzzjoni ta' aeroplani kbar
	BAN 2000 GmbH THALES ATM Navigation GmbH (servizzi ta' CNS)	Forniment ta' soluzzjonijiet mgħammra b'kollox u kompluti għat-tagħmir ta' CNS + Disinn u produzzjoni ta' sistemi tal-ATM/ANS
L-Irlanda	Direttorat tat-Teknoloġija tal-IAA (CNS)	Lokazzjoni, akkwist, u operat ta' CNS

**Tabella 13: Organizzazzjonijiet tekniċi li jipprovdu wkoll servizzi tal-ATM/ANS**

<sup>45</sup> L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tan-netwerk Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (*ĠU L 96, tal-31.3.2004, pġ. 26*).

<sup>46</sup> Jiġifieri dawk li l-persunal tagħhom iwettaq monitoraġġ u jikkonfigura mill-ġdid is-sistemi kruċjali għas-sigurtà f'ħin reali, u jiffirmaw ir-rilaxx għall-użu fix-xogħol wara manutenzjoni ppjanata jew korrettiva fuq il-post.

<sup>47</sup> Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jstabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (*ĠU L 335, tal-21.12.2005, pġ.13*).

<sup>48</sup> <http://www.eltelnetworks.com/main.aspx?ID=B2B538BF-3D54-4640-984A-D3DE847ED006>

<sup>49</sup> <http://www.technosky.it/Lang1/>

**Għaldaqstant, fl-għażla OB jew OC, jistgħu jkunu affettwati 3 (li jipprovdu l-ATM/ANS) + 3 organizzazzjonijiet tad-disinn, il-produzzjoni jew il-manutenzjoni.**

#### 2.6.2.5 Organizzazzjonijiet tat-taħriġ u eżaminaturi mediċi

Mit-tagħrif disponibbli għall-Aġenzija, **4 entitajiet** jipprovdu **taħriġ ATCO mingħajr ma huma fornituri ta' xi ATM/ANS**, kif elenkat fit-Tabella t'hawn taħt.

Lokazzjoni	Aktar ANSPs ċivili magħrufin	In-negozju ewlieni fil-qasam tas-servizzi tal-avjazzjoni regolati
Il-Latvja	Ċentru tat-Taħriġ tal-ANS	Taħriġ tal-ATCOs
Il-Litwanja	Università Teknika Vilnius Gediminas	Taħriġ tal-ATCOs
Il-Lussemburgu	Istitut tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (IANS)	Taħriġ tal-ATCOs
L-Iżvezja	Punt tad-Dħul tat-Tramuntana (EPN)	Taħriġ tal-ATCOs

**Tabella 14: Organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-ATCOs**

Madankollu eżaminaturi mediċi<sup>50</sup> u fornituri<sup>51</sup> tat-taħriġ tal-ATCOs huma diġà soġġetti għall-approvazzjoni/ċertifikazzjoni mill-NSAs fil-qafas tas-SES. Għaldaqstant **l-ebda waħda minnhom m'hija se tkun affettwata** minn kwalunkwe waħda mill-għażliet OA, OB jew OC.

#### 2.6.2.6 Sommarju tal-entitajiet affettwati

Bħala konklużjoni, fuq il-bażi tat-tagħrif fis-sotto-paragrafi 2.6.2.1, 2.6.2.2, 2.6.2.3, 2.6.2.4 u 2.6.2.5 ta' fuq, l-għadd tal-entitajiet ikkonċernati huwa stmat fit-tabella 15 t'hawn taħt:

GĦAŻLIET		L-Għadd Stmat				
Id.	Deskrizzjoni	Awtoritajiet	ANSPs	Operaturi tal-ajrudromi	Organizzazzjonijiet tad-Disinn, il-Produttjoni u l-Manutenzjoni	Organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-ATCOs jew eżaminaturi mediċi
OA	"Tagħmel xejn"	0	0	0	0	0
OB	Estendi l-firxa tar-Regolament Bażiku	30 + 2*	9	150	3 (ANSPs ukoll) + 3 (manutenzjoni)	0
OC	Inkorpora r-rwol ta' l-EASA fis-SES	30 + 2*	9	150	3 + 3	0

\*EUROCONTROL u EASA.

**Tabella 15: L-għadd tal-entitajiet affettwati fir-rigward ta' modi differenti tal-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija**

<sup>50</sup> Artikolu 12.1 tad-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar liċenzja Komunitarja għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

<sup>51</sup> Artikolu 13.1 hemmhekk.

Għaldaqstant biex titqabbel l-għażla 0B ma' 0C se tkun partikolarment importanti ħafna li jkun ivvalutat l-impatt fuq l-operaturi tal-ajrudromi.

### 2.6.3 L-impatt fuq is-sigurtà

Fl-għażla 0A, la d-dispożizzjonijiet bażiċi <sup>52</sup> tas-SES u lanqas ir-Regolament Bażiku m'huma se jkunu mmodifikati b'xi mod.

Fl-għażla 0C ftit Artikoli se jiddeskrivu r-rwol tal-Aġenzija, imma l-filosofija ġenerali u l-kliem tad-dispożizzjonijiet tas-SES se jibqgħu l-istess. Din il-premessa tibqa' valida anki quddiem il-proposta leġiżlattiva għat-"tieni pakkett" tas-SES, minħabba li dan se jkollu l-għan ewlieni li jwettaq monitoraġġ fuq il-prestazzjoni u jtejjeb l-effiċjenza u mhux li jirregola s-sigurtà. Għaldaqstant l-għażla 0A u 0C, mil-lat tas-sigurtà huma ekwivalenti, minħabba li t-tnejn se jkunu bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà eżistenti fis-SES.

Fl-għażla 0B ftit Artikoli oħra, speċifiċi għall-ATM/ANS, se jkunu inklużi fir-Regolament Bażiku. Dan tal-aħħar illum fih 70 Artikolu diġà adottati mil-leġiżlatur; fir-RIA attwali hemm il-premessa li l-filosofija u anki l-kliem ta' dawk l-Artikoli mhux se jinbidlu biex is-sistema tal-EASA tapplika bħala tali għall-qasam ATM/ANS.

Biex l-għażla 0B titqabbel maż-żewġ għażlijiet l-oħra fir-rigward tal-impatt fuq is-sigurtà, xi aspetti ġenerali huma elenkati fit-Tabella li ġejja.

Is-Suġġett	Qafas tas-SES (Għażlijiet 0A u 0C)		R.B. tal-EASA (Għażla 0B)		Impatt komparattiv fuq is-sigurtà	
	Art.	Dispożizzjoni	Art.	Dispożizzjoni	SES	EASA
					SES	EASA
Separazzjoni tal-forniment tad-disinn, il-produzzjoni u l-manutenzjoni mis-servizz	5 (552)	Evalwazzjoni dwar il-konformità biss meta jsir ix-xiri. L-ebda involviment tal-produttur fil-bidlijiet li jiġu wara	1.1(a)	Ċara ħafna	☹	☺
Mudell ta' sistema totali għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili	Ma japplikax	Is-SES mid-definizzjoni tiegħu huwa llimitat għall-ATM/ANS, u dan mhux se jippermetti mudell armonizzat għas-sigurtà fl-avjazzjoni	4	Diġà inkorporat fis-sistema tal-EASA	☹	☺
Mudell ta' sistema totali għall-ATM/ANS	Ma japplikax	Il-qafas tas-SES se jippermetti mudell armonizzat għall-kwistjonijiet tal-ATM, imma permezz ta' diversi entitajiet li se jkollhom bżonn jikkoordinaw, li jista' jwassal għal evażjoni jew duplikazzjoni	Ma japplikax	Mid-definizzjoni tagħha s-sistema tal-EASA hija limitata għall-kwistjonijiet tas-sigurtà, u b'hekk jista' jkun fiha xi lakuni	☹	☹
Adattabilità għall-użu tal-avjonika (operaturi tal-UE)	5 (552)	Tkopri wkoll il-kostitwenti miġrura bl-ajru	8 + 1.c.2 Anness I & 5.a Anness IV	Tinkludi l-ajrunavigabilità u l-adattabilità għall-użu	☺	☺
Adattabilità għall-użu tal-avjonika (operaturi mhux tal-UE)	5 (552)	Tkopri wkoll il-kostitwenti miġrura bl-ajru	9 + 1.c.2 Anness I & 5.a Anness IV	Tinkludi l-ajrunavigabilità u l-adattabilità għall-użu	☺	☺

<sup>52</sup> Ir-Regolamenti 549, 550, 551 u 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Sorveljanza kollettiva	2.4 (550)	Iridu jkunu stabbiliti arranġamenti każ b'każ = riskju ta' nuqqas ta' komprensività jew nuqqas ta' uniformità	10.2	Applikabbli minnufih, fl-UE kollha	☹	☺
Skambju ta' tagħrif (riżultati)	2.4 (550)	Iridu jkunu stabbiliti arranġamenti każ b'każ	10.4	Applikabbli minnufih, fl-UE kollha	☹	☺
Eżami mill-KE dwar il-konformità taċ-ċertifikati	18.1	Limitata	11.2	Possibbli	☹	☺
Miżuri ta' sigurtà	9 & 13 (549)	Limitata għal sanzjonijiet u sigurtà; l-ebda referenza għad-direttivi dwar is-sigurtà fid-dispożizzjonijiet bażiċi	14.1	Reazzjoni immedjata possibbli	☹	☺
Flessibilità tar-regoli ta' l-implimentazzjoni	8 (549)	Test limitat għall-iżvilupp tar-regoli. Xejn dwar il-flessibilità tagħhom.	14.6	Ġerarkija ċara tar-regoli u proċeduri ċari biex jinkiseb livell ekwivalenti ta' sigurtà permezz ta' mezzi differenti mir-regoli tal-implimentazzjoni	☹	☺
Xibka ta' tagħrif (dwar is-Sigurtà)	18 (552)	Enfasi fuq il-kunfidenzjalità, mhux fuq l-iskambju tat-tagħrif dwar is-sigurtà: dan huwa kuntrarju għall-prinċipji dwar is-sigurtà kif jinsabu fis-Direttiva 2003/42/KE	15.1	Skambju ta' tagħrif dwar is-sigurtà fost l-Istati, il-KE, l-EASA u l-AIBs, b'mod mandatorju u konformi mad-Direttiva 2003/42/KE	☹	☺
Rapport annwali dwar is-sigurtà	11.1d (549)	Analiżi tal-prestazzjoni limitata għall-ATM: l-ebda viżjoni ta' sistema totali	15.4	FI-UE kollha + fl-oqsma kollha	☹	☺
Ħarsien tal-volontieri li jirrapportaw	Ma japplikax	Mhux imsemmija	16.1	Espliċita	☹	☺
Ħarsien minn pressjoni minn folla	Ma japplikax	Mhux imsemmija	16.3	Espliċita	☹	☺
Regoli "rotob" (CSs)	4 (549)	Proċess goff u ineffiċjenti	18 (c)	Proċess aktar sempliċi (jiġifieri jaġixxi b'aktar ħeffa għar-rekwiżiti tas-sigurtà li jfiġġu)	☹	☺
Awtorizzazzjoni tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi	5 (549)	Limitata għat-tagħmir avjoniku qabel ikun installat abbord	23.1b	Proċess ta' awtorizzazzjoni formali	☹	☺
Spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni	9 (2096)	Fil-livell tal-IRs biss. L-ispezzjoni tal-impriżi m'hijiex possibbli. L-ebda rekwiżiti dwar il-	24.1	L-ispezzjonijiet ta' l-MS huma mandatorji u jinkludu wkoll l-istħarriġ dwar	☹	☺

		kompetenza tal-awdituri		I-impriżi regolati		
Sanzjonijiet għal fornituri pan-Ewropej	9 (549)	Proċeduri mhux ċari, jekk il-ksur tal-liġi jseħħ fi Stat li huwa differenti mill-Istat taċ-ċertifikazzjoni	25.1	Multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni fuq talba mill-EASA	⊗	☺
Obbligi mhux kuntrattwali	Ma japplikax	L-ebda dispożizzjoni dwar l-obbligu tal-EUROCONTROL jew tal-awdituri involuti fir-"reviżjoni minn pari"	31.3	Skont il-liġi, l-EASA u l-persunal tagħha huma responsabbli b'mod sħiħ għall-azzjonijiet tagħhom	⊗	☺
Kooperazzjoni bejn l-NSAs	2.3 (550)	Imħollija għal ftehim bilaterali jew multilaterali, li jista' jwassal għal nuqqas ta' uniformità	38.3(c)	Proċess sempliċi	⊗	☺
Proċess ta' konsultazzjoni u tweġibiet bil-miktub	8.1 (549)	Permezz ta' arranġamenti tal-EUROCONTROL li mhux neċessarjament ikunu pubbliċi;	52.1(c)	L-involvement tal-industrija u konsultazzjoni miftuħa mal-pubbliku stipulati mil-liġi bis-saħħa ta' mandat	⊗	☺
Appoġġ għall-KE dwar ksur tal-liġi	9 (2096)	L-ebda rabta ċara mad-dover tal-KE li twettaq monitoraġġ dwar l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja	54.1	Linja ċara għar-rapporti dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet lill-KE	⊗	☺
Regoli għall-ATCOs	5 (550)	Id-Direttiva 23/2006 = żmien meħtieġ għat-traspożizzjoni + nuqqas ta' uniformità xorta possibbli	Regoli tal-implimentazzjoni	Applikabilità immedjata b'mod uniformi	⊗	☺
Regoli "orizzontali" għall-awtoritajiet	Ma japplikax	Il-firxa tas-SES limitata għall-ATM/ANS	Taqsimiet B tar-regoli tal-implimentazzjoni tal-EASA	Speċifikata fl-oqsma kollha tal-avjazzjoni għall-għanijiet ta' rikonossiment miż-żewġ naħat	⊗	☺
Regoli "orizzontali" għas-sistema tal-ġestjoni	Ma japplikax	Regoli differenti jistgħu jeżistu għal oqsma differenti, li jfisser li s-sistema ta' ġestjoni hija inqas ċara, jew tinvolvi aktar spejjeż	Regoli tal-implimentazzjoni qed ikunu żviluppati	Sett uniku ta' regoli applikabbli fl-oqsma kollha biex jitnaqqas il-piż regolatorju u bil-għan li jkun hemm proċessi ta' ċertifikazzjoni waħdanin għal diversi tipi ta' ħidmiet	⊗	☺

**Tabella 16: Tqabbil tas-sigurtà fl-għażliet 0A, 0B u 0C**

Mit-tabella ta' fuq, wieħed jista' josserva li r-Regolament Bażiku fih sett komprensiv ta' dispożizzjonijiet "orizzontali" dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni. Meta l-ATM/ANS ikunu nklużi f'dan il-qafas dan b'mod partikolari se jwassal għall-approċċ ta' sistema totali għas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili; dan se jippermetti l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji relatati mar-rabtiet elettroniċi bejn l-atturi varji minħabba li s-sigurtà ma tistax tinkiseb biss biż-żieda ta' azzjoni għamja individwali minn kull wieħed minnhom. Wieħed jistenna wkoll li meta l-proċessi regolatorji tas-sigurtà kollha jitqiegħdu f'sistema waħda, dan se

jissimplifika wkoll il-proċess taċ-ċertifikazzjoni għall-operaturi involuti fl-oqsma multipli tal-avjazzjoni.

Bil-maqlub, il-qafas tas-SES, li kien imfassal biex itejjeb il-kapaċità u l-effiċjenza tal-ATM/ANS, huwa inqas żviluppat mill-aspett tar-regolazzjoni tas-sigurtà. Barra minn hekk, l-inkorporazzjoni tar-rwol tal-Aġenzija fih, se jġiegħel lil operaturi f'ħafna oqsma biex isegwu sensiliet separati ta' leġislazzjoni: jiġifieri idawru parti mill-ħidma disponibbli għas-sistema ta' ġestjoni, lejn kompiti li m'humix essenzjali għas-sigurtà.

Bħala konklużjoni, l-applikazzjoni tal-metodoloġija ppreżentata fil-paragrafu 2.1.2 ta' fuq (bl-inklużjoni ta' fattur iddifferenzjat ta' 3 għall-impatti fuq is-sigurtà), u wara li ssir l-għażla tal-indikaturi tar-riżultat applikabbli marbuta ma' għanijiet speċifiċi identifikati fil-paragrafu 2.4.5, ikunu jistgħu jingħataw punteġġi għall-impatt fuq is-sigurtà tat-tliet għażliet kif ippreżentat fit-Tabella li ġejja.

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Punteġġ tal-Għażliet		
	0A	0B	0C
<b>Ir-rwol tal-EASA kopert minn</b>	<b>Mhux estiż għall-ATM/ANS</b>	<b>R.B. tal-EASA</b>	<b>L-EASA fis-SES</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	0	3	1
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	- 3	3	3
Spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni għall-ATM/ANS	1	3	2
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	- 3	3	1
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	- 3	3	- 1
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	M'hijiex relatata b'mod dirett mal-att ġuridiku		
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni tal-fornituri f'4 Stati jew aktar	- 3	3	2
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	Koperta fil-paragrafu 2.10		
Valutazzjoni tal-impatt għal kull regola proposta	1	3	2
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	- 1	3	2
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	- 2	3	3
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex relatata b'mod dirett mal-att ġuridiku		
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 13</b>	<b>27</b>	<b>15</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/9 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 1.44</b>	<b>3</b>	<b>1.67</b>
<b>MEDJA DDIFFERENZJATA (Punteġġ x 3 għas-sigurtà)</b>	<b>- 4.32</b>	<b>9</b>	<b>5.01</b>

**Tabella 17: Punteġġi tal-impatt fuq is-sigurtà mill-estensjoni tal-firxa tal-leġislazzjoni tal-UE**

#### 2.6.4 L-Impatt Ekonomiku

F'din is-sezzjoni l-ispejjeż tal-Aġenzija huma evalwati kif ġej. L-ispiża totali tal-persunal tal-Aġenzija (salarji + amministrazzjoni, imma minbarra l-ivvjaġġar) hija madwar 43.8 M€ fl-2008 għal medja ta' 338 impjegat. Għaldaqstant **1 FTE fl-EASA** tiswa madwar 130 k€/sena, inklużi wkoll l-Aġenti Temporanji fil-grad B, Aġenti b'Kuntratt, u l-Awżiljarji. Madankollu l-persunal rilevanti għar-RIA attwali jikkonsisti l-aktar f'Aġenti Temporanji tal-grad A. Għalihom hija stmata spiża ta' 15% oġhla (jiġifieri: **150 k€/sena**). F'sena waħda (365 jum) hemm 52 Sibt u l-istess għadd ta' ħdud. Barra minn hekk iridu jitqiesu madwar 30 jum ta' lif u 16-il btala pubblika. Għaldaqstant l-għadd ta' jiem utli li jibqa' huwa: 365 -



104 - 30 - 16 = 215-il jum. Jekk wieħed jassumi 5 ijiem għall-mard u assenzi oħra, l-għadd nett ta' jiem li jibqa' huwa ta' **210/sena**. Jekk wieħed jassumi 7.5 sigħat ta' xogħol kull jum, dan jirrappreżenta **1575 sigħat ta' xogħol fis-sena**. Wieħed jassumi li **madwar 20% tas-sigħat jintużaw għal kompiti ta' rutina**, ippjanar, irrapportar u kompiti amministrattivi oħra, mela l-għadd ta' sigħat "**bi ħlas**" huwa ta' **madwar 1260. L-ispiża ta' siegħa 'bi ħlas'** għaldaqstant hija ta' (150,000/1260) fil-firxa ta' **120€** għall-persunal tal-Aġenzija. Madwar **25€/siegħa** huma stmata li jirrappreżentaw **l-ispiża tal-ivvjaġġar**, minħabba li l-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni jridu jkopru l-kontinent kollu inkluża l-periferija tiegħu. **Għalhekk l-ispiża totali ta' siegħa 'bi ħlas' f'din ir-RIA qed titqies li hi, għall-persunal tal-Aġenzija, fil-firxa ta' 145€ (inkluż l-ivvjaġġar).**

Bħala konklużjoni, f'dan il-paragrafu u fir-RIA attwali kollha, **1 FTE** għall-Aġenzija **qed titqies li tirrappreżenta:**

- Spiża medja ta' 150,000 €/sena;
- **210 jum ta' xogħol** u 1260 siegħa bi ħlas, bi spiża ta' 120€
- L-ispejjeż tal-ivvjaġġar huma evalwati li jiġu 25€ kull siegħa.

#### 2.6.4.1 Spezzjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni mill-Aġenzija

L-estensjoni tal-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni tal-Aġenzija għall-ATM u l-ANS, se ssejtni wara l-pjan ġenerali attwali għal verifika perjodiċi, ibbażat fuq żjara 1 kull sentejn (il-frekwenza = 1 : 2 = 0.5 żjajar/sena). Barra minn hekk, madankollu, f'ċirkostanzi speċjali jistgħu jitwettqu spezzjonijiet ad hoc. Mela l-frekwenza tista' titqies li tkun 10% ogħla: 0.55.

Tali żjarat normalment idumu 5 ijiem, u jitwettqu minn tim ta' 3 awdituri ddedikati għall-ATM/ANS ġejjin mill-Aġenzija jew mill-NSAs<sup>53</sup>. Il-ħidma medja għal kull żjara ta' spezzjoni għalhekk hija 5 ijiem x 8 sigħat x 3 persuni = 120 sigħat ta' xogħol. Minħabba li l-frekwenza taż-żjarat kull sena kienet stmata li hija 0.55, dan ifisser (120 x 0.55) li bħala medja **madwar 66 sigħat ta' xogħol kull sena huma meħtieġa biex titwettaq żjara ta' standardizzazzjoni waħda ta' awtorità kompetenti waħdanija, matul il-perjodu ta' ppjanar ta' sentejn.**

Madankollu, skont ir-Regolament (KE) Nru 736/2006, l-awdituri li jwettqu l-kompitu tal-Aġenzija jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-emendi tal-protokoll tal-verifika u tal-kwestjonarji tal-verifika. Barra minn hekk, huma se jkollhom iħejju l-pjanijiet tal-verifika; jikkoordinaw iż-żjarat; iħejjuhom; jirrapportaw fuq ir-riżultat; u jsegwu kwalunkwe pjan għal azzjonijiet korrettivi potenzjali. L-għadd ta' sigħat ta' xogħol kull sena meħtieġa biex jintużaw mill-Aġenzija biex tistandardizza Awtorità kompetenti waħda, fl-oqsma kumplessi ħafna tal-ATM/ANS, huwa stmat li huwa, bħala medja, mill-inqas 5 darbiet ogħla (jiġifieri ġimgħa għaż-żjara flimkien ma' 4 ġimgħat ta' xogħol ta' kitba assoċjat maż-żjara) mis-66 siegħa msemmija fuq.

Għaldaqstant **bħala medja huma meħtieġa kull sena 66 x 5 = 330 siegħa mill-Aġenzija għall-istandardizzazzjoni ta' Awtorità kompetenti waħda fl-oqsma tal-ATM/ANS**, li jkopru ż-żjara attwali u x-xogħol ta' kitba assoċjati magħha qabel u wara ż-żjara.

Fil-paragrafu 2.6.2.1 ta' fuq, l-għadd ta' Awtoritajiet involuti ġie stmat li huwa 30, għaldaqstant għall-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, il-piż kull sena fuq l-Aġenzija b'kollox se jkun:

- 330 siegħa x 30 Awtorità = madwar 9 900 siegħa bi ħlas/sena;

<sup>53</sup> Skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar il-metodi tax-xogħol tal-EASA rigward it-twettiq tal-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, it-tim tal-verifika tal-Aġenzija għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn 3 membri. Membru 1 jew 2 jistgħu jiġu pprovduti mill-Istati Membri. Din id-dispożizzjoni tista' faċilment tkun immodifikata permezz tal-komitoloġija, biex ikun permess l-involvement tal-persunal tal-EUROCONTROL, li qabel kien involut fil-programm ESIMS.

- dawn, diviżi b'1260, jirrappreżentaw **madwar 8 FTEs għall-ħidmiet ta' standardizzazzjoni**
- Dan l-għadd ta' spetturi se jkun jeħtieġ **b'mod addizzjonali Maniġer ta' taqsima 1 u assistent 1; mela l-għadd tal-FTEs se jkun 10**, f'konformità mal-pjan tal-persunal approvat tal-Aġenzija;
- għal 150,000€/FTE, fil-każ tal-akbar spiża fejn jintuża biss il-persunal tal-Aġenzija, dan iwassal għal **spiża totali stmata ta' madwar 1 500 000 €/sena għall-Aġenzija.**

L-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni jeħtieġu wkoll ħidma mill-awtoritajiet spezzjonati. Madankollu, wieħed jista' jassumi li:

- l-awtoritajiet diġà huma soġġetti għal "reviżjonijiet minn pari" fuq il-bażi tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 ("rekwiżiti komuni"): għaldaqstant l-għażliet 0B u 0C, minħabba li l-ispezzjonijiet tal-Aġenzija naturalment se jieħdu post l-imsemmija "reviżjonijiet minn pari", ma huma se jimponu **l-ebda piż ekonomiku addizzjonali fuq l-awtoritajiet talli jkollhom l-ispezzjonijiet;**
- **l-awtoritajiet se jipprovdu awdituri biex jagħtu appoġġ lill-KE għar-"reviżjonijiet minn pari"**, għal madwar 6 930 siegħa/sena, li, immultiplikati b'110 €/siegħa iwasslilhom **tfaddil fil-firxa ta' 762 300 €/sena;**
- żjarat ESIMS tal-EUROCONTROL, jimplikaw bejn wieħed u ieħor l-istess ħidma bħal dik stmata għall-Aġenzija u dawn huma paralleli mar-"reviżjonijiet minn pari". Jekk wieħed jassumi spiża tal-ħaddiema bħal tal-EASA, u fuq il-bażi tal-istess premessi, dan ifisser spiża għall-EUROCONTROL ta' madwar **1 500 000 €/sena**, li jistgħu jkunu ffrankati meta l-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni jibdew jitwettqu mill-Aġenzija.

**Bħala konklużjoni, id-differenza (fir-rigward tal-għażla 0A) fl-ispiża tal-estensjoni tal-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni tal-Aġenzija** għall-oqsma tal-ATM/ANS, **kemm fl-għażla 0B jew l-għażla 0C**, minħabba li l-fornituri ta' servizz ma jistgħux ikunu involuti direttament f'din l-attività, tista' tkun stmata kif jidher fit-Tabella 17 t'hawn taħt.

Parametru	Għall-Aġenzija	B'kollox għal 30 Awtorità kompetenti	Għall-EUROCONTROL	IT-TOTAL
FTEs	10	- 8	- 10	<b>- 8</b>
k€	1,500	- 762	- 1500	<b>- 762</b>

**Tabella 18: L-ispiża stmata tal-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni fil-qasam tal-ATM/ANS**

2.6.4.2 Regolazzjoni "orizzontali" tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà u - Kwalità

Fil-paragrafu 2.6.2.6, **162 entità kienu stmata li qed jipprovdu servizzi f'oqsma multipli tal-avjazzjoni** (per eżempju l-ANSPs li jipprovdu wkoll xogħol tal-ajru; jew l-operaturi tal-ajrudromi li jipprovdu wkoll xi servizzi tal-ATM jew l-ANS; jew entitajiet tekniċi li jipprovdu wkoll l-ATM/ANS). Uħud minn dawk l-entitajiet huma intrapriżi żgħar/medji (SME). Madankollu fl-għażla 0A, minħabba l-qafas ifframmentat, huma jkunu jridu:

- Jiffamiljarizzaw ruħhom ma' żewġ sensiliet differenti ta' regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni;
- Iħarrġu lill-persunal tagħhom involut fil-ġestjoni tas-sigurtà għaż-żewġ sensiliet ta' regolamenti;
- Potenzjalment jaddattaw is-sistemi ta' ġestjoni tagħhom għal rekwiżiti li jvarjaw (u potenzjalment ikunu f'kunflitt ma' xulxin), jew jistabilixxu sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà separata għal kull negozju.

Bħala medja, wieħed jassumi li l-frammentazzjoni msemija fuq tista' twassal għal **ħela ta' mill-inqas 0.5 FTEs/entità/sena**. Din l-istima prudenti ħafna hija bbażata fuq il-fatt li, kif intqal fuq, għadd sinifikanti ta' dawk l-entitajiet huma SMEs. Min-naħa l-oħra, għal SME anki 0.5 FTE huwa ammont sinifikanti.

Wieħed jista' jassumi li bħala medja l-ispiża tal-ħaddiema għal dawk l-entitajiet hija l-istess bħal dik tal-awtoritajiet, għaldaqstant l-ispiża ta' **1 FTE għalihom hija (1260 siegħa bi ħlas x 110 €/siegħa) = 138 600 €**.

Fl-għażla 0A l-ispiża "moħlija" ta' 0.5 FTE/entità mhux se tkun evitata. B'kolloxx din tirrappreżenta ħidma "moħlija" ta'  $0.5 \times 162 = 81$  FTEs; f'termini monetarji din tirrappreżenta  $81 \times 138\,600\text{€} = 11\,227\text{ k€}/\text{sena}$ .

Fl-għażla 0B, qed ikunu żviluppatti regoli tal-implimentazzjoni "orizzontali" għal sistemi ta' ġestjoni integrati. Anki jekk f'dawn ir-regoli xi subpartijiet se jkunu speċifiċi għal oqsma partikolari, f'termini ġenerali se jkun hemm att ġuridiku waħdani u l-istess filosofija bħala l-bażi tiegħu. Dan ifisser li **"l-ispiża moħlija" ta' fuq, imqabbla mas-sitwazzjoni attwali, tista' tkun evitata kompletament**.

Fl-aħħar, fl-għażla 0C, xorta jista' jinkiseb xi tfaddil, imma finalment, wisq probabbli, se japplikaw regoli differenti għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-ATM/ANS meta mqabbla ma' oqsma oħra tal-avjazzjoni. Għaldaqstant wieħed jista' jassumi li f'dan il-każ, id-daqs tat-tfaddil jista' jiċkien bin-nofs għal **5 613 k€/sena**.

**Bħala konklużjoni, għall-fornituri tal-ATM/ANS mhux se jkun hemm spejjeż addizzjonali li jtnisslu mill-estensjoni tal-ambitu tal-Aġenzija** għall-oqsma tagħhom, imma tfaddil li jista' jkun stmat kif muri fit-Tabella t'hawn taħt.

Parametru	GĦAŻLA		
	0A	0B	0C
	Mhux estiż għall-ATM/ANS	R.B. tal-EASA	L-EASA fis-SES
FTEs	0	- 81	- 40.5
k€	0	- 11 227	- 5 613

**Tabella 19: Tfaddil stmat għall-ANSPs**

#### 2.6.4.3 Sorveljanza fuq l-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni

Fil-paragrafu 2.6.2.4 ta' fuq, tliet organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni kruċjali għas-sigurtà kienu identifikati fl-oqsma tal-ATM/ANS. Illum, skont il-qafas regolatorju tas-SES, huma m'humix issorveljati mill-awtoritajiet kompetenti, imma, għall-kuntrarju, mill-fornitur tas-servizz iċċertifikat illi qabbadhom b'kuntratt.

Fl-għażla 0A u 0C din is-sitwazzjoni se tkompli twassal għal:

- Proċessi ta' sorveljanza tas-sigurtà inqas ifformalizzati, li mill-aspett amministrattiv jirrappreżentaw inqas piż, imma mill-aspett taċ-ċertezza ġuridika u l-possibbiltà li tkun stmata l-ħidma meħtieġa, tista' tkun aġħar;
- Ħtieġa li jkunu stabbiliti arranġamenti bejn żewġ ANSPs jew aktar, jekk jiddeċiedu li jqabdbu b'kuntratt lill-istess organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni, biex ikunu evitati verifiki dduplikati;
- Il-punt immedjatament fuq dan jista' wkoll ikun ostaklu għall-bini tas-suq intern.

Jistgħu jkunu elenkati ħafna kunsiderazzjonijiet oħra, madankollu b'mod ġenerali hemm il-fehma li stima oġġettiva tal-impatt ekonomiku għal din il-kwistjoni speċifika hija diffiċli ħafna u sproporzjonata għall-għadd żgħir ħafna (jiġifieri massimu ta' 3 organizzazzjonijiet

iċċertifikati) ta' entitajiet involuti. Xi fatturi jistgħu jwasslu għal tfaddil, imma oħrajn jistgħu wkoll iwasslu għal żieda fl-ispejjeż bħal, per eżempju, il-multiplikazzjoni tal-ħidmiet ta' sorveljanza meta l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni jkollha diversi klijenti. Dan huwa l-każ tal-għażliet OA u OC. Għaldaqstant, l-għażla OB tista' tkun l-oħros, għalkemm l-impatt ekonomiku ta' din l-għażla m'huwiex stmat fid-dettall fl-IRA attwali.

#### 2.6.4.4 Verifika tal-konformità għall-avjonika fuq l-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Bażiku, l-Aġenzija tista' tirrikonoxxi ċertifikati maħruġa minn awtoritajiet aeronawtiċi ta' pajjiżi terzi, kif ipprovdut fil-ftehim applikabbli bejn il-Komunità u dak il-pajjiż. Dan japplika għat-tagħmir avjoniku, imma wkoll għat-trasport tiegħu, meta wieħed iqis r-regolamenti tat-traffiku tal-ajru u r-regoli tal-ajru. Barra minn hekk, dan jinkludi l-adattatezza għall-użu fi kwalunkwe operat previst. Fin-nuqqas ta' tali ftehim dwar għarfien miż-żewġ naħat, l-Aġenzija għandha tistħarreġ kwalunkwe aspett rilevanti qabel tinħareġ l-awtorizzazzjoni meħtieġa minn operaturi ta' pajjiżi terzi biex isir dħul fl-ispazju tal-ajru tal-UE.

Li kieku r-rwol tal-Aġenzija rigward l-ATM/ANS ikun inkorporat fil-qafas ġuridiku tas-SES, ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, li jagħti l-possibbiltà lill-pajjiżi li m'humix fl-UE li jistabbilixxu ftehim dwar materji tas-SES, imma dan l-Artikolu ma kienx infassal biex jindirizza r-rekwiżiti tal-ekwipaġġ u ma jipprovdix bażi ġuridika adatta biex jeħles mir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni li jinsabu fir-Regolament Bażiku;
- L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 li jirrikjedi lill-produtturi li jiffirmaw dikjarazzjoni ta' konformità tal-"kostitwenti" miġrura bl-ajru, li jkopru l-kaxxa avjonika, imma mhux is-sigurtà u l-prestazzjoni tagħha meta tkun installata abbord.

L-impatt fuq is-sigurtà tas-sitwazzjoni deskritta f'dan il-paragrafu kien diġà ġie stmat f'2.6.3 ta' fuq. Mill-aspett ekonomiku, wieħed jista' jinnota li l-qafas tas-SES jista' jkun nieqes minn ċarezza ġuridika u forsi jħalli xi vojt ukoll. Biex jimtela dan il-vojt u biex tkun iċċarata l-materja, naturalment irid issir xi xogħol. Madankollu huwa impossibbli li wieħed jikkwantifika din il-ħidma fuq il-bażi ta' xi premessa realistika. **Għaldaqstant l-impatt ekonomiku tal-għażla OA jew l-għażla OC jista' jitqies biss bħala negattiv.** Bil-maqlub, l-għażla OB ma twassal għall-ebda spiża addizzjonali.

#### 2.6.4.5 L-ispiża tad-danni

Illum ma teżistix għodda affidabbli biex issir evalwazzjoni bi preċiżjoni tal-effetti kwantitattivi tas-sigurtà ta' miżuri leġiżlattivi ġodda. Għalhekk huwa diffiċli ħafna li jkun żviluppanti stimi ekonomiċi relatati preċiżi.

Madankollu l-paragrafu 2.6.3 ta' fuq kkonkluda li, waqt li l-għażla OA għandha impatt negattiv fuq is-sigurtà quddiem l-isfidi tal-ġejjieni, iż-ewġ għażliet l-oħra, OB u OC, kellhom impatt pożittiv fuq is-sigurtà, bl-impatt ta' OB ikun kważi d-doppju ta' OC. Barra minn hekk, il-paragrafu 2.3.1.8 kkonkluda li l-ispiża tal-aċċidenti u l-inċidenti tal-avjazzjoni direttament jew indirettament relatati ma' fatturi tal-ATM/ANS fl-UE 27 + 4 tammonta għal 680 M€/sena = 680 000 k€/sena.

Wieħed għalhekk jassumi li, **l-għażla OA** definittivament m'hi se ġġib l-ebda benefiċċju tas-sigurtà quddiem l-isfidi tal-ġejjieni: **tfaddil 0 f'termini monetarji**. Min-naħa l-oħra, għalkemm l-għażla OB kisbet punteġġ ogħla minn OC fl-evalwazzjoni dwar is-sigurtà, stima prudenti ħafna ta' benefiċċju ta' 1% biss stmat **għall-għażla OB u l-għażla OC** twassal għal benefiċċju, f'termini ta' **spejjeż evitati, ta' mill-inqas 6 800 k€/sena**.

#### 2.6.4.6 L-analiżi mill-Aġenzija dwar is-sigurtà u r-regolamentazzjoni

Minħabba li l-kompetenza Komunitarja kienet stabbilita mill-qafas tas-SES, wieħed jassumi li l-ebda għażla ma twassal għal bidliet li jaffettwaw l-awtoritajiet kompetenti jew il-partijiet interessati fl-industrija, fir-rigward tar-regolamentazzjoni u l-analiżi dwar is-sigurtà.

Għalhekk wieħed jassumi li l-għadd tal-**FTEs meħtieġa mill-Aġenzija għall-ħidmiet ta' regolamentazzjoni** fl-oqsma tal-ATM/ANS, **huwa 9 (1 manijer + 7 amministraturi + 1 assistent). 2 FTEs oħra jitqies li huma meħtieġa biex jingħata appoġġ lir-regolamentazzjoni b'analiżi suffiċjenti dwar id-dejta tas-sigurtà u b'riċerka dwar is-sigurtà.**

**Ir-riżorsi addizzjonali meħtieġa mill-Aġenzija huma evalwati li jiġu 11-il FTEs = 1 650 000 €/sena, kemm għall-għażla 0B kif ukoll għal 0C, minbarra l-missjonijiet, il-gruppi u l-istudji.**

Wieħed jassumi li, fl-għażla 0B jew l-għażla 0C, l-EUROCONTROL se tkompli tagħti appoġġ lill-KE għal aspetti tas-SES li m'humiex relatati mar-regolazzjoni tas-sigurtà. Għaldaqstant wieħed ma jassumix li l-EUROCONTROL se jiffranka xi FTEs, għalkemm xi unitajiet tal-persunal, illum impjegati mill-SRU fuq ħidmiet ta' regolamentazzjoni, jistgħu jkunu allokatu fuq kompiti differenti.

#### 2.6.4.7 Sommarju tal-impatt ekonomiku

**Il-baġit tal-Aġenzija** se jkun meħtieġ jakkomoda, fl-għażla 0B jew l-għażla 0C, bejn wieħed u ieħor **21 FTE addizzjonali** (10 għall-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni + 9 għar-regolamentazzjoni + 2 għall-analiżi tas-sigurtà). Jekk wieħed jassumi spiża ta' 150 000 k€/FTE dan jirrappreżenta **spiża diretta kull sena ta' 3 150 k€ għall-Aġenzija**, barra l-ispiża tal-missjonijiet, il-gruppi u l-istudji, minħabba li dawn diġà jeżistu fis-sistema ta' llum.

Ħarsa lejn l-impatt ekonomiku fuq il-partijiet interessati, meta wieħed iqis il-konklużjonijiet murija fis-subparagrafi ta' qabel, is-sommarju fit-Tabella li ġejja ssawwar biex jitqabbel l-impatt ekonomiku tat-tliet għażliet.

Spiża stmata fil-funzjoni tal-qafas ġuridiku	Elf €/sena		
	0A	0B	0C
	Mhux estiża għall-ATM/ANS	R.B. tal-EASA	L-EASA fis-SES
Spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mill-EASA	0	- 762	- 762
Regoli "orizzontali" għas-sistemi ta' ġestjoni	0	- 11 227	- 5 613
Sorveljanza tal-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni	0	0	0
Konformità tal-avjonika fuq inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi	Negattiv, imma mhux kwantifikabbli	0	Negattiv, imma mhux kwantifikabbli
Danni evitati	0	- 6 800	- 6 800
Regoli komuni	0	1 650	1 650
<b>IT-TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>- 17,139</b>	<b>- 11,525</b>

**Tabella 20: Sommarju tal-impatt ekonomiku bħala funzjoni tas-soluzzjoni ġuridika magħżula**

Din it-Tabella turi li **ż-żewġ għażliet OB u OC, għalkemm jimplikaw spejjeż akbar għall-Aġenzija, iwasslu għal benefiċċji ekonomiċi għall-komunità kollha, fil-firxa ta' 11 M€/sena fil-każ tal-għażla OC u madwar 17 M€/sena fil-każ tal-għażla OB.**

It-termini monetarji tat-Tabella 20 huma msarrfin f'punteġġi fit-tabella li ġejja.

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultati	Punteġġ tal-Għażliet		
	0A	OB	OC
<b>Ir-rwol tal-EASA kopert minn</b>	<b>Mhux estiża għall-ATM/ANS</b>	<b>R.B. tal-EASA</b>	<b>L-EASA fis-SES</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-ekonomija		
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	0	- 2	- 2
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	- 2	2	2
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	- 3	3	2
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	0	3	2
Separazzjoni ċara tair-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	M'hijiex rilevanti għall-ekonomija		
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	Evalwata f'paragrafu 2.11		
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	Evalwata f'paragrafu 2.10		
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	0	0	0
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-ekonomija		
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	Evalwata f'paragrafu 2.11		
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 5</b>	<b>6</b>	<b>4</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/5 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 1</b>	<b>1.2</b>	<b>0.8</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 2 għall-ekonomija)</b>	<b>- 2</b>	<b>2.4</b>	<b>1.6</b>

**Tabella 21: Punteġġ rigward l-impatt ekonomiku tal-għażliet 0A, OB u OC**

#### 2.6.5 L-impatt ambjentali

M'hemm xejn fil-proposta leġiżlattiva meqjusa li jimmira li jibni infrastruttura ġdida jew li jagħmel ir-regoli ambjentali inqas stretti. Għaldaqstant l-effett ta' kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet meqjusa jrid jitqies bħala newtrali fir-rigward tal-aspetti ambjentali.

#### 2.6.6 L-impatt soċjali

##### 2.6.6.1 L-awtoritajiet kompetenti

L-impatti ewlenin li ġejjin jistgħu jkunu previsti, fuq il-bażi tal-istess figuri tal-evalwazzjoni ekonomika tal-paragrafu 2.6.4 ta' fuq:

- 8 FTEs b'kolli se jkunu ffrankati mit-30 awtorità kompetenti li mhux se jkomplu jipprovdu awdituri għar-reviżjonijiet minn pari;
- Bħala medja dan ifisser anqas minn 0.3 FTEs/awtorità;
- Meta wieħed iqis li ħafna esperti jaqblu li l-ħidma disponibbli fl-awtoritajiet għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza fl-oqsma tal-ATM/ANS bilkemm hija biżżejjed, jekk mhux insuffiċjenti, dan it-tnaqqis minimu fl-FTEs jista' faċilment ikun allokat mill-ġdid fuq kompiti simili fl-istess organizzazzjoni.

Bħala konklużjoni, l-impatt soċjali fuq l-Awtoritajiet se jkun wieħed żgħir ħafna fil-każ ta' kwalunkwe waħda mill-għażliet potenzjali.

#### 2.6.6.2 L-industrija

Fil-paragrafu 2.6.4.2 kien stmat li l-għażla 0B tippermetti tfaddil ta' 0.5 FTEs minn kull waħda mill-162 entità affettwati. F'termini soċjali 0.5 FTE kull kumpanija jista' faċilment ikun assorbit, għalhekk l-impatt soċjali anki għalihom huwa marġinali.

Fil-każ tal-għażla 0C, l-impatt soċjali jonqos bin-nofs.

#### 2.6.6.3 L-EUROCONTROL u l-Aġenzija

Fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-ATM/ANS potenzjalment huma soġġetti għal tliet tipi differenti ta' verifiki barra ż-żjarat tal-USOAP tal-ICAO:

- l-ESIMS tal-EUROCONTROL;
- "reviżjonijiet minn pari" fis-SES;
- spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni tal-EASA fl-oqsma tal-ATM/ANS.

Huwa ċar li tali multiplikazzjoni ta' verifiki li, ftit jew wisq, huma identiċi la hija meħtieġa u lanqas mixtieqa. Għaldaqstant, kien stmat fil-paragrafu 2.6.4.1 li, biex ikunu eliminati l-ispezzjonijiet idduplikati, għandu jintemm il-programm ESIMS tal-EUROCONTROL għall-UE 27 + 4. **Dan se jirriżulta fit-telf ta' 10 FTEs**, prinċipalment fl-SRU.

Madankollu, matul il-perjodu ta' transizzjoni, waqt li tkun qed tassumi kompetenzi ġodda, l-Aġenzija mhux se jkollha għadd biżżejjed ta' professjonisti kkwalfikati. Dawn l-10 FTEs faċilment jistgħu jintużaw għall-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni mill-Aġenzija; b'dan il-mod l-impatt soċjali fuq l-EUROCONTROL jista' jkun imminimizzat.

Fil-paragrafu 2.6.4.7 kien ukoll indikat li progressivament fl-Aġenzija se jinħolqu, bejn wieħed u ieħor, 21 impjeg ġdid.

### 2.6.6.4 Sommarju tal-impatt soċjali

Fit-Tabella li ġejja, il-kunsiderazzjonijiet li hemm fil-paragrafi ta' qabel huma msarrfa f'punteġġi rigward l-indikaturi tar-riżultati applikabbli.

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Punteġġ tal-Għażliet		
	OA	OB	OC
<b>Ir-rwol tal-EASA kopert minn</b>	<b>Mhux estiża għall-ATM/ANS</b>	<b>R.B. tal-EASA</b>	<b>L-EASA fis-SES</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	0	0	0
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	0	2	3
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Separazzjoni ċara tair-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex relatata b'mod dirett għall-att ġuridiku		
<b>IT-TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>2</b>	<b>3</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/2 parametri kkwantifikati)</b>	<b>0</b>	<b>1</b>	<b>1.5</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 2 għall-impatt soċjali)</b>	<b>0</b>	<b>2</b>	<b>3</b>

**Tabella 22: Punteġġ tal-impatt soċjali relatat mal-għażliet OA, OB u OC**

### 2.6.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA

#### 2.6.7.1 "Mudell Ġdid"

Il-"mudell ġdid" għall-istandardizzazzjoni u s-sigurtà tal-prodotti industrijali, kien inbeda fl-1985 b'Riżoluzzjoni tal-Kunsill<sup>54</sup>. Din tinkorpora erba' prinċipji fundamentali:

- Intervent leġiżlattiv limitat għar-rekwiżiti essenzjali (ERs);
- L-adozzjoni ta' regoli tekniċi fdati għand l-organizzazzjonijiet li għandhom tagħrif espert u kompetenza biżżejjed;

<sup>54</sup> Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar mudell ġdid għall-armonizzazzjoni teknika u standards tekniċi (ĠU C 136, tal-4.6.1985, pġ. 1).



- Speċifikazzjonijiet Komunitarji (jew ta' Ċertifikazzjoni) (CSs) mhux legalment vinkolanti;
- Il-possibbiltà ta' Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) alternattivi.

Is-sistema tal-EASA m'hijiex konformi b'mod sħiħ mal-"mudell ġdid" fir-rigward tal-prodotti, imma tapplika l-prinċipji tagħha wkoll għas-sigurtà kruċjali.

Bil-maqlub, fis-SES m'hemmx rekwiżiti essenzjali għas-servizzi (imma għas-sistemi biss, kif meħmuż mar-Regolament (KE) Nru 552/2004), waqt li dettalji tekniċi kultant jinsabu fir-regoli tal-implimentazzjoni vinkolanti.

**Barra minn hekk, il-"mudell ġdid" fih għaxar elementi ewlenin. Fosthom, l-ewwel wieħed huwa li tkun evitata l-proliferazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi minn sorsi differenti. B'mod ċar, l-għażliet OA u OC mhux se jkunu konformi miegħu, waqt li l-għażla OB se tkun perfettament konformi.**

#### 2.6.7.2 Il-ħruġ ta' liċenzji għat-trasportaturi tal-ajru

Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2047/2002<sup>55</sup> jiddikjara b'mod ċar li l-għoti u l-validità fi kwalunkwe ħin ta' liċenzja għall-operat ta' trasportatur bl-ajru għandhom jiddependu fuq il-pussess ta' Ċertifikat ta' Operatur bl-Ajru (AOC) validu li jispeċifika l-attivitajiet koperti mil-liċenzja tal-operat u jikkonforma mal-kriterji tas-sigurtà applikabbli. Għaldaqstant, illum, il-kriterji tas-sigurtà huma speċifikati fir-Regolament Bażiku, waqt li r-Regolament tal-Kunsill imsemmi fuq fih l-aspetti l-oħra kollha relatati man-negozju (il-pjan tan-negozju, l-istabbiltà finanzjarja; l-assigurazzjoni, eċċ...).

Fl-għażliet OA u OC se jinżammu l-prinċipji tas-SES u għaldaqstant, għalkemm il-proċessi taċ-ċertifikazzjoni" u n-"nominazzjoni" li hemm fihom huma differenti, tal-ewwel jinkludu wkoll l-aspetti ekonomiċi/tan-negozju msemmija, waqt li tal-aħħar m'hijiex iddefinita fil-livell Komunitarju.

**L-għażla OB se twassal għal separazzjoni aħjar taż-żewġ materji, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-HLG u b'mod konsistenti mal-mudell diġà applikat f'oqsma oħra tal-avjazzjoni.**

<sup>55</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' *air carriers* (Ġurnal Uffiċjali L 240, tal-24.08.1992, p.1).

### 2.6.7.3 Sommarju tal-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra

Fit-Tabella li ġejja, il-kunsiderazzjonijiet li hemm fil-paragrafi ta' qabel huma msarrfa f'punteġġi għall-indikaturi tar-riżultati applikabbli.

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Punteġġ tal-Għażliet		
	OA	OB	OC
<b>Ir-rwol tal-EASA kopert minn</b>	<b>Mhux estiża għall-ATM/ANS</b>	<b>R.B. tal-EASA</b>	<b>L-EASA fis-SES</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	-3	3	-2
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	- 3	3	1
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex rilevanti f'dan ir-rigward		
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 6</b>	<b>6</b>	<b>- 1</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/2 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 3</b>	<b>3</b>	<b>- 0.5</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 1 għar-relazzjoni ma' leġiżlazzjoni oħra)</b>	<b>- 3</b>	<b>3</b>	<b>- 0.5</b>

**Tabella 23: Tqabbil tal-għażliet OA, OB u OC fir-rigward ta' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra**

### 2.6.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata

Skont il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2, il-punteġġi mogħtija lil kull għażla huma indikati fil-matriċi ta' MCA li ġejja.

Punteġġ iddifferenzjat tal-għażliet għall-qafas ġuridiku		OA	OB	OC
il-punt ta' impatt	Punteġġ Iddifferenzjat	Mhux estiża għall-ATM/ANS	R.B. tal-EASA	L-EASA fis-SES
Sigurtà	3	- 4.32	9	5.01
Ekonomiku	2	- 2	2.4	1.6
Ambjentali	3	0	0	0
Soċjali	2	0	2	3
Fuq regolamenti oħra tal-UE	1	- 3	3	- 0.5
<b>IT-TOTAL IDDIFFERENZJAT</b>		<b>- 9.32</b>	<b>16.4</b>	<b>9.11</b>

**Tabella 24: Analiżi bi kriterji Multipli għall-qafas ġuridiku**

**It-Tabella ta' fuq turi li l-għażla OB tikseb punteġġ li hu madwar id-doppju tal-għażla OC, waqt li l-għażla OA għandha impatt globali negattiv.** B'mod partikolari, l-għażla OB:

- Tikseb punteġġ kważi d-doppju ta' OC fir-rigward tas-sigurtà;
- Hija l-orħos, billi tiswa lill-KE madwar 3.15 M€/sena għal 21 impjegat addizzjonali fl-Aġenzija, imma tipprovdi tfaddil annwali ta' madwar 17 M€/sena fil-livell tal-partijiet interessati tal-avjazzjoni;
- Ma toħloq l-ebda impatt soċjali sinifikanti;
- Hija konformi b'mod sħiħ mal-"mudell ġdid" u l-prinċipju tas-separazzjoni bejn is-sigurtà u forom oħra ta' regolazzjoni jew intervent pubbliku.

## **2.7 Kunċett tal-operazzjonijiet**

### *2.7.1 Għażliet oħra*

L-espressjoni "kunċett tal-operazzjoni" (jew kunċett operattiv tal-ATM) tista' tkun interpretata b'modi differenti, li fosthom l-aktar prominenti huma:

- a) L-iżvilupp ta' mudelli kunċettwali astratti, mhux marbutin ma' volum speċifiku tal-ispazju tal-ajru, u li fit-tipi ġeneriċi tal-ispazju tal-ajru tagħhom jintużaw ċerti teknoloġiji, ikunu applikati ċerti regoli u diversi atturi (per eżempju l-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-fornituri tas-servizz tal-ATS) jwettqu rwoli differenti;
- b) L-identifikazzjoni u l-promulgazzjoni ta' regoli dwar l-aċċess u s-servizzi f'volum speċifiku tal-ispazju tal-ajru, indirizzati lejn entitajiet legali preċiżi (per eżempju l-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-ANSPs).

Fl-Ewropa, matul l-aħħar għexieren ta' snin, ix-xogħol tal-EUROCONTROL spiss ikkonċentra fuq l-ewwel definizzjoni, jiġifieri fid-disgħinijiet meta kien qed ikun żviluppat kunċett tal-operazzjonijiet "ġeneriku" għad-dħul tal-RNAV Bażika jew fil-bidu ta' dawn l-għaxar snin meta sar l-istess għall-RVSM. Illum id-definizzjoni ta' kunċetti ġeneriċi tal-operazzjonijiet għal tipi differenti tal-ispazju tal-ajru (u f'perjodi differenti ta' żmien) hija waħda mill-kompiti ewlenin għas-SESAR. Din tista' titqies bħala ħidma ta' natura governattiva jew ħidma ta' forniment ta' servizz jew anki ħidma prinċipalment ta' żvilupp. F'dan l-aħħar każ, hija tkun lil hinn mill-ambitu tar-Regolament Bażiku, għalkemm żvilupp bikri u volontarju ta' valutazzjonijiet tas-sigurtà u djalogu mal-awtoritajiet regolatorji ikunu mistennija ħafna.

It-tieni definizzjoni twassal għal deċiżjonijiet konkreti rigward il-volum, l-għamla u l-limiti preċiżi tal-ispazju tal-ajru kkonċernat f'żona ġeografika definita (per eżempju CTR, l-ispazju tal-ajru kkontrollat madwar ajrudrom); id-determinazzjoni tal-klassi ta' dak l-ispazju tal-ajru (per eżempju Klassi A tal-ICAO, li tfisser li normalment traffiku IFR biss jitħalla jidħol); ir-rekwiżiti relatati mal-avjonika mill-utenti tal-ispazju tal-ajru u t-taħriġ relatat tal-piloti; ir-rotot standard approvati għat-tluq bl-istrumenti, l-avviċinament bl-istrumenti u għall-inżul; is-servizzi ATC li jridu jkunu furnuti; eċċ. Dawn il-ħidmiet, li jistgħu jiksbu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet ġeneriċi żviluppati mill-ħidma deskritta fuq bħala l-ewwel interpretazzjoni possibbli, jimponu wkoll obbligi u drittijiet speċifiċi għal partijiet interessati differenti fl-avjazzjoni, bħall-utenti tal-ispazju tal-ajru u l-ANSPs fl-ewwel post, imma wkoll l-operaturi tal-ajrudromi fil-każ ta' ċerti operazzjonijiet ta' livell baxx. Din it-tieni tip ta' definizzjoni ta' kunċett ta' operazzjonijiet tista' titqies bħala ħidma ta' natura governattiva jew ta' natura ta' forniment ta' servizz.

Fuq il-bażi tat-tweġibiet tal-partijiet interessati għall-mistoqsija 1 (kif qiegħda fl-NPA 2007-16), dwar il-materji fis-sommarju ta' fuq, l-għażliet alternattivi li ġejjin rigward il-kunċett tal-operazzjonijiet kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2 ta' dan id-dokument:

- 1A): Kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi (per eżempju l-iżvilupp tas-SESAR) u deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet użati fi spazju tal-ajru speċifiku, it-tnejn huma ta' natura governattiva u soġġetti għall-Artikoli tal-liġi fir-Regolament Bażiku;
- 1B): Kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi (per eżempju l-iżvilupp tas-SESAR) u deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet użati fi spazju tal-ajru speċifiku, it-tnejn huma ħidmiet regolati, imwettqa minn fornituri ta' servizz fuq il-bażi tar-rekwiżiti essenzjali fir-Regolament Bażiku;
- 1C): Kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi (per eżempju l-iżvilupp tas-SESAR) ikunu lil hinn mill-ambitu tar-Regolament Bażiku, waqt li deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet użati fi spazju tal-ajru speċifiku huma ta' natura governattiva u soġġetti għall-Artikoli tal-liġi;
- 1D): Kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi (per eżempju l-iżvilupp tas-SESAR) ikunu lil hinn mill-ambitu tar-Regolament Bażiku, waqt li deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet użati fi spazju tal-ajru speċifiku huma ta' natura ta' forniment ta' servizz u mwettqa fuq il-bażi tar-rekwiżiti essenzjali fir-Regolament Bażiku.

### 2.7.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati

#### 2.7.2.1 Irwoli differenti

Fuq il-bażi tal-erba' għażliet alternattivi identifikati fuq biex tkun speċifikata n-natura tal-kunċetti tal-operazzjonijiet, entitajiet differenti se jwettqu rwoli differenti, kif muri fit-Tabella 24 t'hawn taħt. Fit-Tabella, l-espressjoni "Żviluppaturi tal-kunċetti" hija użata biex tindika entitajiet relatati mas-SESAR, li tabilħaqq huma involuti fl-iżvilupp ta' kunċetti tal-operazzjonijiet **ġeneriċi** għal tipi differenti tal-ispazju tal-ajru Ewropew.

Għażla	Aġenzija*	Żviluppaturi tal-kunċetti (ġeneriċi)	Awtoritajiet kompetenti	ATSPs	Partijiet interessati oħra
1A	Twettaq interazzjoni mas-SESAR fuq il-bażi tar-regoli tal-implimentazzjoni li jridu jiġu żviluppati	Suġġetti għar-regoli tal-EASA	Jiddeċiedu fuq il-kunċetti speċifiċi fl-ispazju tal-ajru rispettiv tagħhom	F'konformità mar-regoli u d-deċiżjonijiet (per eżempju implimenta t-tagħmir tal-art)	F'konformità mar-regoli u d-deċiżjonijiet (per eżempju l-ġarr mandatorju tal-avjonika)
1B	Bħal 1A + teżerċita sorveljanza fuq l-entitajiet SESAR	Attività regolata	Responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ANSPs	Jiddeċiedu fuq il-kunċetti speċifiċi fl-ispazju tal-ajru rispettiv tagħhom	Bħal ta' fuq
1C	L-ebda regola formali applikabbli għal kunċett ġeneriku	Lil hinn mill-ambitu tar-Regolament Bażiku tal-EASA	Jiddeċiedu fuq il-kunċetti speċifiċi fl-ispazju tal-ajru rispettiv tagħhom	F'konformità mar-regoli u d-deċiżjonijiet (per eżempju implimenta t-tagħmir tal-art)	Bħal ta' fuq
1D	L-ebda regola formali applikabbli għal kunċett ġeneriku	Lil hinn mill-ambitu tar-Regolament Bażiku tal-EASA	Responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ANSPs	Jiddeċiedu fuq il-kunċetti speċifiċi fl-ispazju tal-ajru rispettiv tagħhom	Bħal ta' fuq

\* b'żieda mal-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, kif diġà koperti fil-paragrafu 2.6

**Tabella 25: Ir-rwoli ta' entitajiet differenti**

Mit-Tabella ta' fuq, wieħed jista' jara li l-partijiet interessati fl-avjazzjoni, kif ukoll partijiet interessati oħra, xorta se jkollhom jikkonformaw mar-regoli u d-deċiżjonijiet relatati, dawn tal-aħħar meħuda jew mill-awtorità kompetenti jew mill-ATSP kompetenti. Fi kliem ieħor, ir-rwol tagħhom se jgħaddi minn bidla fil-funzjoni ta' kwalunkwe waħda mill-erba' għażliet possibbli. Għaldaqstant mhux meħtieġ li jkun stmat fid-dettall l-għadd tal-entitajiet affettwati f'din il-kategorija. Barra minn hekk, l-entitajiet li m'humiex involuti direttament fl-operazzjonijiet bl-ajru, bħall-organizzazzjonijiet tad-disinn, tal-produzzjoni u l-manutenzjoni, mhux se jkunu affettwati minn kwalunkwe waħda minn dawn l-għażliet.

Għaldaqstant, fil-paragrafi 2.7.2.2, 2.7.2.3 u 2.7.2.4 li ġejjin, se jkun stmat biss l-għadd tal-awtoritajiet, l-ATSPs u Żviluppaturi tal-kunċetti (ġeneriċi) affettwati.

#### 2.7.2.2 L-Awtoritajiet Kompetenti

**It-30 awtorità kompetenti kollha** (kif stmat fil-paragrafu 2.6.2.1 ta' fuq) **flimkien mal-Aġenzija**, se jkunu affettwati **minn kwalunkwe waħda mill-erba' għażliet possibbli**, waqt li l-ħidmiet regolatorji tas-sigurtà tal-EUROCONTROL kienu kkunsidrati fil-paragrafu 2.6 ta' fuq.

#### 2.7.2.3 Żviluppaturi tal-kunċetti

Id-Direttorat tal-Istrateġiji għall-ATM (DAS) tal-EUROCONTROL, li huwa nkarigat mill-iżvilupp ta' kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi ġodda, se jkollu impatt mill-għażla 1A u l-għażla 1B. Bil-maqlub, dan ma huwa se jkollu l-ebda impatt mill-għażliet 1C u 1D, minħabba li f'dan il-każ il-kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi se jkunu lil hinn mill-ambitu tar-Regolament Bażiku.

L-istess japplika għall-Impriża Konġunta SESAR u l-Konsorzju SESAR.

**Għaldaqstant, wieħed jista' jassumi li fil-każ tal-għażliet 1A u 1B, l-għadd tal-entitajiet affettwati se jkun 3, imma** għaż-żewġ għażliet li jibqa' ma jeżistu l-ebda żviluppaturi tal-kunċett li se jkunu affettwati.

#### 2.7.2.4 L-ATSPs

Il-komunità tal-ANSPs hija wiesgħa ħafna u tinkludi wkoll fiha entitajiet bħalma huma l-fornituri ta' sinjali tan-navigazzjoni tas-satellita, tagħrif ajronawtiku, xbieki ta' sorveljanza, servizzi meteoroloġiċi u xbieki tal-komunikazzjoni. Tipikament tali entitajiet imsemmija fuq ikopru żoni kbar tal-ispazju tal-ajru, imma m'huwiex r-rwol tagħhom li jiddeċiedu dwar il-kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi jew speċifiċi. Għaldaqstant, mhux se jkunu affettwati minn kwalunkwe waħda mill-erba' għażliet ippreżentati hawn.

Fl-estrem l-ieħor, il-fornituri ta' servizzi tal-ATS sempliċi fuq skala ġeografika limitata ħafna (per eżempju l-AFIS) bl-istess qies m'għandhom l-ebda rwol fid-definizzjoni jew id-deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet. Għaldaqstant, anki din il-kategorija ta' entitajiet titqies li ma tkunx affettwata.

Madankollu, l-ATSPs ċivili li jformu l-ATC matul ir-rotta jew fiż-żoni ta' terminali ewlenin, se jkunu affettwati minn kwalunkwe waħda mill-erba' għażliet possibbli, minħabba li r-rwol tagħhom jista' potenzjalment ikun differenti. Attwalment hemm mill-inqas wieħed minn tali fornituri ta' servizz f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew l-Istati assoċjati mal-EASA (minbarra l-Liechtenstein). **Għaldaqstant, l-għadd tal-ATSPs li potenzjalment jistgħu jkunu affettwati** għal kwalunkwe waħda mill-erba' għażliet possibbli **jista' jkun stmat li hu 30.**

### 2.7.2.5 Sommarju tal-entitajiet affettwati

Bħala konklużjoni, fuq il-bażi tat-tagħrif ippreżentat fis-subparagrafi 2.7.2.1 sa 2.7.2.4 ta' fuq, l-għadd tal-entitajiet ikkonċernati huwa stmat fit-Tabella 26 t'hawn taħt:

GĦAŻLA		Għadd stmat			
Id.	Deskrizzjoni	Awtoritajiet	Żviluppaturi tal-kunċetti	ATSPs	Partijiet interessati oħra
1A	Kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi u deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet użati fi spazju tal-ajru speċifiku t-tnejn huma ta' natura governattiva u soġġetti għall-Artikoli tal-liġi	<b>30 + l-Aġenzija</b>	<b>3</b>	<b>30</b>	<b>0</b>
1B	Kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi u deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet użati fi spazju tal-ajru speċifiku it-tnejn imwettqa minn fornituri ta' servizz		<b>3</b>	<b>30</b>	<b>0</b>
1C	Kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi lil hinn mill-ambitu tal-EASA. Deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet użati fi spazju tal-ajru speċifiku huma ta' natura governattiva		<b>0</b>	<b>30</b>	<b>0</b>
1D	Kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi huma lil hinn mill-ambitu tal-EASA. Deċiżjonijiet rigward il-kunċetti tal-operazzjonijiet użati fi spazju tal-ajru speċifiku jitwettqu minn fornituri ta' servizz		<b>0</b>	<b>30</b>	<b>0</b>

**Tabella 26: L-għadd tal-entitajiet affettwati mill-kunċetti tal-operazzjonijiet**

#### 2.7.3 L-impatt fuq is-sigurtà

Fl-għażla 1C, l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi (per eżempju l-isparju tal-ajru superjuri, għal kwalunkwe żona ta' terminali b'densità għolja tat-traffiku jew għal xenarji oħra simili) se tkun ħidma mhux soġġetta għar-Regolament Bażiku, kif inhu l-każ illum. Madankollu, dan mhux se jeskludi lil Żviluppaturi tal-kunċetti milli jwettqu kmieni kemm jistgħu l-valutazzjonijiet tas-sigurtà (ġeneriċi) tagħhom u, kif inhu rakkomandat, jiskambjaw it-tagħrif ma', u jitolbu analiżi minn, ir-regolaturi tas-sigurtà. Imbagħad fl-għażla 1C l-awtorità kompetenti responsabbli għal ċertu volum ta' spazju tal-ajru speċifiku se tiddeċiedi dwar ir-regoli tal-ajru li se jkunu applikati hemmhekk, fil-konfini bejn iż-żoni ta' responsabbiltà ta' unitajiet tal-ATS differenti, dwar l-approvazzjoni tar-rotot bl-istrumenti disponibbli, dwar ir-rekwiżit għall-ġarr mandatorju ta' tagħmir miġrur bl-ajru, eċċ. L-ebda għodda preċiża m'hija disponibbli biex tikkwantifika l-impatt tas-sigurtà ta' din l-għażla. Madankollu, ma teżisti l-ebda evidenza li turi li nħolqot xi problemi ta' sigurtà mit-tħollija barra tal-iżvilupp tal-kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi mill-ambitu tar-regoli tas-sigurtà. Ikun xi jkun il-każ, l-awtorità governattiva għandha biżżejjed poteri ġuridiċi biex timponi kwalunkwe regola jew deċiżjoni mhux biss fuq l-ANSPs u l-ATSPs, imma wkoll fuq partijiet interessati fl-avjazzjoni oħra, inklużi l-operaturi tal-ajru u tal-ajrudromi.

**Għaldaqstant, l-għażla 1C, wara l-evalwazzjoni kwalitattiva ta' fuq, titqies bħala pożittiva ħafna mill-aspett tas-sigurtà.**

Fir-rigward tal-kunċetti tal-operazzjonijiet ġeneriċi, is-sitwazzjoni fl-għażla 1D bl-ebda mod m'hija differenti. F'dan il-każ, madankollu, id-deċiżjonijiet rigward l-obbligi li jridu jitwettqu, anki mill-operaturi tal-ajru jew l-operaturi tal-ajrudromi, se jittieħdu mill-ATSP ċivili ewlenija maħtura (u soġġetta għas-sorveljanza tas-sigurtà mill-awtorità kompetenti) mill-Istat jew l-Istati (fil-każ tal-FABs multinazzjonali).

Ma jeżistu l-ebda elementi biex wieħed jistqarr li din l-għażla ma tkunx sigura biżżejjed. Madankollu, minħabba li l-ATSPs m'għandhomx poteri ta' nferzar fir-rigward ta' partijiet interessati oħra, id-deċiżjonijiet tagħhom iridu jiġu kkomunikati lill-awtorità kompetenti għall-promulgazzjoni formali u l-infurzar. Fi kliem ieħor, il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-implimentazzjoni marbuta mal-kwistjonijiet tas-sigurtà, inevitabilmente se jkun aktar bil-mod. Għaldaqstant, fl-opinjoni tal-Aġenzija, din **l-għażla 1D hija kemm kemm inqas ottimali mill-għażla 1C f'termini ta' sigurtà.**

Biex wieħed jevalwa l-benefiċċju addizzjonali għas-sigurtà potenzjali miksub permezz tal-għażliet 1A jew 1B, wieħed għandu jinnota li l-Kunsill tal-UE, meta kien qed jistabbilixxi l-Impriża Konġunta tas-SESAR<sup>56</sup> (SJU), fil-premessa (2) stqarr li għandha tiżviluppa l-element teknoloġiku tas-SES, biex **imexxi 'l quddiem l-iżvilupp sigur u li jħares l-ambjent tat-trasport bl-ajru.** Sussegwentement, fl-istess att, il-Kunsill ta l-kompitu lill-SJU biex:

- tinvolvi (it-tielet ħajfin fl-Artikolu 1.5) l-ANSPs, l-operaturi tal-ajru, l-assoċjazzjonijiet professjonali, l-ajruporti, l-industrija tal-manifattura tas-settur, kif ukoll il-komunità xjentifika, jiġifieri segment tas-soċjetà b'kultura qawwija ta' sigurtà fl-avjazzjoni;
- torganizza (ir-raba' ħajfin hemmhekk), fost affarijiet oħra, ix-xogħol ta' validazzjoni, li fil-fehim tal-Aġenzija jinkludi l-evalwazzjoni bikrija tas-sigurtà.

Għaldaqstant diġà hemm fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-kunċetti (ġeneriċi) tas-SESAR ikunu vvalidati billi titqies ukoll l-evalwazzjoni tas-sigurtà. Għaldaqstant, **l-għażla 1A mhux se tkun aħjar minn 1C, u 1B mhux se tkun aħjar minn 1D** mill-aspett tas-sigurtà.

---

<sup>56</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (*ĠU L 64, tat-2.3.2007, p. 1*).

Bħala konklużjoni, meta tkun applikata l-metodoloġija ppreżentata fil-paragrafu 2.1.2 ta' fuq (inkluż fattur ta' differenzazzjoni ta' 3 għall-impatti fuq is-sigurtà), u meta jintgħażlu l-indikaturi tar-risultat applikabbli marbuta ma' għanijiet speċifiċi mill-paragrafu 2.4.5, jistgħu jingħataw punteġġi għall-impatt fuq is-sigurtà tal-erba' għażliet relatati mal-kunċetti tal-operazzjonijiet (CoO), kif muri fit-Tabella 27 li ġejja taħt:

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Risultat	Punteġġ tal-Għażliet			
	1A	1B	1C	1D
<b>In-natura u r-regolazzjoni tal-CoO</b>	<b>CoO Ġeneriċi + speċifiċi ta' natura governattiva</b>	<b>CoO Ġeneriċi + speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz</b>	<b>CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura governattiva</b>	<b>CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	- 1	3	3	2
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	- 1	- 1	3	3
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	M'hijiex rilevanti f'dan l-ambitu			
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	M'hijiex rilevanti f'dan l-ambitu			
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex rilevanti f'dan l-ambitu			
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	3	- 3	3	- 3
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	M'hijiex rilevanti f'dan l-ambitu			
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti f'dan l-ambitu			
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	M'hijiex rilevanti f'dan l-ambitu			
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	- 1	1	3	3
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	- 1	- 2	2	2
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex rilevanti f'dan l-ambitu			
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 1</b>	<b>- 3</b>	<b>14</b>	<b>7</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/5 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 0.2</b>	<b>- 0.6</b>	<b>2.8</b>	<b>1.4</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 3 għas-sigurtà)</b>	<b>- 0.6</b>	<b>- 1.8</b>	<b>7.4</b>	<b>4.2</b>

**Tabella 27: Punteġġ tal-impatt fuq is-sigurtà tal-għażliet għall-kunċetti tal-operazzjonijiet**



#### 2.7.4 L-impatt ekonomiku

**L-għażla 1C**, jiġifieri l-ebda regola addizzjonali għall-iżvilupp tas-SESAR u kontinwazzjoni tar-rwol tradizzjonali tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni li jieħdu deċiżjonijiet rigward l-użu ta', u s-servizzi ġo, l-ispazju tal-ajru fir-responsabbiltà tagħhom, titqies li tirrifletti s-sitwazzjoni attwali. Jekk tkun stabbilita fil-liġi mhux se twassal għal spejjeż addizzjonali, waqt li l-impatt ekonomiku tat-twaqqif tal-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni mill-EASA diġà ġie vvalutat fil-paragrafu 2.6.4.1. Għaldaqstant **mhux se twassal għal spejjeż addizzjonali, jew għal tfaddil.**

**L-għażla 1D**, id-delegazzjoni lill-ATSPs tar-responsabbiltà għat-teħid tad-deċiżjonijiet li mbagħad neċessarjament jeħtieġ li jkunu ppromulgati u nfurzati mill-awtoritajiet, timplika xi xogħol addizzjonali u għaldaqstant impatt ekonomiku kemm kemm inqas ottimali, għalkemm il-kwantità ta' din **il-ħidma addizzjonali** hija diffiċli ħafna li tkun stmata bi preċiżjoni suffiċjenti. Għaldaqstant, issir premessa prudenti ħafna għall-għanijiet ta' din il-valutazzjoni tal-impatt: FTE 1 addizzjonali biss se tkun meħtieġa, meta mqabbla mal-għażla 1C, li tfisser **138.6 k€/sena.**

**Fl-għażla 1A, it-3 żviluppaturi tal-kunċett tas-SESAR u l-Aġenzija** se jkunu meħtieġa jstabilixxu rabtiet elettroniċi u relazzjonijiet formali. L-ispiża ta' FTE 1 għal dawg l-entitajiet hija stmata fil-firxa ta' 150 k€. Il-kwantità li trid tkun fornuta għall-koordinazzjoni formali msemmija hija stmata fil-firxa ta' FTE 1 kull entità, li b'hekk tfisser 4 FTEs b'kollox u b'hekk tiġi **600 k€/sena.**

Fl-aħħar, **fl-għażla 1B**, l-Aġenzija se tkun meħtieġa teżerċita sorveljanza fuq it-3 żviluppaturi tas-SESAR. Fil-paragrafu 2.6.4.1 kien stmat li għall-ħidmiet tal-istandardizzazzjoni għal awtorità tal-avjazzjoni waħda l-Aġenzija tirrikjedi madwar **330 siegħa bħala medja kull sena**, li jinkludu ż-żjara ta' verifika proprja u x-xogħol ta' kitba assoċjat magħha li jsir qabel u wara ż-żjara.

F'dan il-każ, l-entitajiet li se jkunu vverifikati se jkunu 3, imma x-xogħol proprju meħtieġ se jkun ħafna aktar kumpless milli hu l-każ fl-istima standard użata fil-paragrafu 2.6.4.1. Hawnhekk huwa stmat li se jkun meħtieġ tliet darbiet aktar xogħol. Għaldaqstant, il-ħidma għall-Aġenzija se tkun 330 siegħa x 3 = 990 siegħa/sena. Fir-rigward tat-3 entitajiet dan se jkun ifisser 2.35 FTEs (2970/1260) u f'termini monetarji se jfisser spejjeż ta' **352.5 k€/sena** (1 FTE = 150 k€).

Madankollu l-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni jirrikjedu wkoll ħidma mill-entitajiet spezzjonati. Wieħed jassumi li, bħala medja, huma se jwettqu l-istess ammont ta' xogħol daqs l-Aġenzija, bl-istess spiża tax-xogħol. Għaldaqstant **l-ispiża totali għat-tliet żviluppaturi tal-kunċett għal darb'oħra se tkun 352.5 k€/sena b'kollox.**

Għal din l-għażla 1B, l-impatt ekonomiku fuq l-ATSPs se jkun l-istess bħall-għażla 1D.

Sommarju tal-istimi ta' fuq jidher fit-Tabella 28 t'hawn taħt:

Spiża stmata għall-kunċett tal-operazzjonijiet	Elf €/sena			
	1A	1B	1C	1D
	CoO Ġeneriċi + speċifiċi ta' natura governattiva	CoO Ġeneriċi + speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz	CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura governattiva	CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz
EASA	150	352.5	0	0
Awtoritajiet Nazzjonali	0	0	0	0
ATSPs	0	138.6	0	138.6
Żviluppaturi tas-SESAR	450	352.5	0	0
<b>IT-TOTAL</b>	<b>600</b>	<b>843.6</b>	<b>0</b>	<b>138.6</b>

**Tabella 28: Sommarju tal-ispiża tar-regolazzjoni tal-kunċett tal-operazzjoni**

L-istimi kollha ta' fuq dwar l-impatt ekonomiku jistgħu mbagħad jiġu mfissra mill-punteġġi fit-Tabella 29 li ġejja:

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar- Riżultat	Punteġġ tal-Għażliet			
	1A	1B	1C	1D
<b>In-natura u r-regolazzjoni tal-CoO</b>	<b>CoO ġeneriċi + speċifiċi ta' natura governattiva</b>	<b>CoO ġeneriċi + speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz</b>	<b>CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura governattiva</b>	<b>CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
Spezzjonijiet ta' l-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	0	- 3	0	0
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	0	- 1	0	- 1
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' forniture f'4 Stati jew aktar	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	- 2	- 3	0	0
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-CoO			
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 2</b>	<b>- 7</b>	<b>0</b>	<b>- 1</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/3 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 0.67</b>	<b>- 2.33</b>	<b>0</b>	<b>- 0.33</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 2 għall-ekonomija)</b>	<b>- 1.34</b>	<b>- 4.66</b>	<b>0</b>	<b>- 0.66</b>

**Tabella 29: Punteġġi tal-impatt ekonomiku tal-għażliet għal Kunċetti tal-Operazzjonijiet**

### 2.7.5 L-impatt ambjentali

Kif kien innutat fil-paragrafu 2.7.3 ta' fuq, il-Kunsill tal-UE diġà ta lis-SESAR il-kompitu li tiżviluppa kunċetti tal-operazzjonijiet li "jħarsu l-ambjent". Għaldaqstant kwalunkwe waħda mill-erba' għażliet ikkunsidrati trid tingħata punteġġ bħala newtrali fir-rigward tal-ambjent.

### 2.7.6 L-impatt soċjali

L-għadd tal-FTEs involuti, kif enfasizzat fil-paragrafu 2.7.4 ta' qabel, tant huwa żgħir, li l-ebda impatt soċjali sinifikanti ma jista' jkun identifikat għal kwalunkwe waħda mill-erba' għażliet possibbli.

### 2.7.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA

L-għażla 1C mhu se jkollha la impatt fuq ir-regolament tal-Kunsill imsemmi li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta SESAR u lanqas fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 551/2004 tas-SES fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-Istati għad-deċiżjonijiet rigward l-użu tal-ispazju tal-ajru rispettiv tagħhom. L-applikazzjoni tar-responsabbiltajiet f'konformità ma' din l-għażla ma tevitax li jkunu stabbiliti, fil-limiti tal-kompetenzi u r-riżorsi rispettivi, arranġamenti volontarji bejn l-SJU u l-Aġenzija.

Bil-maqlub, l-għażliet 1B u 1D se jaffettwaw il-kondiviżjoni attwali tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-ATSPs u se jirrikjedu modifiki sostanzjali fir-Regolament (KE) Nru 551/2004.

Barra minn hekk, l-għażliet 1A u 1B se jkollhom ukoll impatt fuq il-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 bil-ħolqien ta' rekwiżit għal regoli formali għall-validazzjoni tal-iżvilupp tal-CoO ġeneriċi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tas-sigurtà.

Ta' fuq jista' jkun tradott f'punteġġ numeriku fit-Tabella 30 t'hawn taħt:

<b>Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat</b>	<b>Punteġġ tal-Għażliet</b>			
	<b>1A</b>	<b>1B</b>	<b>1C</b>	<b>1D</b>
<b>In-natura u r-regolazzjoni ta' CoO</b>	<b>CoO Ġeneriċi + speċifiċi ta' natura governattiva</b>	<b>CoO Ġeneriċi + speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz</b>	<b>CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura governattiva</b>	<b>CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	- 1	3	2	2
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	0	- 2	0	- 2
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	- 2	- 3	2	2
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex rilevanti għall-impatt fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra			
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 3</b>	<b>- 2</b>	<b>4</b>	<b>2</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/3 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 1</b>	<b>- 0.66</b>	<b>1.33</b>	<b>0.66</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 1 għall-impatt fuq leġislazzjoni oħra)</b>	<b>- 1</b>	<b>- 0.66</b>	<b>1.33</b>	<b>0.66</b>

**Tabella 30: L-impatt tal-CoO fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra**

### 2.7.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata

Skont il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi mogħtija fil-paragrafi 2.7.3 sa 2.7.7, tista' tingħata l-matriċi li ġejja għall-MCA:

Punteġġ iddifferenzjat tal-għażliet għall-Kunċett tal-Operazzjonijiet		L-Għażliet			
		1A	1B	1C	1D
il-punt ta' impatt	Punteġġ Iddifferenzjat	CoO Ġeneriċi + speċifiċi ta' natura governattiva	CoO Ġeneriċi + speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz	CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura governattiva	CoO Ġeneriċi lil hinn mill-ambitu. CoO Speċifiċi ta' natura ta' forniment ta' servizz
Sigurtà	3	- 0.6	- 0.8	7.4	4.2
Ekonomiku	2	- 1.34	- 4.66	0	- 0.66
Ambjentali	3	0	0	0	0
Soċjali	2	0	0	0	0
Fuq leġiżlazzjoni oħra tal-UE	1	- 1	- 0.66	1.33	0.66
<b>IT-TOTAL IDDIFFERENZJAT</b>		<b>- 2.94</b>	<b>- 6.12</b>	<b>8.73</b>	<b>4.2</b>

**Tabella 31: Analiżi bi kriterji Multipli għall-kunċett tal-operazzjonijiet**

Mit-Tabella ta' fuq, wieħed jista' josserva li l-għażliet 1A u 1B juru punteġġ iddifferenzjat totali negattiv. Għaldaqstant huwa rakkomandat li dispożizzjonijiet għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-kunċetti tal-operazzjonijiet "ġeneriċi" ma jkunux inklużi fir-Regolament Bażiku. Madankollu, dan ma jżommx lill-Impriża Konġunta (JU) tas-SESAR u lill-Aġenzija mill jistabbilixxu arranġamenti volontarji bejn iż-żewġ naħat biex jikkontribwixxu għall-validazzjoni tar-risultati tas-SESAR anki mill-aspett regolatorju. Fost l-għażliet li baqa', l-għażla **1C tikseb punteġġ li huwa d-doppju ta' 1D**. Fir-rigward tal-għażla 1C, b'mod partikolari hija:

- tikseb punteġġ li huwa d-doppju tal-għażla 1D f'termini tas-sigurtà;
- ma timplika l-ebda spejjeż addizzjonali;
- timminimizza l-impatt fuq leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni oħra lil hinn mill-mandat tal-EASA, waqt li hija newtrali f'termini ambjentali u soċjali.

## **2.8 Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru (ATFM)**

### 2.8.1 Għażliet oħra

L-għażliet alternattivi li ġejjin għall-ATFM kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2 ta' fuq:

- 3A): L-ATFM għandha natura regolatorja/governattiva;
- 3B): L-ATFM hija materja regolata minħabba li hija servizz jew funzjoni operattiva;
- 3C): L-ATFM fil-livell tal-UE hija funzjoni regolatorja. L-ATFM f'livell lokali (jew reġjonali) hija materja regolata.

## 2.8.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati

### 2.8.2.1 L-Awtoritajiet Kompetenti

**It-30 awtorità kompetenti kollha** (kif kien stmat fil-paragrafu 2.6.2.1 ta' fuq) **u l-Aġenzija** se jkunu affettwati **minn kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet possibbli.**

Il-ħidmiet regolatorji tas-sigurtà tal-EUROCONTROL kienu kkunsidrati fil-paragrafu 2.6 ta' fuq. Mhux se jkun hemm impatt fuqhom.

### 2.8.2.2 Fornituri tal-ATFM

Attwalment il-pilastru ċentrali tal-ATFM fl-Ewropa hija l-Unità ta' Ġestjoni tal-Fluss Ċentrali (CFMU) immexxija mill-EUROCONTROL u li tinsab qrib Brussell. Se jkun hemm impatt fuq din l-unità minn kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet possibbli.

Barra minn hekk, pożizzjonijiet fil-ġestjoni tal-fluss (FMPs) diġà jeżistu virtwalment fiċ-Ċentri tal-Kontroll taż-Żona (ACC) Ewropej kollha, ħlief għall-Iżlanda, li t-traffiku tal-ajru tagħha jitmexxa fl-ambitu tar-Regġun tal-Atlantiku tat-Tramuntana. Imbagħad, l-ACCs fl-Istati Membri l-oħra tal-UE u l-Istati assoċjati mal-EASA jitmexxew minn 28 ATSPs maħtura biex imexxu t-traffiku ta' matul ir-rota fl-ispazji tal-ajru rispettivi fir-responsabbiltà tagħhom, waqt li ma jeżistux tali fornituri ta' servizz iddedikati fil-Liechtenstein u l-Lussemburgu.

Jista' jkun li fil-ġejjieni FMPs "reġjonali" jistgħu jkunu stabbiliti (per eżempju waħda għal kull FAB minflok waħda għal kull ACC). Dan mhux se jbidel in-natura tal-funzjoni. Għaldaqstant, FMPs lokali u reġjonali jistgħu jitqiesu bħala simili fir-rigward tan-natura tal-ħidma tagħhom. F'termini kwantitattivi, tali xejra, jekk timmaterjalizza, se tnaqqas l-għadd tal-FMPs. Minħabba li l-impatt potenzjali huwa l-prodott ta' żewġ fatturi (jiġifieri l-impatt fuq entità waħda mmultiplikata mal-għadd tal-entitajiet) u waqt li llum ma tista' ssir l-ebda stima preċiża biżżejjed dwar il-konsolidazzjoni potenzjali tal-FMPs fil-livell reġjonali, f'din ir-RIA l-għadd massimu tal-FMPs qed jitqies fuq il-bażi li kull ATSP ikollha FMP fl-ACCs tagħha. Fil-perspettiva tar-RIA, din hija l-aktar premessa pessimista. Jekk fil-fatt l-għadd tagħhom jonqos, l-impatt globali wkoll se jonqos.

Għaldaqstant wieħed jista' jassumi li fil-każ ta' kwalunkwe għażla l-għadd **tal-fornituri tal-ATFM affettwati (kull wieħed minnhom imexxi FMP waħda jew aktar) se jkun 28 flimkien mall-CFMU: total ta' 29.**

### 2.8.2.3 Partijiet interessati oħra involuti fl-operazzjonijiet tal-avjazzjoni

L-operaturi tal-ajru se jkunu suġġetti għar-restrizzjonijiet tal-ATFM fi kwalunkwe każ irrispettivament mill-prinċipji regolatorji tas-sigurtà magħżula. L-għażla ta' kwalunkwe waħda mill-għażliet ippreżentati ma taffettwax lill-utenti tal-ispazju tal-ajru fl-ambitu ta' din il-valutazzjoni tal-impatt.

Bl-istess mod, ir-rwol tal-operaturi tal-ajrudromi u r-rwol tal-ATSPs mhux involuti direttament fl-ATFM (per eżempju l-Unità tal-Avviċinament u t-TWR ta' kontroll fl-ajruport ta' Lussemburgu) mhux se jinbidel, tkun liema tkun l-għażla li tintgħażel.

### 2.8.2.4 Partijiet interessati oħra fl-avjazzjoni

Bħal fuq, l-għażla ta' kwalunkwe waħda mill-għażliet ippreżentati ma taffettwax u hi għal kollox irrilevanti fl-ambitu ta' din il-valutazzjoni tal-impatt għall-entitajiet l-oħra tal-avjazzjoni bħall-organizzazzjonijiet tad-disinn, il-produzzjoni jew il-manutenzjoni jew l-istituti tat-taħriġ.

### 2.8.2.5 Sommarju tal-entitajiet affettwati

Bħala konklużjoni, fuq il-bażi tat-tagħrif ippreżentat fis-subparagrafi 2.8.2.1 sa 2.8.2.4 ta' fuq, l-għadd tal-entitajiet ikkonċernati huwa stmat fit-Tabella 32 t'hawn taħt:

GĦAŻLA			L-għadd stmat			
Id.	Deskrizzjoni	Awtoritajiet	Fornituri tal-ATFM	Partijiet interessati fl-avjazzjoni oħra		
				Involuti fl-operazzjonijiet	Tekniċi u taħriġ	
3A	ATFM ta' natura regolatorja	30 + l-Aġenzija	28 + il-CFMU	0	0	
3B	ATFM ta' natura operattiva					
3C	CFMU regolatorja; FMP operattiva					

**Tabella 32: L-għadd tal-entitajiet affettwati mill-ATFM**

### 2.8.3 L-impatt fuq is-sigurtà

L-istatus tal-ATFM fir-Regolamenti tas-SES m'huwiex ċar għal kollox. Skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament qafas (KE) Nru 549/2004, l-ATFM titqies bħala funzjoni u mhux bħala servizz. Dan jista' jkun korrett, imma d-differenza ġuridika bejn tali żewġ dispożizzjonijiet, u s-sistema ta' sorveljanza sussegwenti, m'għandha definizzjoni fl-ebda parti mit-testi legali, waqt li kwalunkwe waħda miż-żewġ termini (jiġifieri "funzjoni" jew "servizz") minnha nnifisha ma tiċċarax jekk l-ATFM għandhiex natura regolatorja jew operattiva. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 2(4) tar-Regolament qafas fih definizzjoni tal-ANS, bl-ATFM b'mod ċar mhux parti minnha. Minħabba li din id-definizzjoni tinkludi kollox, dan ifisser li fil-verżjoni attwali tas-SES, l-ATFM ma titqiesx bħala servizz.

Għaldaqstant, l-ATFM hija eżentata mill-obbligu għaċ-ċertifikazzjoni tal-ANSPs stabbilit (biss) bl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 dwar il-forniment tas-servizz tas-SES. Madankollu, fil-livell tar-regoli tal-implimentazzjoni<sup>57</sup> tas-SES, l-NSAs għandhom il-kompitu li jeżerċitaw sorveljanza wkoll fuq l-ATFM (u l-ASM) ipprovduti fiż-żoni ta' responsabbiltà tagħhom. Għaldaqstant, ir-responsabbiltà għas-sorveljanza tal-ATFM hija stabbilita, mingħajr m'hemm stabbilita l-bażi legali ċara ta' kif tintwera l-konformità tagħha mar-rekwiżiti tas-sigurtà jew kwalunkwe speċifikazzjonijiet applikabbli oħra.

Hemm qbil komuni li sa issa ma feġġew l-ebda kwistjonijiet tas-sigurtà sinifikanti jew urġenti fir-rigward tal-ħidmiet tal-ATFM. Madankollu, mis-sitwazzjoni eżistenti wieħed jista' jinnota li:

- Teżisti nuqqas ta' ċarezza dwar il-bażi li fuqha tista' tkun eżerċitata s-sorveljanza fuq l-ATFM;
- Ir-rwol tal-ATFM jista' jaffettwa l-interessi ekonomiċi tal-utenti tal-ispazju tal-ajru (per eżempju dewmien jew bdil ta' rotot) kif ukoll l-interessi ekonomiċi tal-ATSPs

<sup>57</sup> Artikolu 3.1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007 tat-8 ta' Novembru 2007 dwar sorveljanza tas-sikurezza fl-amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005 (*ĠU L. 291, tad-9.11.2007, pġ. 16*).



(forniment ta' kapaċità f'ċertu żmien); b'hekk li jitħalla f'"żona ta' inċertezza" ma tistax tkun l-aħjar soluzzjoni;

- Fil-ġejjieni r-rwol tal-ATFM mistenni li potenzjalment ikopri wkoll l-inġenji tal-ajru waqt it-titjir (per eżempju li tibdlilhom ir-rota jew timponi restrizzjonijiet fuq il-veloċità/ħin), li għal darb'oħra jirrikjedi li l-interess tas-sigurtà ma jixellifx minn pressjoni ekonomika ta' diversi tipi;
- F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-ATFM jista' jkollha tibdel ir-rota ta' inġenji tal-ajru waqt li jkunu f'titjira (u dan diġà ġara fid-9 ta' Settembru 2001, meta l-Istati Uniti tal-Amerika kienet sfurzata biex f'daqqa waħda tagħlaq l-ispazju tal-ajru tagħha, waqt li għadd ta' inġenji tal-ajru kienu qed jitolqu mill-kontinent Ewropew bil-mira li jaslu hemm), li potenzjalment jista' jaffettwa wkoll l-interess ekonomiku tal-operaturi tal-ajrudromi (jiġifieri għadd ta' inġenji tal-ajru mwaqqfa fiż-żoni tal-parkeġġ).

Fuq il-bażi ta' dan ta' fuq, wieħed jikkonkludi li r-regolament tas-sigurtà tal-ATFM illum huwa subottimali. Għall-ġejjieni, f'termini ġenerali, l-għażla 3A ma tippermettix distinzjoni ċara tar-rwoli bejn l-entità regolata u l-awtorità li teżerċita s-sorveljanza fil-livell lokali jew reġjonali. Waqt li l-għażla 3B tista' tkun esposta għal compromessi bejn il-pressjoni ekonomika u r-rekwiżiti tas-sigurtà fil-livell ċentrali. Fil-każ tal-għażla 3C, wieħed jista' jassumi li l-funzjoni lokali (jew reġjonali) se tkun koperta mill-proċess ta' ċertifikazzjoni applikabbli għall-ATSPs u nkluża fil-firxa taċ-ċertifikat, bħal kwalunkwe komputu rilevanti ieħor tal-entità regolata msemmija. Il-kunsiderazzjonijiet ta' fuq f'termini ta' koeffiċjenti numeriċi qegħdin f'sommarju fit-Tabella 33 t'hawn taħt:

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Għażliet		
	3A	3B	3C
In-natura u r-regolazzjoni tal-ATFM	natura regolatorja	natura operattiva	CFMU regolatorja; FMPs operattivi
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-ATFM		
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	M'hijiex rilevanti għall-ATFM		
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	2	0	2
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	M'hijiex rilevanti għall-ATFM		
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex rilevanti għall-ATFM		
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	3	- 3	2
Ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	M'hijiex rilevanti għall-ATFM		
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti għall-ATFM		
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	M'hijiex rilevanti għall-ATFM		
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-ATFM		
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	Diskussa aktar f'paragrafu 2.11		
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	- 1	3	3
<b>IT-TOTAL</b>	<b>4</b>	<b>0</b>	<b>7</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/3 parametri kkwantifikati)</b>	<b>1.33</b>	<b>0</b>	<b>2.33</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 3 għas-sigurtà)</b>	<b>4</b>	<b>0</b>	<b>7</b>

**Tabella 33: L-impatt fuq is-sigurtà tal-għażliet għall-ATFM**

#### 2.8.4 L-Impatt Ekonomiku

Fl-għażla 3A (l-ATFM hija ta' natura regolatorja):

- L-Aġenzija se twettaq l-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni tal-NSAs, bl-ebda piż addizzjonali fir-rigward ta' dak ivvalutat fil-paragrafu 2.6.4.1;
- L-Aġenzija tista' wkoll, fuq il-bażi tal-Artikolu 54(4) tar-Regolament Bażiku tagħha, u jekk tingħata l-kompitu mill-Kummissjoni Ewropea, tispezzjona l-CFMU. Dan huwa stmat li bħala medja jkun jirrikjedi 126 siegħa ta' xogħol kull sena li jiġu 0.1 FTE (15 k€); għalkemm din il-possibbiltà tista' ma sseħħx, xorta titqies fir-RIA attwali, minħabba li tista' potenzjalment tinvolvi spiża addizzjonali;
- Għall-CFMU, diġà soġġetta għal sorveljanza fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007 li jimplimenta s-SES, xejn m'hu se jinbidel fir-rigward tal-ħidma meħtieġa biex jintlaqgħu l-verifiki;
- Dan l-istess prinċipju se japplika għall-ATSPs li jwettqu ġestjoni tal-FMPs.

Fl-għażla 3B (l-ATFM hija ta' natura operattiva):

- L-Aġenzija se twettaq spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni tal-NSAs, mingħajr piż addizzjonali, fir-rigward ta' dak evalwat fil-paragrafu 2.6.4.1;
- B'mod partikolari, minħabba li l-CFMU hija soġġetta għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza minn awtorità kompetenti, l-ebda sforz addizzjonali m'hu se jkun meħtieġ mill-Aġenzija għal tali spezzjonijiet;
- L-NSAs kompetenti għandhom mhux biss ikomplu jeżerċitaw sorveljanza bħal-lum fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007, imma anki jaqblu dwar bażi ta' ċertifikazzjoni u joħorġu ċ-ċertifikati rispettivi; il-qbil dwar il-bażi ta' ċertifikazzjoni m'huwiex kompitu rikorrenti, waqt li l-ispiża marġinali għall-ħruġ ta' ċertifikat wara sorveljanza/verifika jitqies bħala li qed tiżdied bi ftit;
- Madankollu minħabba li l-fornitur ċentrali tal-ATFM se jwettaq poteri eżekuttivi ddelegati fil-livell tal-UE, regoli ġodda u speċifiċi jridu jkunu żviluppati; l-ispiża tista' tkun fil-firxa ta' 5 FTEs (madwar 750k€);
- Bl-istess qies bħal ta' fuq, xejn m'hu se jinbidel għall-CFMU fir-rigward tal-ħidma meħtieġa biex jintlaqgħu il-verifiki;
- U għal darb'oħra, l-istess se japplika għall-ATSPs li jwettqu ġestjoni tal-FMPs.

Fl-aħħar, f'termini ekonomiċi, l-għażla 3C se jkollha impatt identiku bħall-għażla 3A.

Barra t-termini monetarji, anki l-inċertezzi ġuridiċi marbuta mal-poteri legali ddedikati biex tkun eżerċitata s-sorveljanza rigward funzjoni governattiva (jiġifieri l-CFMU) jeħtieġ li jitqiesu mill-inqas f'termini kwalitattivi.

Bħala konklużjoni, **l-ispejjeż addizzjonali** li jtnisslu mit-tliet għażliet ikkunsidrati jistgħu jkunu stmati kif ippreżentat fit-Tabella 34 t'hawn taħt:

Spiża stmata għall-ATFM	Elf €/sena		
	3A	3B	3C
	natura regolatorja	natura operattiva	CFMU regolatorja; FMPs operattivi
EASA	15	750	15
Awtoritajiet Nazzjonali	0	0	0
CFMU	0	0	0
ATSPs li jwettqu ġestjoni tal-FMPs	0	0	0
<b>IT-TOTAL</b>	<b>15</b>	<b>750</b>	<b>15</b>

**Tabella 34: L-ispejjeż stmati għas-sorveljanza tal-ATFM**

L-istimi kwantitattivi u l-osservazzjonijiet kwalitattivi ta' fuq rigward l-impatt ekonomiku jistgħu mbagħad ikunu espressi minn punteġġi, kif ippreżentat fit-Tabella 35 li ġejja:

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Għażliet		
	3A	3B	3C
<b>In-natura u r-regolazzjoni ta' l-ATFM</b>	<b>natura regolatorja</b>	<b>natura operattiva</b>	<b>CFMU regolatorja; FMPs operattivi</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ATFM		
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ATFM		
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	- 1	1	- 1
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ATFM		
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ATFM		
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ATFM		
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	2	- 3	2
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ATFM		
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ATFM		
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ATFM		
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	Diskussa f'paragrafu 2.11		
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	- 2	3	3
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 1</b>	<b>1</b>	<b>4</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/3 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 0.67</b>	<b>0.33</b>	<b>1.33</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 2 għall-ekonomija)</b>	<b>- 1.34</b>	<b>0.66</b>	<b>2.66</b>

**Tabella 35: Punteġġ tal-impatt ekonomiku għall-ATFM**

#### 2.8.5 L-impatt ambjentali

It-tliet għażliet ippreżentati kollha se jkollhom impatt newtrali fir-rigward tal-ambjent, minħabba li huma relatati biss mal-organizzazzjoni ta' xi proċessi tal-ġestjoni u s-sorveljanza.

#### 2.8.6 L-Impatt Soċjali

L-għadd tal-FTEs imsemmija fil-paragrafu 2.8.4 tant huma mnaqqsa li wieħed jista' jikkonkludi li kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet possibbli se jkollha impatt negliġibbli f'termini soċjali.

Bl-istess qies, l-impatt soċjali se jkun negliġibbli f'termini kwalitattivi, minħabba li illum il-persunal tal-CFMU u l-FMPs diġà huwa kkwalifikat ħafna u l-għażliet ippreżentati mhu se jkollhom l-ebda impatt fuq dak.

### 2.8.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA

Ma kien identifikat l-ebda impatt speċifiku fuq leġislazzjoni Komunitarja oħra għall-għażliet 3A jew 3C, li għaldaqstant għandhom jiksbu punteġġ massimu (jiġifieri +3 f'dan ir-rigward). Bil-maqlub, l-għażla 3B, li tagħti lil xi atturi ekonomiċi poteri li bihom jistgħu jippenalizzaw lil atturi oħrajn, tista' tkun kontroversjali ħafna mill-aspett tas-suq intern u s-separazzjoni tar-rwoli bejn il-funzjonijiet regolatorji u ekonomiċi. Il-punteġġ tagħha għaldaqstant jitqies bħala negattiv (-3).

### 2.8.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata

Skont il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi mogħtija fil-paragrafi 2.8.3 sa 2.8.7 ta' fuq, tista' tingħata l-matriċi li ġejja għall-MCA:

Punteġġ iddifferenzjat tal-għażliet għall-ATFM		3A	3B	3C
il-punt tal-impatt	Punteġġ Iddiffere nzjat	natura regolatorj a	natura operattiva	CFMU regolatorja; FMPs operattivi
Sigurtà	3	4	0	7
Ekonomiku	2	- 1.34	0.66	2.66
Ambjentali	3	0	0	0
Soċjali	2	0	0	0
Fuq leġislazzjoni oħra tal-UE	1	3	- 3	3
<b>IT-TOTAL IDDIFFERENZJAT</b>		<b>5.66</b>	<b>- 2.34</b>	<b>12.66</b>

**Tabella 36: Analiżi bi kriterji Multipli għall-ATFM**

**Minn din l-analiżi wieħed jista' josserva li l-għażla 3B jidher li globalment għandha impatt negattiv, partikolarment fir-rigward tat-tgħawwiġ potenzjali tas-suq intern u għax ma ġgħib l-ebda benefiċċju tas-sigurtà sinifikanti. Bil-maqlub, kemm l-għażla 3A u l-għażla 3C juru punteġġ pożittiv, fejn tal-aħħar huwa id-doppju tal-ewwel.**

B'mod partikolari, l-għażla 3C għandha impatt pożittiv massimu rigward is-sigurtà, l-aktar spiża mnaqqsa u konformità li ma tistax tkun ikkontestata mal-prinċipji u r-regoli għall-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern.

Kien għalhekk li l-Aġenzija inkludiet tali għażla 3C (jiġifieri ATFM ċentrali ta' natura regolatorja u ATFM lokali/reġjonali ta' natura operattiva) fl-Opinjoni tagħha.

## **2.9 Ġestjoni tal-Ispazju tal-Ajru (ASM)**

### 2.9.1 Għażliet oħra

L-Aġenzija tqis li l-Ġestjoni tal-Ispazju tal-Ajru (ASM) tinkludi:

- Fażi strateġika prinċipalment marbuta mad-disinn tal-limiti tar-responsabbiltà ta' entitajiet differenti tal-ATS ġol-FIR/UIRs, kif maqbul mill-Kunsill tal-ICAO (deċiżjoni prinċipalment politika) u d-disinn tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru speċifiku tagħha (per eżempju Żoni Temporanjament Segregati – TSA għall-eżerċizzji militari, eċċ.);
- Fażi pretattika, tipikament 24 siegħa qabel l-operazzjonijiet, fejn l-użu tat-TSAs u volumi tal-ispazju tal-ajru oħra huwa ppjanat f'koordinazzjoni mill-qrib bejn l-utenti tal-ispazju tal-ajru ċivili u militari fuq il-bażi tal-kunċett FUA<sup>58</sup>;
- Fażi tattika biex ikunu attivati/iddeattivati l-istrutturi tal-ispazju tal-ajru speċifiċi (per eżempju rotot ikkondizzjonati) matul il-jum tal-operazzjonijiet, għal darb'oħra, b'mod tipiku, f'koordinazzjoni mill-qrib bejn l-utenti tal-ispazju tal-ajru ċivili u militari.

<sup>58</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jstabbilixxi regoli komuni għall-Użu Flessibbli tal-Ispazju tal-Ajru (ĠU L 342, tal-24.12.2005, pġ. 20).

Fir-rigward tar-Regolament tas-sigurtà tal-ASM, l-għażliet alternattivi li ġejjin kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2 ta' fuq:

- 3D): l-ASM hija ta' natura regolatorja/governattiva;
- 3E): l-ASM hija ta' natura ta' servizz/operattiva u għaldaqstant hija ħidma regolata;
- 3F): l-ASM fil-livell tal-UE hija ta' natura regolatorja u fil-livell lokali hija ta' natura operattiva.

### 2.9.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati

Għaldaqstant, f'konformità ma' dak ippreżentat diġà fil-paragrafu 2.8.2, wieħed jista' jassumi li kwalunkwe għażla jista' jkollha impatt fuq:

- 30 awtorità tal-avjazzjoni ċivili u l-Aġenzija;
- 30 awtorità tal-avjazzjoni militari;
- Massimu ta' 30 ċelloli ċivili militari konġunti (JAMCs) kif stabbiliti mill-Istati fuq il-bażi tal-Artikolu 5.1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 imsemmi.

Ma huwa se jkun hemm l-ebda impatt fuq il-partijiet interessati l-oħra, bil-metodu li permezz tiegħu se tkun żgurata r-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ASM. Bħala konklużjoni, l-għadd tal-entitajiet li potenzjalment ikunu affettwati għal kull għażla huwa ppreżentat fit-Tabella 37 t'hawn taħt:

GĦAŻLA		L-għadd stmat			
Id.	Deskrizzjoni	Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Militari	Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Ċivili	JAMCs	Partijiet interessati fil-avjazzjoni oħra
3D	ASM ta' natura regolatorja	30	30 + l-Aġenzija	30	0
3E	ASM ta' natura operattiva				
3F	ASM regolatorja fil-livell tal-UE; operattiva fil-livell lokali				

**Tabella 37: L-għadd tal-entitajiet affettwati rigward l-ASM**

### 2.9.3 L-impatt fuq is-sigurtà

Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005, illum l-ASM titqies bħala ħidma<sup>59</sup> regolatorja/governattiva, b'mod impliċitu kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell lokali. Għaldaqstant, l-għażla 3D diġà hija implimentata llum fuq il-bażi tar-regoli tal-implimentazzjoni tas-SES, għalkemm il-bażi legali tagħha tista' ssir saħansitra aktar ċara permezz tar-Regolament Bażiku. Din is-sitwazzjoni ma wasslet għal ebda kwistjoni tas-sigurtà speċifika u identifikata. Jekk il-Komunità, meta tkun qegħda tadotta t-tieni pakkett għas-SES, tistabbilixxi xi funzjonijiet iċċentralizzati tal-ASM fir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea, dan ma jbidilx in-natura governattiva ta' din il-ħidma. Għaldaqstant, **il-benefiċċji potenzjali tal-għażla 3D ikunu jinkludu biss ċarezza ġuridika akbar**, li indirettament tista' tidher ukoll li qed tikkontribwixxi għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni.

Min-naħa l-oħra, **l-għażla 3F**, meta wieħed jagħmel differenzazzjoni bejn il-ħidmiet fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, **se tifframmenta** l-kontinwità fost il-fażijiet strateġiċi, pretattiċi u tattjiċi tal-ASM. Barra minn hekk, hija se tnissel **il-problema tar-regolazzjoni**

<sup>59</sup> Fil-fatt hemmhekk l-Istati Membri għandhom il-kompitu li jwettqu kompiti strateġiċi (Art. 4), pre-tattiċi (Art. 5) jew Tattiċi (Art. 6).

**tal-persunal militari involut fil-JAMCs** jew li tistabilixxi żewġ sistemi differenti rigward il-kompetenza tal-persunal ċivili u militari.

L-istess problemi fil-livell lokali se jtnisslu mill-**għażla 3E**, li żżid, fil-livell tal-UE, **il-possibbiltà li jista' jkollha impatt fuq il-prerogattivi tal-Kummissjoni Ewropea, kif stabbiliti mil-leġislazzjoni tas-SES.**

Il-kunsiderazzjoniet ta' fuq imbagħad iwasslu għall-punteġġi fit-Tabella 38 li ġejja:

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Għażliet		
	3D	3E	3F
<b>In-natura u r-regolazzjoni ta' l-ASM</b>	<b>natura regolarja</b>	<b>natura operattiva</b>	<b>regolatorja fil-livell tal-UE; operattiva fil-livell lokali</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	3	- 2	- 2
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	M'hijiex rilevanti għall-ASM		
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	M'hijiex rilevanti għall-ASM		
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	3	- 2	- 3
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex rilevanti għall-ASM		
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	2	- 1	- 2
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	M'hijiex rilevanti għall-ASM		
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti għall-ASM		
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwel regola proposta	M'hijiex rilevanti għall-ASM		
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	2	- 1	- 1
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	M'hijiex rilevanti għall-ASM		
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex rilevanti għall-ASM		
<b>IT-TOTAL</b>	<b>10</b>	<b>- 6</b>	<b>- 8</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/4 parametri kkwantifikati)</b>	<b>2.5</b>	<b>- 1.5</b>	<b>- 2</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJATE (Punteġġ x 3 għas-sigurtà)</b>	<b>7.5</b>	<b>- 4.5</b>	<b>- 6</b>

**Tabella 38: L-impatt fuq is-sigurtà għall-ASM**

#### 2.9.4 L-Impatt Ekonomiku

Fil-każ tal-għażla 3D, l-Aġenzija se tiżgura s-sigurtà fil-livell tal-UE permezz ta' spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni mingħar spejjeż addizzjonali għajr dawk stmata diġà fil-paragrafu 2.6.4.1.

Anki għall-awtoritajiet nazzjonali (kemm ċivili kif ukoll militari) ma hija se tiġi introdotta l-ebda tibdila fir-rigward tal-prattiki ta' llum u għaldaqstant ma hija prevista l-ebda spiża addizzjonali. L-istess huwa validu għall-JAMCs.

Fil-każ tal-għażliet 3E u 3F, minħabba n-natura speċifika tal-ASM (xi ħidmiet se jkun jeħtieġ li jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-gvern, waqt li l-JAMCs se jibqgħu jinkludu l-persunal militari) l-Aġenzija tkun trid twestaq xi ħidma għal ħidmiet ta' regolamentazzjoni speċifiċi, stmata għal madwar FTE 1, li tfisser 150 k€/sena.

L-awtoritajiet tal-avjazzjoni (ċivili) nazzjonali se jkollhom jiċċertifikaw u jissorveljaw l-attivitajiet tal-ASM (li se jsiru servizzi regolati) fil-livell lokali kemm fl-għażla 3E kif ukoll fl-għażla 3F. Madankollu, minħabba li dawn is-servizzi huma prinċipalment offruti fil-bini tal-ACCs, ħidma addizzjonali mnaqqa hija stmata li tkun meħtieġa. Għaldaqstant wieħed

jista' jassumi li għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza, kull NSA tista' tonfoq madwar 0.25 FTEs. B'kollox dan jiġi:  $30 \text{ awtorità} \times 0.25 \text{ FTEs} = 7.5 \text{ FTEs}$ , li bi spiża ta' 138.6 k€/FTE jirrappreżentaw spiża addizzjonali ta' madwar 1 040 k€/sena.

Jekk iċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza jkopru wkoll il-livell tal-UE, huwa stmat li dan se jinvolvi FTE 1 aktar, li tiġi 138.6 k€/sena. Dan jiġi b'kollox  $1\ 040 + 138.6 = 1\ 178.6$  k€/sena.

Il-ħidma addizzjonali għall-awtoritajiet militari titqies li hija negliġibbli fiż-żewġ għażliet 3E u 3F.

Bil-maqlub, huwa stmat li ħidma ta' mill-inqas 0.25 FTEs se ssir minn kull JAMC biex twettaq b'mod sħiħ ir-rekwiżiti l-ġodda. Dan, b'kollox għat-30 JAMC se jirrappreżenta  $0.25 \times 30 = 7.5$  FTEs u għaldaqstant spiża addizzjonali (immultiplikata ma' 138.6 k€) ta' 1 040 k€/sena.

L-istimi kollha ta' fuq huma miġbura f'sommarju fit-Tabella 39 t'hawn taħt:

L-ispiża stmata għall-ASM	Elf €/sena		
	3D	3E	3F
	natura regolatorja	natura operattiva	regolatorja fil-livell tal-UE; operattiva fil-livell lokali
EASA	0	150	150
Awtoritajiet Nazzjonali (ċivili)	0	1 178.6	1 040
Awtoritajiet Nazzjonali (militari)	0	0	0
JAMCs	0	1 040	1 040
<b>IT-TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>2 368.6</b>	<b>2 230</b>

**Tabella 39: Sommarju tal-impatt ekonomiku tal-ASM**

L-istimi ta' fuq imbagħad jistgħu jkunu tradotti fil-punteġġ ippreżentat fit-Tabella 40 t'hawn taħt:

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Għażliet		
	3D	3E	3F
<b>In-natura u r-regolazzjoni ta' l-ASM</b>	<b>natura regolatorja</b>	<b>natura operattiva</b>	<b>regolatorja fil-livell tal-UE; operattiva fil-livell lokali</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ASM		
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ASM		
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ASM		
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	0	- 3	- 2
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ASM		
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	2	2	- 2
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	2	- 2	- 2
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ASM		
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ASM		
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ASM		
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	2	- 3	- 2
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-ASM		
<b>IT-TOTAL</b>	<b>6</b>	<b>- 6</b>	<b>- 8</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/4 parametri kkwantifikati)</b>	<b>1.5</b>	<b>- 1.5</b>	<b>- 2</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 2 għall-ekonomija)</b>	<b>3</b>	<b>- 3</b>	<b>- 4</b>

**Tabella 40: Punteġġi għall-impatt ekonomiku tal-ASM**

#### 2.9.5 L-impatt ambjentali

Kwalunkwe waħda mill-għażliet ikkunsidrati hija stmata bħala newtrali fir-rigward tal-impatt ambjentali.

#### 2.9.6 L-Impatt Soċjali

L-għadd tal-FTEs stmati fil-paragrafu 2.9.4 huwa baxx ħafna. Barra minn hekk, l-ebda membru tal-persunal m'huwa mistenni li jkun sfurzati jibdel l-impjeg jew li jirrikjedi ħiliet ġodda. Għaldaqstant, kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet possibbli hija newtrali f'termini soċjali.

#### 2.9.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA

L-għażla 3D taqbel perfettament mar-Regolament (KE) Nru 551/2004 tas-SES u r-regoli tal-implimentazzjoni tiegħu (diġà msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005). Barra minn hekk, din tista' titqies li hija konformi wkoll mal-prinċipju li l-



ispazju tal-ajru huwa parti mis-sovranità nazzjonali. Għaldaqstant, għandha tingħata l-punteġġ massimu (jiġifieri 3) fir-rigward tal-impatt fuq atti legali oħra lil hinn mill-mandat attwali tal-EASA.

Bil-maqlub, l-għażliet 3F u 3E, b'impatt mhux biss fuq ir-regoli tal-implimentazzjoni imma wkoll fuq kwistjonijiet ta' rilevanza akbar, għandhom jingħataw l-inqas punteġġ possibbli (jiġifieri -3).

### 2.9.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata

Skont il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi mogħtija fil-paragrafi 2.9.3 sa 2.9.7 ta' fuq, tista' tingħata l-matriċi li ġejja għall-MCA:

Punteġġ iddifferenzjat tal-għażliet għall-ASM		3D	3E	3F
il-punt ta' impatt	Punteġġ Iddifferenzjat	natura regolatorja	natura operattiva	regolatorja fil-livell tal-UE; operattiva fil-livell lokali
Sigurtà	3	7.5	- 4.5	- 6
Ekonomiku	2	3	- 3	- 4
Ambjentali	3	0	0	0
Soċjali	2	0	0	0
Fuq leġiżlazzjoni oħra tal-UE	1	3	- 3	- 3
<b>IT-TOTAL IDDIFFERENZJAT</b>		<b>13.5</b>	<b>- 10.5</b>	<b>- 13</b>

**Tabella 41: Analiżi bi Kriterji Multipli għall-ASM**

**Minn din l-analiżi wieħed jista' josserva li l-għażla 3D biss jidher li globalment għandha impatt pożittiv.**

B'mod partikolari, l-għażla 3D tiżboq il-punteġġi tat-tnejn l-oħra f'termini ta' sigurtà u ekonomiċi (żero spejjeż addizzjonali), waqt li se tkun ukoll konformi mal-leġiżlazzjoni attwali lil hinn mill-mandat tal-EASA.

Huwa għalhekk li l-Aġenzija inkludiet tali għażla 3D (jiġifieri l-ASM hija ta' natura regolatorja/governattiva kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali) fl-Opinjoni tagħha. Madankollu, l-Istati jistgħu jiddeċiedu li jiddelegaw il-funzjoni tal-ASM lokali lil fornitur tal-ANS iċċertifikat u, għaldaqstant, ikollhom din il-funzjoni soġġetta għas-sorveljanza tas-sigurtà mill-awtorità kompetenti.

## **2.10 Intrapriżi żgħar u medji**

### *2.10.1 Għażliet oħra*

Fl-oqsma tal-ATM/ANS, jeżistu intrapriżi żgħar u medji (SMEs) per eżempju bħala fornituri tas-sinjali tan-navigazzjoni tar-radju rradjati minn beacons relattivament irħas u sempliċi jew l-operaturi tal-ajrudromi li jipprovdu għalihom infushom is-servizzi tat-TWR f'post waħdieni, tal-AFIS jew ta' servizzi ta' ġestjoni taż-żoni ta' parkeġġ. Għaldaqstant l-Aġenzija, permezz tal-mistoqsija 6 fl-NPA 2007-16 stiednet il-fehmiet tal-partijiet interessati dwar dawn il-materji.

Fir-RIA attwali l-għażliet alternattivi li ġejjin għall-SME kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2 ta' fuq:

- 6A): Ippermetti varjanti/derogi nazzjonali għall-SME;

- 6B): Regoli komuni pproporzjonati għall-SME li jinkludu "l-awtodikjarazzjoni";
- 6C): Regoli komuni pproporzjonati għall-SME li jinkludu ċ-ċertifikazzjoni.

### 2.10.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati

Kif kien stmat fil-paragrafu 2.6.2.1, l-għadd tal-awtoritajiet involuti minn kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet possibbli huwa 30. L-Aġenzija se tkun involuta (għar-regolamentazzjoni) biss fil-każ tal-għażliet 6B jew 6C.

Barra minn hekk, fil-paragrafu 2.6.2.3 kien stmat li llum, bejn wieħed u ieħor 150 operatur tal-ajrudromi (meqjusa bħala SME fl-oqsma tal-ATM/ANS) huma involuti fil-forniment tal-ATM/ANS. Jekk l-estensjoni tar-Regolament Bażiku toħloq kundizzjonijiet favorevoli, dan l-għadd jista' forsi jiżdied b'10%. Għaldaqstant huwa stmat li 150 SME huma involuti mill-għażla 6A (jiġifieri s-sitwazzjoni attwali), waqt li 165 (jiġifieri 150 + 10%) jistgħu jkunu interessati mill-għażla 6B jew 6C.

Bl-istess mod hemm 3 organizzazzjonijiet tad-disinn u/jew produzzjoni, kif stmat fil-paragrafu 2.6.2.4, li jipprovdu wkoll l-ATM/ANS, li huma SME f'dawn l-oqsma. Dan l-għadd ta' 3 huwa applikabbli għall-għażla 6A, waqt li fil-każ tal-għażliet 6B u 6C jista' forsi jikber għal 6.

Il-figuri msemmija huma miġbura f'sommarju fit-Tabella 42 t'hawn taħt:

GĦAŻLA		L-għadd stmat		
Id.	Deskrizzjoni	Awtoritajiet Ċivili	SME	
			Operaturi tal-ajrudromi	Organizzazzjonijiet tekniċi
6A	Varjanti nazzjonali għall-SME	30	150	3
6B	Regoli komuni pproporzjonati u awtodikjarazzjoni għall-SME	30 + l-Aġenzija	165	6
6C	Regoli komuni pproporzjonati u ċertifikazzjoni għall-SME		165	6

**Tabella 42: L-għadd tal-entitajiet affettwati fir-relazzjoni tal-SME**

### 2.10.3 L-impatt fuq is-sigurtà

Skont l-Artikolu 4 tar-"rekwiżiti komuni" (jiġifieri r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005) l-SMEs involuti fl-ATM/ANS jistgħu jiddeċiedu li jitolbu derogi mir-rekwiżiti msemmija. Ċerti fornituri ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru jistgħu jiddeċiedu li ma jutilizzawx l-opportunità li jfornu servizzi transkonfinali u jistgħu jirrevokaw id-dritt ta' rikonoxximent miż-żewġ naħat, sakemm ċerti kriterji jkunu sodisfatti. Dawn id-derogi huma deċiżi mill-NSAs, fin-nuqqas ta' kriterji armonizzati, fuq il-bażi ta' każ b'każ, li jista' jwassal għal nuqqas ta' uniformità. Barra minn hekk, l-NSAs jistgħu jagħtu derogi speċifiċi relatati mar-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet (per eżempju maniġer, detenturi ta' pożizzjoni u rapportar responsabbli) fir-rigward tad-danni u/jew l-assigurazzjoni kif ukoll fir-rigward tat-taħriġ u l-kompetenza tal-persunal tal-AFIS.

Wieħed irid jiftakar li elenku tal-isfidi potenzjali għas-sigurtà fil-ġejjieni kien ippreżentat fil-paragrafu 2.3.4. Uħud minn dawk l-isfidi huma applikabbli wkoll għall-SME li jfornu servizzi tal-ATM/ANS f'ajrudromi iżgħar miftuħa għall-użu pubbliku, bħal:

- Aktar żvilupp tal-ajrudromi reġjonali, minħabba l-konġestjoni f'dawk ewlenin u minħabba fatturi ekonomiċi oħra, li se jżidu l-kumplessità tat-traffiku fil-livell medju/baxx;
- Tkabbir kontinwu tal-avjazzjoni ġenerali u b'mod partikolari tal-Ġettijiet Ħfief Hfina (VLJ), li b'mod operattiv u ekonomiku kapaċi jfornu servizz ta' taksi bl-ajru għall-ajrudromi minuri, li jikkontribwixxu biex iżidu l-kumplessità u d-densità tat-traffiku f'livell baxx;
- Dħul fl-użu operattiv ta' proċeduri tal-EGNOS għal avviċinament ibbażat fuq l-istrumenti, li se jseddqu wkoll il-possibbiltà li jintużaw ajrudromi minuri;
- Proċeduri tal-istrumenti għall-ħelikopters;
- Użu operattiv ta' Sistemi tal-Ajru Bla Ekwipaġġ (UAS) li huma kategorija li qed tikber u potenzjalment tista' tkun sinifikanti għall-utenti tal-ġejjieni tal-ispazju tal-ajru mhux issegregat.

L-għażla 6A tfisser li bażikament jinżamm l-Artikolu 4 tar-"rekwiżiti komuni", li jippermetti varjanti nazzjonali sinifikanti għall-prezz taċ-ċaħda tar-rikonoxximent miż-żewġ naħat. Bil-maqlub, iż-żewġ għażliet 6B u 6C se jwasslu għal regoli komuni. Il-mezz primarju għall-verifika tal-implimentazzjoni tagħhom se tkun l-"awtodikjarazzjoni" fil-każ tal-għażla 6B u l-proċess normali taċ-ċertifikazzjoni tal-ANSP fl-għażla 6C.

Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet esposti fuq, l-impatt fuq is-sigurtà tat-tliet għażliet taħt kunsiderazzjoni jista' jkun ippreżentat fit-Tabella 43 t'hawn taħt:

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Għażliet		
	6A	6B	6C
<b>Regolazzjoni tas-sigurtà tal-SME fl-oqsma tal-ATM/ANS</b>	<b>Varjanti nazzjonali</b>	<b>Regoli komuni pproporzjonati + awtodikjarazzjoni</b>	<b>Regoli komuni pproporzjonati + ċertifikazzjoni</b>
Regolazzjoni tas-sigurtà separata b'mod ċar minn forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-SME		
Applikazzjoni tal-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA (għall-ATM/ANS)	- 3	3	3
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni għall-ATM/ANS	- 1	1	1
L-ATM/ANS fil-qafas regolatorju tas-sigurtà tal-EASA	- 1	2	2
Regoli orizzontali għas-sistemi ta' ġestjoni	Lil hinn mill-ambitu ta' dan il-paragrafu		
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	M'hijiex rilevanti għal dan il-paragrafu		
Bażi għaċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati jew aktar	M'hijiex rilevanti għall-SME		
Simplifikazzjoni (imma regoli uniformi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	- 3	3	1
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola proposta	- 1	3	3
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	M'hijiex rilevanti għall-SME		
Arranġamenti fost l-awtoritajiet għall-użu razzjonali tar-riżorsi	M'hijiex rilevanti għall-SME		
Proċess konsistenti għas-sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex rilevanti għal dan il-paragrafu		
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 9</b>	<b>12</b>	<b>10</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/5 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 1.8</b>	<b>2.4</b>	<b>2</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 3 għas-sigurtà)</b>	<b>- 5.4</b>	<b>7.2</b>	<b>6</b>

**Tabella 43: L-impatt fuq is-sigurtà tal-għażliet għall-SME**

Fit-Tabella 43 ta' fuq, wieħed jista' josserva li l-għażla 6A hija subottimali f'termini ta' sigurtà, waqt li ż-żewġ għażliet 6B u 6C jissodisfaw b'mod sfiż ir-rekwiżiti tas-sigurtà f'miżura komparabbli.

#### 2.10.4 L-Impatt Ekonomiku

Minħabba li l-għażla 6A tirrifletti s-sitwazzjoni attwali, wieħed jista' jassumi li ma timplikax spejjeż addizzjonali, jew tfaddil. Għaldaqstant l-ispejjeż addizzjonali għall-għażliet 6B u 6C se jkun stmati fil-konfront tal-ewwel waħda li se tittieħed bħala linja bażi.

Fiż-żewġ għażliet, 6B u 6C, mhux se jkun hemm spejjeż addizzjonali għall-Aġenzija, la għaċ-ċertifikazzjoni (l-ebda rwol previst fir-rigward tal-SME) jew l-istandardizzazzjoni (diġà stmata fil-paragrafu 2.6.4.1).

Bil-maqlub, għaż-żewġ għażliet huwa stmat li FTE 1 għandha tkun iddedikata għall-iżvilupp tar-regoli għall-SME, li tfisser spiża ta' 150 k€/sena.

Illum l-NSAs iridu jiddeċiedu dwar id-deroga b'mod iżolat u fuq il-bażi ta' każ b'każ (jiġifieri l-għażla 6A). Fiż-żewġ għażliet 6B u 6C, għall-kuntrarju, se jkun hemm regoli komuni, mezz ta' konformità komuni aċċettabbli u materjal ta' gwida komuni. Minħabba li l-SME madankollu jirrikjedu ħidma żgħira mill-NSAs, wieħed jassumi li benefiċċju żgħir (jiġifieri 0.1 FTE biss) f'termini ta' ħidma ffrankata jista' jingħata lilhom miż-żewġ għażliet 6B jew 6C.

Għaldaqstant, minħabba li l-għadd tal-awtoritajiet affettwati kien stmat li hu 30, il-ħidma ffrankata b'kollox se tkun  $30 \times 0.1 = 3$  FTEs, li bi spiża ta' 138.6 k€, tfisser tfaddil ta'  $138.6 \times 3 = 415.8$  k€/sena.

Il-150 operatur tal-ajrudromi huma diġà soġġetti għad-dispożizzjonijiet relatati mal-għażla 6A, mela għalihom mhux se jkun hemm spejjeż addizzjonali jew imnaqqsa f'dan il-każ.

Fil-każ tal-għażla 6B (regoli komuni u awtodikjarazzjonijiet) huwa stmat li kull waħda mill-165 (jiġifieri 150 flimkien ma' 10%) ajrudromi involuti se jkollhom jonfqu medja ta' 0.2 FTEs biex jiffamiljarizzaw lilhom infushom mar-regoli. Imma din il-ħidma se tkun ibbilanċjata bl-eliminazzjoni tal-ħtieġa li jinnegożjaw derogi mal-awtorità. Fi kliem ieħor iż-żewġ effetti jistgħu jitqiesu li jibbilanċjaw lil xulxin u għaldaqstant, minħabba li l-ħidma meħtieġa mill-"awtodikjarazzjoni" hija negliġibbli, l-għażla 6B għalihom tista' titqies bħala newtrali fir-rigward tal-ispejjeż.

Bil-maqlub, fil-każ tal-għażla 6C, piż addizzjonali, stmat li jkun 0.1 FTE, huwa meħtieġ għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni għal kull SME. Għaldaqstant  $0.1 \times 165 = 16.5$  FTEs b'kollox  $\times 138.6$  k€ = 2 286.9 k€/sena.

Bl-istess mod, għas-6 organizzazzjonijiet tekniċi li potenzjalment ikollhom impatt mill-għażla 6C, l-ispiża tista' tkun stmata li tiġi  $0.1$  FTE  $\times 6$  entitajiet =  $0.6$  FTE  $\times 138.6$  k€ = 83 k€/sena.

L-ispiża stmata għall-ASM	Elf €/sena		
	6A	6B	6C
	Varjanti nazzjonali	Regoli komuni pproporzjonati + awtodikjarazzjoni	Regoli komuni pproporzjonati + ċertifikazzjoni
EASA	0	150	150
Awtoritajiet nazzjonali	0	- 415.8	- 415.8
Operaturi tal-ajrudromi	0	0	2 286.9
Organizzazzjonijiet tekniċi	0	0	83
<b>IT-TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>- 265.8</b>	<b>2 104.1</b>

**Tabella 44: Impatt monetarju għall-SME**

**Wieħed faċilment jikkonkludi li l-għażla 6A hija newtrali fir-rigward tal-ispejjeż, waqt li s-simplifikazzjoni tas-sistema skont l-għażla 6B se twassal għal tfaddil ekonomiku marġinali. Bil-maqlub, l-għażla 6C se tiswa madwar 2 M€/sena, li jitħallsu mill-SME.**

Fil-qosor, punteġġ newtrali (jiġifieri 0) jista' jingħata lill-għażla 6A, punteġġ kemmxejn pożittiv (jiġifieri 1) lill-għażla 6B u punteġġ definittivament negattiv (jiġifieri - 3) lill-għażla 6C. Dawn il-figuri mhux dimensjonali jeħtieġ li jkunu mmultiplikati bil-"punteġġ iddifferenzjat" ta' 2 fil-każ tal-impatt ekonomiku.

#### 2.10.5 L-impatt ambjentali

F'termini ambjentali l-għażla 6A għandha titqies bħala newtrali, minħabba li ma tbiddilx is-sitwazzjoni attwali. Bil-maqlub, iż-żewġ għażliet 6B u 6C, permezz ta' regoli komuni u rikonnoxximent miż-żewġ naħat, jistgħu jikkontribwixxu għal żieda fl-użu ta' ajrudromi iżgħar, biex b'hekk inaqqsu l-ħsejjes u t-tniġġis minn żoni li għandhom konġestjoni akbar. Għaldaqstant, għalihom impatt ambjentali kemmxejn pożittiv (jiġifieri +1) għandu jkun immultiplikat mal-"punteġġ iddifferenzjat" ta' 3.

#### 2.10.6 L-Impatt Soċjali

L-għadd tal-FTEs involuti għal kull entità, kif stmat fil-paragrafu 2.10.4, huwa negliġibbli. Għaldaqstant kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet possibbli trid titqies newtrali f'termini soċjali.

#### 2.10.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA

L-għażla 6A hija konformi mar-regoli tal-implimentazzjoni stabbiliti permezz tal-komitoloġija fil-qafas tas-SES. Iż-żewġ għażliet l-oħra se jirrikjedu, meta jkun il-waqt, irrevoka tal-Artikolu 4 tar-"rekwiżiti komuni".

Wieħed għandu jiftakar li mill-1985 il-Kunsill kien ta bidu għall-"mudell ġdid"<sup>60</sup> għas-sigurtà tal-prodotti fis-suq waħdieni. Il-prinċipju li jmxexxi l-"mudell ġdid" min-naħa waħda jħares liċ-ċittadini, imma min-naħa l-oħra jimmira li:

- jiżgura r-rikonnoxximent miż-żewġ naħat;
- jħaffef id-dħul fis-suq tal-SME;
- jissimplifika r-rekwiżiti, waqt li jiżgura l-uniformità;
- jippermetti, kull meta jkun possibbli, l-awtodikjarazzjoni mill-entità li toffri l-prodott.

Fir-rigward ta' dak li hemm referenza għalih fuq, donnu jidher ċar li:

- L-għażla 6A titbiegħed totalment mill-"mudell ġdid", għaldaqstant il-punteġġ tagħha għandu jkun negattiv (jiġifieri - 2);
- L-għażla 6B, bil-maqlub, tapplika b'mod sħiħ il-prinċipju tal-"mudell ġdid", inkluża l-possibbiltà tal-"awtodikjarazzjoni" (punteġġ + 3);
- L-għażla 6C ukoll tmur għall-"mudell ġdid", madankollu timponi proċess ta' ċertifikazzjoni (punteġġ + 1).

<sup>60</sup> Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar mudell ġdid għall-armonizzazzjoni teknika u standards tekniċi (ĠU C 136, tal-4.6.1985, pġ. 1).

### 2.10.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata

Skont il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi mogħtija fil-paragrafi 2.10.3 sa 2.10.7 ta' fuq, tista' tingħata l-matriċi li ġejja għall-MCA:

Punteġġ iddifferenzjat tal-għażliet għall-SME		6A	6B	6C
il-punt ta' impatt	Punteġġ Iddifferenzjat	Varjanti nazzjonali	Regoli komuni pproporzjonati + awtodikjarazzjoni	Regoli komuni pproporzjonati + ċertifikazzjoni
Sigurtà	3	- 5.4	7.2	6
Ekonomiku	2	0	2	- 6
Ambjentali	3	0	3	3
Soċjali	2	0	0	0
Fuq leġiżlazzjoni oħra tal-UE	1	- 2	3	1
<b>IT-TOTAL IDDIFFERENZJAT</b>		<b>- 7.4</b>	<b>15.2</b>	<b>4</b>

**Tabella 45: Analiżi bi kriterji Multipli għall-SME**

**Minn dan ta' fuq wieħed jista' josserva li l-għażla 6A globalment għandha impatt negattiv. Fost iż-żewġ għażliet li baqa', l-għażla 6B tikseb punteġġ li hu madwar erba' darbiet aħjar minn ta' 6C.**

B'mod partikolari, l-għażla 6B tikseb punteġġ akbar minn 6C f'termini ekonomiċi, u f'termini tar-relazzjoni mal-leġiżlazzjoni komunitarja l-oħra.

Huwa għalhekk li l-Aġenzija inkludiet l-għażla 6B (jiġifieri regoli komuni imma pproporzjonati u l-possibbiltà tal-awtoċertifikazzjoni għall-SME) fl-Opinjoni tagħha.

### **2.11 Ċertifikazzjoni tal-ANSPs pan-Ewropej**

#### *2.11.1 Għażliet oħra*

L-għażliet alternattivi li ġejjin għaċ-ċertifikazzjoni tal-ANSPs pan-Ewropej kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2:

- 8A): "tagħmel xejn", li tfisser li l-ANSPs kollha huma ssorveljati minn NSA;
- 8B): Il-fornituri joffru servizzi f'aktar minn Stat wieħed (anki servizzi transkonfinali limitati) issorveljati mill-Aġenzija;
- 8C): Il-fornituri "waħdanin" joffru servizzi f'erba' Stati jew aktar issorveljati mill-Aġenzija.

B'mod partikolari l-għażla 8C):

- teskludi servizzi transkonfinali limitati, li qatt ma jkopru erba' Stati;
- teskludi l-forniment tal-ATS f'FAB, jekk ikun organizzat permezz ta' kooperazzjoni bejn għadd ta' ATSPs nazzjonali, li jibqgħu entitajiet indipendenti, għalkemm ikollhom proġett komuni;
- **tinkludi** l-każ ta' fornitur tal-ATS waħdieni f'FAB li jkopri mill-inqas erba' Stati: f'dan il-każ, mela, l-ACC ta' **Maastricht** ta' Fuq se tkun issorveljata mill-Aġenzija.

#### *2.11.2 Il-grupp fil-mira u n-numru tal-entitajiet ikkonċernati*

Fil-każijiet kollha, l-industrija tal-manifattura jew tal-manutenzjoni m'hijiex affettwata minn kwalunkwe waħda mill-għażliet, minħabba li ma tipprovdix servizzi. L-utenti tal-ispazju tal-ajru m'humiex affettwati lanqas għax huma soġġetti għal skemi ta' ċertifikazzjoni differenti.

Fl-għażla 8A se jkun hemm impatt fuq it-30 NSAs kollha (imma mhux l-Aġenzija). Ma jkunx hemm impatt fuq l-ANSPs għax huma diġà suġġetti għaċ-ċertifikazzjoni.

Fl-għażliet 8B u 8C se jkun hemm impatt fuq it-30 NSAs kollha, kif ukoll fuq l-Aġenzija. Fir-rigward tal-NSPs, dawk potenzjalment affettwati huma dawn li ġejjin:

- Fornituri ta' sinjali tan-navigazzjoni bis-satellita bħall-EGNOS jew GALILEO;
- Fornituri ta' servizzi ta' xibka tal-komunikazzjoni, kemm fissi kif ukoll mobbli jew it-tnejn;
- Fornituri ta' dejta ta' sorveljanza fuq żewġ Stati jew aktar;
- Fornituri ta' tagħrif aeronawtiku (bħall-grupp EAD jew il-fornitur potenzjali tal-ġejjieni ta' SWIM) f'żewġ Stati jew aktar;
- Fornituri waħdanin tal-ATS f'żewġ Stati jew aktar.

L-għadd tagħhom huwa stmat fil-firxa ta' 10 għall-għażla 8C.

Fl-għażla 8B l-ATSPs nazzjonali kollha huma affettwati, minħabba li jipprovdu servizzi transkonfinali fuq skala limitata. Għaldaqstant f'din l-għażla l-għadd tagħhom huwa stmat li hu  $30 + 10 = 40$ .

L-GĦAŻLA		L-għadd stmat	
Id.	Deskrizzjoni	Awtoritajiet	ANSPs
8A	Il-fornituri kollha ssorveljati mill-NSAs	30	0
8B	L-EASA tissorvelja lill-fornituri kollha li joffru servizzi f'aktar minn Stat wieħed (anki transkonfinali)	30 + l-Aġenzija	40
8C	L-EASA tissorvelja biss lill-fornituri ta' servizzi lil 4 Stati jew aktar.		10

**Tabella 46: Fornituri pan-Ewropej affettwati**

### 2.11.3 L-impatt fuq is-sigurtà

Il-maġġoranza tal-fornituri affettwati huma organizzazzjonijiet kumplessi, li jfornu servizzi sofistikati permezz tal-użu ta' sistemi tekniċi kbar u interkonnessi. Madankollu r-riżorsi disponibbli għas-sorveljanza tagħhom huma relattivament limitati. Il-lezzjonijiet mitgħallma minn proġetti ta' ċertifikazzjoni kumplessa li jibqgħu għaddejin (iċ-ċertifikazzjoni tal-ACC ta' Maastricht jew dik tal-EGNOS) juru l-ħtieġa għal kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, ikun min ikun dak li fl-aħħar se jiffirma ċ-ċertifikat. Dan jibqa' jgħodd anki jekk il-leġiżlatur jiddeċiedi li jagħti r-responsabbiltà legali għaċ-ċertifikazzjoni lill-Aġenzija. Din tal-aħħar b'mod neċessarju se tinvolvi riżorsi li attwalment huma disponibbli fl-NSAs.

Għaldaqstant wieħed jassumi li ċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza ta' dawk il-fornituri kumplessi se jkunu ħidmiet kollettivi, għall-inqas sakemm il-komunità tar-regolaturi jkollha tibni proċessi regolatorji f'qasam li sar suġġett għar-regolazzjoni dan l-aħħar biss. Għaldaqstant kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet possibbli trid titqies bħala pożittiva ħafna, minħabba li se tkun implimentata bil-kondiviżjoni tal-aħjar riżorsi disponibbli fuq skala kontinentali, li mbagħad tħaffef ir-rikonoxximent miż-żewġ naħat u l-iskambju immedjat tat-tagħrif dwar is-sigurtà, meta tinqala l-ħtieġa. Madankollu l-għażliet 8B u 8C jistgħu jkunu mistennija li jippreżentaw vantaġġ safejn l-Aġenzija għandha prattika tajba fl-immaniġġjar ta' proġetti ta' ċertifikazzjoni kumplessa f'oqsma oħra tas-sigurtà tal-avjazzjoni, li jista' jkun disponibbli għall-ATM/ANS. Madankollu wieħed jirrikonoxxi li l-lokazzjoni tal-Aġenzija u l-ħaddiema multinazzjonali tagħha jistgħu ma jkunux adattati b'mod sħiħ għas-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet mifruxa mat-territorju kollu tal-Komunità; għaldaqstant il-vantaġġ imsemmi fuq jista' jkun annullat fil-każ tal-għażla 8B. L-evoluzzjoni fuq perjodu itwal se twassal għal trasferiment progressiv tar-riżorsi mill-

NSAs għall-Aġenzija; dan jittqies li jwassal għal riżultat stabbli fir-rigward tal-għażla 8C, waqt li l-iżvantaġġ tal-għażla 8B imsemmi hawn fuq saħansitra se jizjed.

Bħala konklużjoni, wieħed jassumi li l-għażla 8A u 8B jippreżentaw l-istess punteġġ pożittiv ta' + 2 fir-rigward tas-sigurtà, waqt li l-għażla 8C tikseb punteġġ saħansitra aktar għoli: + 3. Il-punteġġi kollha jridu jkunu mmultiplikati b' "punteġġ iddifferenzjat" ta' 3.

#### 2.11.4 L-Impatt Ekonomiku

Minħabba li l-ANSPs huma diġà soġġetti għal ċertifikazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, ir-RIA attwali mhux se tevalwa l-impatt tal-għażliet diversi fuq l-ispiża taċ-ċertifikazzjoni bħala tali, imma se tikkonċentra fuq il-varjazzjonijiet ta' tali spiża bħala funzjoni tad-diversi għażliet.

L-Artikolu 2.3 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tas-SES jistabbilixxi li, fil-każ tal-fornituri multinazzjonali, l-Istati jridu jistabbilixxu arranġamenti speċifiċi għal sorveljanza kollettiva fuq il-bażi ta' każ b'każ. Dan il-proċess tat-twaqqif u l-ġestjoni ta' arranġamenti multilaterali tista' tabilħaqq tkun ħidma intensiva. Għall-għażla 8A wieħed jassumi li kull NSA, bħala medja, tiddedika madwar 0.5 FTEs għal dan bi spiża ta' 0.5 FTEs x 30 NSA affettwata = 15 FTE x 138.6 k€ = 2,079 k€/sena.

Fl-għażliet 8B u 8C, fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku, la se jkunu meħtieġa negozjati fit-tul fost l-NSAs u lanqas ftehim multilaterali. Għaldaqstant l-ispiża ta' madwar 2 M€/sena għall-NSAs tista' tkun eliminata. Anki għal dawk l-għażliet, xejn mhu se jinbidel għall-ANSPs, suġġetti dejjem għaċ-ċertifikazzjoni.

Madankollu, l-Aġenzija, anki jekk isserraħ fuq ir-riżorsi disponibbli fl-NSAs, se jkollha tiddedika xi ħidma għal tali proġetti ta' ċertifikazzjoni kumplessa. Huwa stmat li għal kull ANSP pan-Ewropea l-Aġenzija se jkollha tonfoq madwar 0.4 FTEs, bħala medja, kull sena għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza.

Imbagħad fil-każ tal-għażla 8C l-ispiża hija stmata li tkun: 0.4 FTEs x 10 ANSPs = 4 FTEs x 150 k€ = 600 k€/sena.

Fil-każ tal-għażla 8B, l-ispiża hija stmata li tkun: 0.4 FTEs x 40 ANSPs = 16 FTEs x 150 k€ = 2 400 k€/sena.

L-ispiża stmata għall-ASM	Elf €/sena		
	8A	8B	8C
	L-ANSPs kollha ssorveljati mill-NSAs	L-ANSPs transkonfinali kollha ssorveljati mill-EASA	L-ANSPs għal 4 Stati ssorveljati mill-EASA
EASA	0	2 400	600
NSAs	2 079	0	0
ANSPs	0	0	0
<b>IT-TOTAL</b>	<b>2 079</b>	<b>2 400</b>	<b>600</b>

**Tabella 47: L-ispiża stmata għas-sorveljanza tal-fornituri pan-Ewropej**

L-għażla 8C se tkun l-orħos; għandha tkun assenjata l-punteġġ massimu: 3 x "punteġġ iddifferenzjat" ta' 2 = 6. Bil-maqlub, l-għażliet 8A u 8B għandhom jittqiesu kemmxejn negattivi (jiġifieri punteġġ - 1 x 2 = - 2).

#### 2.11.5 L-impatt ambjentali

Kwalunkwe waħda mill-għażliet kkunsidrati hija newtrali fir-rigward tal-impatt ambjentali.



### 2.11.6 Impatt Soċjali

Minħabba l-għadd limitat tal-persunal involut, l-għażla bejn id-diversi għażliet titqies bħala newtrali f'termini soċjali.

### 2.11.7 L-impatt fuq rekwiżiti Komunitarji oħra lil hinn mill-ambitu attwali tal-EASA

Id-dispożizzjonijiet tas-SES għandhom l-għan li jeliminaw il-frammentazzjoni mix-xenarju tal-avjazzjoni fl-UE. L-istess objettiv kien enfasizzat mir-rapport imsemmi tal-HLG. Barra minn hekk, il-KE ffirmat ftehim dwar il-kooperazzjoni miż-żewġ naħat mal-Aġenzija Ewropea tal-Ispazju (ESA)<sup>61</sup>, li attwalment m'hemmx kontroparti għaliha fil-livell tal-UE rigward ir-regolazzjoni tas-sigurtà tas-sistema tal-avjazzjoni kollha. L-istess jgħodd għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-GNSS (GSA)<sup>62</sup>. Mhux eskluż li jfeġġu aktar ANSPs pan-Ewropej mill-programm SESAR.

Meta jitqiesu dawn il-fatturi, l-impatt jista' jkun stmat bħalma jidher fit-Tabella 48 t'hawn taħt:

Għanijiet Speċifiċi/Indikaturi tar-Riżultat	Għażliet		
	8A	8B	8C
<b>Regolazzjoni tal-ANSPs pan-Ewropej</b>	<b>L-ANSPs kollha ssorveljati mill-NSAs</b>	<b>L-ANSPs transkonfinali kollha ssorveljati mill-EASA</b>	<b>L-ANSPs tabilħaqq pan-Ewropej ssorveljati mill-EASA</b>
Is-sigurtà separata minn regolazzjoni oħra	- 2	3	3
Il-proċedura tar-regolamentazzjoni tal-EASA	M'hijiex rilevanti f'dan il-paragrafu		
Spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni	M'hijiex rilevanti f'dan il-paragrafu		
L-ATM/ANS fil-qafas tas-sigurtà tal-EASA	- 3	3	1
Regoli għas-sistemi ta' ġestjoni	M'hijiex rilevanti f'dan il-paragrafu		
Separazzjoni ċara tar-rwoli bejn l-awtoritajiet u l-fornituri	M'hijiex rilevanti f'dan il-paragrafu		
Ċertifikazzjoni ta' fornituri f'4 Stati	- 3	3	3
Simplifikazzjoni (imma regoli unifromi) għall-AFIS u l-ġestjoni taż-żona ta' parkeġġ	M'hijiex rilevanti f'dan il-paragrafu		
Valutazzjoni tal-impatt għal kwalunkwe regola	M'hijiex rilevanti f'dan il-paragrafu		
Link elettroniku ma' forom oħra ta' regolazzjoni	- 2	3	3
Użu razzjonali tar-riżorsi	- 1	2	1
Sorveljanza tal-funzjonijiet kollha tal-ACC	M'hijiex rilevanti f'dan il-paragrafu		
<b>IT-TOTAL</b>	<b>- 11</b>	<b>14</b>	<b>11</b>
<b>PUNTEĠĠ MEDJU (□/5 parametri kkwantifikati)</b>	<b>- 2.2</b>	<b>2.8</b>	<b>2.2</b>
<b>PUNTEĠĠ IDDIFFERENZJAT (Punteġġ x 1)</b>	<b>- 2.2</b>	<b>2.8</b>	<b>2.2</b>

**Tabella 48: Impatt fuq leġiżlazzjoni oħra għall-ANSPs pan-Ewropej**

<sup>61</sup> Ftehim qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Aġenzija Ewropea tal-Ispazju (ĠU L 261, tas-6.8.2004, pġ. 64).

<sup>62</sup> Stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (ĠU L 246, tas-27.7.2004, pġ. 1).

### 2.11.8 Analiżi bi kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata

Skont il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi mogħtija fil-paragrafi ta' qabel, kienet elaborata l-matriċi tal-MCA li ġejja.

Punteġġ iddifferenzjat tal-għażliet għall-ANSPs pan-Ewropej		8A	8B	8C
Il-punt tal-impatt	Punteġġ Iddifere nzjat	L-ANSPs kollha ssorveljati mill-NSAs	L-ANSPs transkonfinali kollha ssorveljati mill-EASA	ANSPs verament pan-Ewropej issorveljati mill-EASA
Sigurtà	3	6	6	9
Ekonomiku	2	-2	- 2	6
Ambjentali	3	0	0	0
Soċjali	2	0	0	0
Fuq leġiżlazzjoni oħra tal-UE	1	- 2.2	2.8	2.2
<b>IT-TOTAL IDDIFFERENZJAT</b>		<b>1.8</b>	<b>6.8</b>	<b>17.2</b>

**Table 49: Analiżi bi kriterji Multipli għall-ANSPs pan-Ewropej**

**II-MCA turi li l-ebda għażla m'għandha impatt negattiv b'mod globali. Madankollu l-għażla 8C tikseb punteġġ ħafna aħjar minn 8A kif ukoll minn 8B.**

B'mod partikolari, l-għażla 8C tikseb punteġġ ikbar minn tal-oħrajn fir-rigward tas-sigurtà u l-aspetti ekonomiċi.

Kien għalhekk li l-Aġenzija inkludiet tali għażla 8C (jiġifieri l-Aġenzija tiċċertifika u tissorvelja l-entitajiet waħdanin li joffru l-ANS f'4 Stati jew aktar) fl-Opinjoni tagħha.

### 3. Konklużjonijiet

Wara li vvalutat l-impatt ta' kull għażla kkunsidrata, f'konfront mal-għanijiet speċifiċi tal-politika proposta, fir-rigward tal-aspetti tas-sigurtà, ekonomiċi, ambjentali, u soċjali, kif ukoll fir-rigward ma' politiki oħra, l-Aġenzija tikkunsidra li l-estensjoni tal-kompetenzi tagħha għar-regolazzjoni tas-sigurtà tal-ATM/ANS hija ġġustifikata, b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċċji għas-sigurtà u l-benefiċċji ekonomiċi.